# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 28 ta' Lulju 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Roderick CAMILLERI u**
**Anthony MANGION**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Lulju 2021 kontra Roderick CAMILLERI, KI 0245583M u Anthony MANGION, KI 0625047M li ġew mixlija talli nhar it-2 ta' Marzu 2020 għal ħabta tas-1420 ġewwa Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun u Triq Antonio Miruzzi, f'Santa Venera, in suċċint, irrendew ruħhom ħati ta':

   i) Omiċidju involontarju ta' Maria Assunta Pace, KI0167165M fis-sensi tal-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali;
   ii) Ħsara Involontarja fis-sensi tal-Artikolu 328(a)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
   iii) Dikjarazzjoni jew tagħrif falz lil Awtorita Pubblika fis-sensi tal-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali;
   iv) Ksur tal-Avviż Legali 136/2019 fir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjeta ta' Terzi Persuni ossija l-Leġislazzjoni Sussidjarja 512.06 tal-Liġijiet ta' Malta numri 2, 3, 4, 7, 8, 10 u b'mod partikolari dikjarazzjoni falza fis-sensi tar-regolament numru 21(5);

   Lil Anthony MANGION, waħdu wkoll:

v) Ksur tal-Avviż Legali 136/2019 fir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjeta ta' Terzi Persuni ossija l-Leġislazzjoni Sussidjarja 512.06 tal-Liġijiet ta' Malta numri 2, 3, 4, 7, 8, 10 u b'mod partikolari li naqas milli josserva dikjarazzjoni tal-metodu fis-sensi tar-regolament numru 21(3);

U Dawn ukoll bl-applikazzjoni tal-artikoli 15A, 17, 23, 30, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li rat l-artikoli 17, 23, 188(1), 225(1), 328(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll ir-regolamenti 21(3) u 21(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 512.06 tal-Liġijiet ta' Malta sabet:

(a) lill-imputat Roderick CAMILLERI ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu iġifieri l-imputazzjonijiet kollha kontrih, u wara li rat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħditu taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal erba' mija u tmenin siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet li ġie anness mas-sentenza. A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti ddikjarat li qabel ma emanat dak l-ordni fissret lill-ħati Roderick CAMILLERI bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha li kienu elenkati fid-digriet li ġie mehmuż mas-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa setgħa jingħata sentenza għar-reati li tagħhom insab ħati b'dik is-sentenza nonche l-konsegwenzi kollha li jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni mogħti. Apparti dan il-Qorti kkundannatu wkoll għal multa ta' għaxart elef euro (€10,000);

(b) lil Anthony MANGION mhux ħati tat-tielet, raba, ħames u sitt imputazzjonijiet u għalhekk illiberatu minnhom filwat li sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet li ġew dedotti kontra tiegħu u u wara li rat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħditu taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal erba' mitt siegħa f'dak il-post u

b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet li ġie anness mas-sentenza. A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti ddikjarat li qabel ma emanat dak l-ordni fissret lill-ħati Anthony MANGION bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha li kienu elenkati fid-digriet li ġie mehmuż mas-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa setgħa jingħata sentenza għar-reati li tagħhom insab ħati b'dik is-sentenza nonche l-konsegwenzi kollha li jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni mogħti. Apparti dan il-Qorti kkundannatu wkoll għal multa ta' tmint elef euro (€8,000);

(c) inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannat liż-żewġ ħati sabiex iħalsu lir-Reġistratur fi kwoti indaqs bejniethom l-ammont ta' dsatax il-elf mitejn sitta u disgħin euro tletin ċenteżmu rappreżentanti nofs l-ammont tal-ispejjeż inkorsi fil-proċeduri u fil-kors tal-inkjesta maġisterjali.

## C. L-APPELL INTERPOST MILL-AVUKAT ĠENERALI

3. Illi kemm il-ħati CAMILLERI u MANGION fuq naħa, kif ukoll l-Avukat Ġenerali fuq in-naħa l-oħra, appellaw minn din is-sentenza.

4. L-Avukat Ġenerali jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi (in suċċint):

   a. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat CAMILLERI ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;
   b. Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat MANGION ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u fejn illiberatu mit-tielet, raba' u sitt imputazzjoni;
   c. Tikkonfermaha fil-kap tal-ispejjeż;
   d. Tħassarha fil-parti fejn imponiet dik il-piena lil Roderick CAMILLERI;
   e. Tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-Anthony MANGION mhux ħati tal-ħames imputazzjoni;
   f. Tħassarha fil-parti fejn imponiet dik il-piena lil Anthony MANGION;

U minflok:

g. Teroga piena komplessiva iżjed oneruża fil-konfront ta' Roderick CAMILLERI b'mod li tirrispekkja l-gravita tar-reati kif dedotti kontrih;
h. Issib lil Anthony MANGION ħati wkoll tal-ħames imputazzjoni dedotta kontra tiegħu;
i. Teroga piena komplessiva iżjed oneruża fil-konfront ta' Anthony MANGION b'mod li tirrispekkja l-gravita tar-reati kif dedotti kontrih, inkluż dik misjuba fil-ħames imputazzjoni.

5. L-aggravji miġjuba l-quddiem mill-Avukat Ġenerali huma, fil-qosor is-segwenti:

   a. Bis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irrikonoxxiet li CAMILLERI u MANGION kienu negliġenti b'mod "inġenti" fil-qadi tal-professjonijiet tagħhom bil-konsegwenza li kkontribwew għall-mewt ta' Miriam Pace li ġiet mirduma fil-kroll ta' darha u għad-danni magħmula fil-proprjeta ta' diversi persuni. Bħala Periti huma marru kontra l-ġurament tal-ħatra tagħhom. Fl-għoti tal-piena tagħha il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tagħti piż xieraq għan-"nuqqasijiet palezi" tagħhom li waslu għall-konsegwenzi irriversibbli bil-mewt ta' Pace.

   b. CAMILLERI kien il-perit inkarigat mill-proġett mis-Soċjeta żviluppatriċi. Kien hu li ħejja l-pjanti relattivi għall-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar, apparti li huwa kellu interess finanzjarju fl-istess proġett qua azzjonista minoritarju fis-Soċjeta żviluppatriċi.

   c. CAMILLERI b'mod partikolari naqas meta :

      i. Ma ħejjiex hu personalment il-Condition Reports;
      ii. Fada' t-tħejjija ta' dawn il-Condition Reports f'idejn ċertu Ishmael Sciberras li rriżulta lill-espert tekniku li ma kienx jifhem fl-istruttura tal-bini;
      iii. Dawn il-Condition Reports kienu nieqsa minn dettalji u "fqar" fil-kontenut tagħhom;
      iv. Il-Method Statement ukoll kien fqir u nieqes minn deskrizzjoni tal-medoti li kellhom jintużaw fix-xogħol;
      v. CAMILLERI naqas ukoll li jispjega fil-Method Statement kif kienet se titneħħa l-parti t'isfel tal-ħajt tal-ġnien

adjaċenti għall-ħajt tal-fond li kkrolla. Konsegwenza ta' dan in-nuqqas il-ħaddiema użaw l-inġenji kbar biex din il-parti t'isfel tal-ħajt titneħħa.

d. MANGION minn naħa tiegħu naqas meta huwa, bħala Site Technical Officer kien responsabbli mill-verifika li kull xogħol li jsir fis-sit ikun konformi mal-Method Statement. Biss MANGION naqas milli jkun preżenti fuq is-sit tal-kostruzzjoni meta ttieħdu deċiżjonijiet importantissimi dwar il-mod kif kellu jitkompla x-xogħol biex titneħħa l-parti t'isfel tal-ħajt tal-ġnien. Dan wassal għall-kollass tal-ħajt de quo u tal-ħajt tar-residenza tal-vitma Pace.

e. Iż-żewġ periti, fil-kapaċitajiet rispettivi tagħhom naqsu milli jottemperaw ruħhom mar-regolamenti li kienu applikabbli u li kienu jirregolaw il-proċeduri u l-modi kif setgħa jsir ix-xogħol ta' demolizzjoni, tħammil u kostruzzjoni f'dan il-każ. Dan kellu allura kellu jiġi rifless f'piena iżjed ħarxa minn dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li kienet tirrifletti l-involviment rispettiv ta' CAMILLERI u MANGION fin-nuqqasijiet li waslu għall-kollass tal-binja u l-konsegwenti mewt ta' Pace.

f. Kwantu għan-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija ta' MANGION fir-rigward tal-ħames imputazzjoni l-Avukat Ġenerali jgħid li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet li MANGION kien kompletament assenti minn fuq is-sit u minn dak li kien mistenni minnu li jagħmel**, inkluż dakinhar li krollat ir-residenza ta' Pace**, dik il-Qorti kellha allura ssibu ħati wkoll ta' dik l-imputazzjoni. Il-preżenza ta' MANGION fuq is-sit dakinhar tal-inċident setgħet twaqqaf l-użu tal-inġenji fuq dik il-parti t'isfel tal-ħajt tal-ġnien u b'hekk anke l-kroll tal-ħajt u l-adjaċenti residenza ta' Pace. Din kienet forma ta' deżerzjoni tad-dmirijiet tiegħu li kellu jiġi rifless f'sejbien ta' ħtija ta' din l-imputazzjoni wkoll.

## D. L-APPELL INTERPOST MINN CAMILLERI U MANGION

6. CAMILLERI u MANGION interponew appell ukoll minn din is-sentenza fejn talbu lil din il-Qorti biex:

a. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-Anthony MANGION mhux ħati tat-tielet, raba', ħames u sitt imputazzjonijiet u fl-istess waqt tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni biex b'hekk tilliberah minnhom;
b. tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lil Roderick MANGION ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tgħaddi biex tilliberah minnhom.

U dan, in suċċint, għar-raġunijiet segwenti:

A. L-atti kumpilatorji huma nulli minħabba li ż-żmien għall-għeluq tal-kumpilazzjoni fis-sensi tal-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex rispettat. Għalkemm CAMILLERI u MANGION tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fil-15 t'April 2020, il-kumpilazzjoni ġiet fi tmiemha nhar il-25 ta' Mejju 2020 meta dik il-Qorti ddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqegħdu taħt att t'akkuża. Dan iż-żmien kien imur lil hinn mix-xahar previst mill-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Kriminali in kwantu kien jammonta għal erbgħin jum. Meta inbdiet din il-kumpilazzjoni kienet saret talba għall-ftugħ tar-Reġistru li kien magħluq bis-saħħa tar-regolament 3 tal-Avviż Legali 61 tal-2020 minħabba l-miżura ta' trażżin tat-tixrid tal-COVID-19. Il-preżentata saret fil-15 t'April 2020 u wara l-atti ġew assenjati lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dottor Joseph Mifsud, li żamm tliet seduti fit-13 ta' Mejju, 21 ta' Mejju u l-25 ta' Mejju 2020. Iżda l-fatt li r-reġistru tal-Qorti kien magħluq bis-saħħa tar-regolament 3 tal-Avviż Legali 65 tal-2020 (u b'hekk dak ir-reġistru setgħa jiġi miftugħ biss b'ordni tal-Qorti fil-każ ta' urġenza skont ir-regolament 3(2) tal-Avviż Legali 61 tal-2020), it-terminu msemmi fl-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex b'daqshekk sospiż. B'hekk meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li wara l-preżentata tibqa' għaddejja bis-smiegħ tal-kumpilazzjoni, it-terminu tal-istruttorja kien baqa' għaddej u dik il-Qorti kienet marbuta li tagħlaq il-kumpilazzjoni fi żmien xahar mid-data tal-preżentata – ħaġa li f'dan il-każ ma għamiltx stante li ddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqegħdu taħt att t'akkuża fil-25 ta' Mejju 2020 – iġifieri erbgħin jum wara l-preżentata. Ladarba r-reġistru tal-Qorti ġie miftuħ fil-15 t'April 2020, ir-reġistru tal-Qorti kien baqa' miftuħ għall-din il-kawża u t-terminu ta' xahar kien jiskadi fil-

15 ta' Mejju 2020. Skont id-Difiża, dan kien ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat l-Avviżi Legali 61 u 65 tal-2020 b'mod legalment skorrett in kwantu ma setgħetx tqis li wara l-preżentata r-Reġistru tal-Qorti kien magħluq u li t-terminu tal-kumpilazzjoni kien sospiż. B'hekk id-Difiża ssostni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tosserva t-terminu statutorju, perentorju u fatali, għall-għeluq tal-kumpilazzjoni biex b'hekk allura dan iġib il-konsegwenza tan-nullita tal-atti istruttorji.

B. L-Apprezzament tal-Provi marbuta mas-sejbien ta' ħtija għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

   i. In-Negliġenza attribwita lil CAMILLERI u MANGION. L-appellanti jikkontendu li huma ma setgħux jitqiesu li kienu negliġenti u b'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issibhom ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

   ii. Fl-24 ta' Frar 2020 inżammet laqgħa bejn il-parte civile kollha, Malcolm Mallia, Roderick CAMILLERI u Ludwig Dimech. Matul din il-laqgħa sar qbil li ma jsirx tqattiegħ ta' blat mal-ħajt tar-residenza ta' Pace; kellu jinkixef il-blat fuq in-naħa opposta ta' dak il-ħajt; ix-xogħol fuq il-ħajt tal-ġnien kellu jsir bl-idejn u bla użu ta' magni jew inġenji u saret diskussjoni dwar il-kwistjoni taż-żamma tad-distanza taż-żewġ piedi u nofs. Ix-xiehda kollha preżenti għal dik il-laqgħa jaqblu li Ludwig Dimech u Malcolm Mallia kienu preżenti għal dik il-laqgħa. Ludwig Dimech kien preżenti fuq is-sit sa ftit minuti qabel il-kollass u kien jaf li l-ħaddiema tiegħu Nicholas Spiteri u Erbios Hysa kien qed jużaw l-inġenji fuq is-sit u biswit il-ħajt tal-appoġġ li krolla. Dan kien qed isir bi ksur tal-Method Statements magħmula minn CAMILLERI u kontra l-ftehim milħuq fil-laqgħa tal-24 ta' Frar 2020. Dan il-fatt ġie konfermat mix-xiehda tas-Superintendent Robert Vella, l-istills preżentati mill-espert Keith Cutjar, mnejn jirriżulta wkoll li Nicholas Spiteri kien preżenti wkoll fuq is-sit tal-inċident dakinhar stess u ftit minuti biss qabel seħħ il-kroll flimkien mal-Imgħallem tiegħu Ludwig Dimech. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tikkunsidra dawn il-provi li juru li kienu Dimech u Spiteri u Hysa li naqsu milli jimxu mal-

Method Statements imfassla minn CAMILLERI u li waslu għall-kroll tar-residenza ta' Pace.

iii. Skont Erbios Hysa (li d-Difiża tikkunsidrah bħala suspettat f'dan il-każ) jekk ix-xiehda tiegħu hija ammissibbli rriżulta li minkejja li l-ġebel kellu jinħatt bl-idejn, irriżulta li nsabet biċċa iebsa u dan, bla kliem u bla sliem, neħħa l-istess bl-inġenji li kien hemm fuq il-post. Hysa ma tkellem ma ħadd dwar dan. B'hekk dan juri li din kienet deċiżjoni tiegħu u bl-ebda mod ma kienu jaħtu għaliha l-appellanti.

iv. Mill-konklużjoni tal-Proċess Verbal irriżulta li l-kawża tal-kollass kienet it-tqattiegħ u skavar li sar bl-użu tal-inġenju msejjaħ musmar fuq il-parti ta' taħt tal-ħajt tal-ġnien. Il-konklużjoni tal-Proċess Verbal issostni li Nicholas Spiteri kien negliġenti għal kollox meta ddeċieda li juża l-musmar. Il-linja tal-komunikazzjoni bejnil-Perit u s-Site Technical Officer u bejn is-Site Technical Officer u l-Kuntrattur kienet nieqsa. Iżda Nicholas Spiteri kien negliġenti għall-aħħar meta ddeċieda li juża l-musmar biex ifittex jeħles meta dan kien il-kaġuni tal-kollass. Din kienet ukoll il-konklużjoni li qabel magħha l-espert tekniku l-Professur Alexander Torpiano. Id-Difiża ssostni li l-event dannuż kien purament attribwibbli għat-tqattiegħ li sar minn Nicholas Spiteri bl-użu tal-musmar. Dan il-metodu ta' skavar ma kienx awtorizzat bil-Method Statements imħejjija minn CAMILLERI, li kienu jagħtu struzzjonijiet ċarissimi li t-tqattiegħ f'dawk l-akkwati sensittivi kellu jsir bl-idejn meta jkun awtorizzat li jibda. Li kieku mxew fuq dan il-Method Statement, ma kienx isir il-kroll. Dan jirriżulta wkoll mill-konklużjoni tar-relazzjoni ta' Mario Buttigieg li jgħid li rriżulta li l-binja waqgħet meta l-inġenju msejjaħ musmar kien qed jaħdem u jkisser il-blat li kien hemm mal-ħajt diviżorju li krolla. Dan l-użu ma kienx previst fil-Method Statements u dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-espert tekniku l-Professur Alexander Torpiano fir-relazzjoni tiegħu. Id-Difiża ssostni li Nicholas Spiteri, minn jeddu b'mod arbitrarju u mingħajr ma kkonsulta lil ħadd qabad u beda jiskava bl-inġejnu msejjaħ musmar fuq in-aħa tal-appoġġ bil-konsegwenza li r-residenza tal-familja Pace krollat. Id-Difiża tgħid li Nicholas Spiteri

kien bagħbas fix-xena tad-delitt u kien ukoll hedded lil Erbios Hysa biex ma jgħid xejn.

v. Dwar Ludwig Dimech id-Difiża tisħaq li dan kien ko-imputat u dak li qal, bih ried jgħaddi x-xemx bl-għarbiel. Dan għamel minn kollox biex jeħles mir-responsabilitajiet tiegħu, ta distanzi tal-ħidma tal-inġenji li kienet fittizja, qal li obda lill-Perit, kien ipprova hu stess kemm il-gaffa kif ukoll il-musmar dakinhar tal-inċident, jgħid li uża biss ripper, kellu passat ta' inċidenti oħra simili, kien preżenti fuq is-sit sa ftit minuti qabel il-kroll. Ludwig Dimech ra lil Nicholas Spiteri jaħdem bir-ripper mal-ħajt tal-appoġġ u ma waqfux. Din hija aċċettazzjoni taċita għal dak li kien qed jagħmel Spiteri; u ma għamel xejn fil-waqt biex iwaqqaf lil Spiteri milli jkompli jagħmel dak. Dimech fl-ebda ħin ma tkellem ma CAMILLERI biex jaġġornah b'dak li kien qed isir fuq is-sit, iżda, tgħid id-Difiża, Dimech iddeċieda li jagħmel fattih – li wassal għall-mewt ta' Miriam Pace. Għal dan l-aġir ma kellhomx jaħtu CAMILLERI u MANGION.

vi. Mill-istills eżebiti jirriżulta li ftit minuti qabel seħħ dan il-kroll, Christopher Zarb, wieħed mid-Diretturi tas-soċjeta żviluppatriċi, kien fuq is-sit u ra l-Method Statements jiġu miksura mill-ħaddiema ta' Ludwig Dimech. Dan ġie konfermat minn Warren Mansueto. Minkejja dan Zarb ma għamel xejn biex iwaqqafhom. Id-Difiża tgħid li r-raġuni għaliex ħadd mid-Diretturi tas-soċjeta żviluppatriċi ġie mixli tibqa' misteru għall-appellanti.

vii. Id-Difiża ssostni li għalkemm il-Professur Torpiano jgħid li l-Method Statements imħejjija minn CAMILLERI kienu foqra fil-kontenut tagħhom u fid-dettalji, dan ma kien veru xejn. Dawn il-Method Statements juru l-metodu tax-xogħol li kellu jsir li ġie spjegat b'mod konċiż u ċar mingħajr ħtieġa ta' dettalji żejda. Hemm imsemmi li t-tqattiegħ tas-soqfa mal-ħajt tal-appoġġ kellu jsir bl-użu tal-lupa jew hand jiggers biex ma jkunx hemm trasmissjoni ta' vibrazzjonijiet mal-appoġġ. Dawk il-partijiet tal-ħajt li kienu mursaljati kellhom jinqatgħu bil-lupa. L-iskavar mal-ħajt diviżorju kellu jsir bir-rotating cutter head jew trencher. Dan joħroġ kemm mill-Method Statements kif ukoll mix-xiehda ta' Carmel Pace meta

xehed fuq dak diskuss matul il-laqgħa.  Iżda fil-jum meta sar il-kroll dawn il-Method Statements ma ġewx osservati u l-persuni imsemmija iżjed il-fuq għażlu li jużaw il-musmar minflok bil-konsegwenzi traġiċi li seħħew.  L-użu ta' dan il-musmar ma kienx awtorizzat u l-espert Mario Buttigieg stqarr ukoll li l-użu ta' dan il-makkinarju kien qed joħloq periklu għal min użaħ u għal terzi. Id-daqqiet li ġew riskontrati fuq in-naħa tal-lemin tal-ħajt, iġifieri in-naħa tal-appoġġ mal-fond tal-familja Pace, skont Buttigieg ukoll, kienu qed isiru bil-musmar, minkejja li mkien fil-Method Statements ma ġie approvat dan l-użu f'dik il-parti tas-sit. U skont il-Professur Torpiano din kienet ir-raġuni tal-event dannuż.  Iżda l-fatt li Method Statements, anke jekk mhux dettaljatissimi, xorta ma kienux jipprevedu l-użu tal-musmar għall-iskavar mal-ħajt tal-appoġġ u fi kwalunkwe każ kienet l-inizjattiva meħuda unilateralment minn Ludwig Dimech u Nicholas Spiteri li waslet għall-kollass traġiku.

viii. Fil-Method Statements hemm imniżżel ċar li r-responsabilita għal monitoraġġ matul l-iskavar tal-blat kien assunt mill-kuntrattur Ludwig Dimech.  Ladarba Dimech għażel li jiddipartixxi minn dak misjub fil-Method Statements, allura Dimech kellu jġorr ir-responsabilita u mhux CAMILLERI. Ma kienx minnu li huwa mexa mal-Method Statements tal-Perit CAMILLERI. Id-Difiża ssostni li Ludwig Dimech gideb u li hu u l-ħaddiema tiegħu kienu ta' perikolu għas-soċjeta.

ix. Il-konklużjonijiet tal-Professur Torpiano fejn jirrigwardjaw lill-Perit MANGION – u b'mod partikolari f'dawk il-partijiet fejn jikkonkludi li MANGION kien assenti mir-rwol tiegħu fuq is-sit  - kienu bażati mhux fuq għarfien dirett tiegħu (ġaladarba l-Professur Torpiano qatt ma jirriżulta li kien iżur is-sit tal-inċident qabel ma sar dan l-inċident) iżda fuq informazzjoni meħuda minn terzi persuni.  Dawn it-terzi persuni pero kienu jinkludu lil Dimech u Spiteri – li wara rriżulta li kienu ġew mixlija flimkien ma' MANGION b'dawn ir-reati.  Hemm ukoll ix-xiehda ta' Erbios Hysa li għalkemm s'issa għadu ma ġiex imressaq il-Qorti, id-

Difiża ssostni li kien għadu sal-lum meqjus bħala suspettat. Hysa kien kontradittorju dwar dak li qal fuq MANGION. Fl-istqarrija tiegħu tat-3 ta' Marzu 2020 huwa jgħid li ma jafx min kien MANGION u li qatt ma raħ matul xogħolu fuq is-sit. Iżda mbagħad quddiem il-Maġistrati Inkwirenti jgħid li kien jaf min hu s-Site Technical Officer, ġieli rah fuq is-sit u jidentifikah bħala "the small one". Nicholas Spiteri filli fl-istqarrija oriġinali tiegħu qal li kien hemm raġel responsabbli bħala STO, fl-istqarrija li ta l-għada jgħid li ma kien iltaqa' ma ħadd fuq is-sit jew li ma kienx ċert. Dimech imbagħad l-ewwel qal li kien hemm STO li kien jiġi kuljum meta kien jinzertah biex jumejn wara qal li lil MANGION qatt ma raħ fuq is-sit u l-anqas qatt ma ċempillu. Iżda għalkemm dawn huma verżjonijiet konfliġġenti, id-Difiża tisħaq li ġaladarba Dimech u Spiteri huma ko-imputati filwaqt li Hysa huwa suspettat, dawn il-verżjonijiet ma jistgħux jittieħdu bħala prova ammissibbli kontra MANGION. Dan apparti mill-fatt li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilja u ma tistax tkun ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx hi stess tistrieħ fuq provi inammissibli jew tilqa konklużjonijiet fir-relazzjoni tal-Perit tekniku l-Professur Alexander Torpiano li kienu bażati fuq evidenza li kienet ukoll inammissibli, nonche konfliġġenti. B'hekk ma tirriżultax prova ammissibbli li turi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li MANGION naqas mir-rwol tiegħu ta' Site Technical Officer jew li ma kienx preżenti jew ma pparteċipax b'mox attiv fl-inforzar tal-Method Statements kif mistenni minnu.

x. Il-Perit MANGION ma setgħa qatt u bl-ebda mod ikun f'posizzjoni li jinforza l-Method Statements għal l-ewwel jum li fih il-Method Statements ma bdewx jiġu segwiti – iġifieri fl-ewwel jum meta beda jiġi użat il-musmar – kien proprju dakinhar li seħħet din il-fatalita; u f'dak il-waqt preċiż MANGION inzerta ma kienx preżenti fuq il-post biex jieħu l-miżuri meħtieġa. Il-fatt li n-nuqqas t'osservanza tal-Method Statements beda dak inhar jirriżulta mix-xiehda ta' Nerika Dalli li tgħid li kienet bdiet tisma' l-musmar jitħaddem dakinhar stess tal-inċident bejn l-għaxra u nofsinhar. Din il-verżjoni hija msaħħa

minn dak li qal ukoll John Sammut li jikkonferma li l-ewwel darba li sema' l-musmar jaħdem fuq is-sit kien dakinhar tal-inċident għal xil-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu. B'hekk MANGION kien fl-impossibilita li jwaqqaf l-aġir li kien il-kawża prossima tal-event dannuż meritu ta' dan il-każ. MANGION ma setgħax jipprevedi l-aġir arbitrarju ta' DIMECH u SPITERI meta dawn, minn jeddhom u bla ma qalu lil ħadd, dakinhar tat-2 ta' Marzu 2020 bdew jużaw il-musmar mingħajr ma talbu l-kunsens ta' ħadd.

xi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tindirizza l-kwistjoni tar-rabta tal-kawżalita li trid teżisti bejn l-aġir tal-imputat u l-event dannuż. Minbarra l-element tal-prevedibilita, ried ukoll jiġi pruvat li kien hemm rabta bejn l-aġir kolpuż tal-aġent u l-event dannuż fuq il-vitma. Il-kunċett tal-culpa u l-kunċett tal-causal nexus huma marbuta iżda jridu jiġu apprezzati separatament. Id-Difiża ssostni li għalkemm jista' jirriżulta li jkun hemm xi negliġenza, ma jfissirx neċessarjament li tkun dik in-negliġenza li tkun ikkaġunat jew ikkontribwiet għall-event dannuż. Jekk din ir-rabta tkun nieqsa, il-ħtija wkoll tkun nieqsa. L-appellanti jsostnu li jekk jirriżultaw xi nuqqasijiet iżda dawn in-nuqqasijiet ma jkunux jintrabtu bħala l-kawża prossima tal-event dannuż, allura ma tistax tinstab ħtija. Id-Difiża tisħaq li l-kawża prossima unika tal-event dannuż f'dan il-każ kien l-użu tal-musmar minn Dimech u Spiteri – bi ksur tal-Method Statements tal-Perit CAMILLERI – liema użu tal-musmar kien frott ta' deċiżjoni unilaterali u inkomunikata li ġiet meħuda minn Dimech u Spiteri. B'hekk ma kienet teżisti ebda rabta bejn xi nuqqasijiet ta' CAMILLERI jew MANGION mal-fatt uniku li wassal għall-kroll tal-ħajt – l-użu tal-musmar kif imsemmi iżjed qabel. L-anqas ma ġie sodisfatt ukoll il-kriterju tal-prevedibbilta' tal-event dannuż da parti ta' CAMILLERI jew MANGION f'dan il-każ.

xii. Minbarra dan jirriżulta wkoll li kien jeżisti qafas leġislattiv li kien jirregola l-industrija tal-bini b'mod konfuż, b'mod li ġie maħtur kumitat tekniku biex jindirizza dan il-fatt. Dan ir-rapport fil-fatt tħejja u ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti fl-

20 ta' Jannar 2021. Din il-konfużjoni regolatorja kienet ukoll rimarka li għamel il-Professur Torpiano fir-relazzjoni tiegħu. CAMILLERI u MANGION għalhekk kienu vitmi ta' sistema ta' regolamentazzjoni difettuz u qed ibgħatu l-konsegwenzi għan-nuqqasijiet ta' din is-sistema. Dan il-fatt ġie wkoll rikonoxxut mill-familja ta' Miriam Pace meta fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom jirrikonoxxi li għall-akkadut traġiku kkontribwixxa wkoll l-Istat Malti li naqas mill-obbligazzjoni pożittiva tiegħu li jassikura l-inkolumnita fiżika taċ-ċittadini tiegħu.

xiii. Dan l-aspett konfużjonarju kien ukoll rifless fir-rwol li suppost kellu jaqdi s-Site Technical Officer. Fir-rapport preżentat mill-Kumitat imsemmi iżjed il-fuq jirriżulta li r-responsabilita attwali skont l-Avviż Legali 136 tal-2019 kienet waħda ta' natura ċivili u amministrattiva. B'hekk ma kienx hemm raġuni għaliex MANGION jiġi mixli kriminalment. Id-Difiża ssostni li dan huwa rifless mill-fatt li s'issa ma kienx hemm każ kriminali ieħor kontra Site Technical Officer.

xiv. Kwantu għas-sejbien ta' ħtija tal-Perit CAMILLERI dwar it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet id-Difiża ssostni li :

a. Is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni kienet imsejsa fuq il-fatt li CAMILLERI ffirma li hu kien għamel il-Condition Reports tal-proprjetajiet adjaċenti l-ħajt tal-ġnien meta fil-verita dawn saru minn Ishmael Sciberras. Peress li dawn il-Conditional Reports huma parti mid-dokumentazzjoni li tiġi mogħtija lill-Aġenzija tal-Bini biex din tkun tista' tagħti l-clearance meħtieġ biex jinbeda x-xogħol fuq is-sit, jiġi li dan għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza ma Awtorita Pubblika.
b. Kwantu għar-raba' imputazzjoni, din kienet imsejsa fuq ir-regolament 21(5) tal-Avviż Legali 136 tal-2019 iżda peress li kien marbut mas-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali dan allura jitqies bħala kompriż u involut f'dan ir-reat.

xv. Ishmael Sciberras kien impjegat fl-uffiċju tal-Perit CAMILLERI. Il-Conditional Reports imħejjija minnu ma ġewx kritikati mill-Professur Torpiano. Dan juri li Sciberras diliġenti f’xogħolu. CAMILLERI kien jafdalu r-responsabilita tat-tħejjija tal-Conditions Reports fil-proġetti li jkun involut fihom bħala perit. Imbagħad CAMILLERI jagħmel l-approvazzjonijiet u l-verifiki tiegħu għal dak l-eżerċizzju li jkun għamel Sciberras. Kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li fis-sentenza tagħha assumiet li CAMILLERI ma għamilx l-approvazzjonijiet tiegħu. Ma hemm ebda prova li turi li CAMILLERI iffirma l-Conditional Reports fl-għama. L-Avviż Legali 136 tal-2019 jeħtieġ lil Perit tal-proġett li jħejji Condition Reports – iżda mkien ma jimpedixxi li dan ix-xogħol isir minn persuna kapaċi u ta’ fiduċja tal-Perit tal-proġett. Il-fatt li l-Sciberras ħejja r-rapport li mbagħad ġie analizzat, verifikat u approvat minn CAMILLERI ma kienx jirrendi lil CAMILLERI ħati ta’ dikjarazzjonijiet foloz. Dak li għamel CAMILLERI kien li ffirma dokument li kien approvat minnu. B’hekk ma kellu ebda ntenzjoni jqarraq b’awtorita pubblika. Dan ma jikkwalifikax bħala falsita ideoloġika. B’hekk ma setgħax jiġi misjub ħati tat-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet.

## E. IL-PARTI ĠENERALI

7. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

8. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

9. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti

---

1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

10. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

11. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

12. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

13. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

14. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

15. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

16. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

17. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

18. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħati, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

19. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

20. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

---

[6] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.

Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

21. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

22. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

23. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

24. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-**

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

25. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

26. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'
>
> 23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:
>
> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'
>
> 24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).
>
> 25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala

suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

27. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

28. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

29. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

30. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

31. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## F. IL-PARTI SPEĊJALI – ANALIŻI TAL-APPELLI INTERPOSTI

Minħabba n-natura tal-aggravji li ġew proposti f'dan il-każ, din il-Qorti tqis li, għall-ekonomija tal-ġudizzju, iż-żewġt appelli għandhom jiġu mistħarġa f'sentenza waħda ta' din il-Qorti li mbagħad tiddisponi minn dawn l-appelli skont kif sejjer ikun qed jingħad iżjed l-isfel.

Din il-Qorti l-ewwel sejra titratta l-aggravju mressaq mill-appellanti CAMILLERI u MANGION relattivament għall-allegata nullita tal-atti kumpilatorji.

### F.1. L-Ewwel Aggravju tal-Appellanti CAMILLERI u MANGION – Nullita tal-atti kumpilatorji minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tosserva t-termini statutorji għall-għeluq tal-Istruttorja

32. Dan il-każ jaf il-bidu tiegħu fi żmien fejn kienet għadha kif ġiet dikjarata f'Malta l-imxija tal-pandemija SARS-COV-2. Dan wassal biex ittieħdu miżuri mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika sabiex tiġi kemm jista' jkun imrażna din l-imxija. Fost dawn il-miżuri kien hemm il-miżura tal-Għeluq tal-Qrati bl-Avviż Legali 61 tal-2020.

33. Fir-regolament 3 tal-Avviż Legali 61 tal-2020 ingħad illi:

3.(1) Meta s-Supritendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina.

34. Din il-Miżura ġiet fis-seħħ bl-Avviż Legali 65 tal-2020 fejn ingħad:

Is-Suprintendent b'dan tordna l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar-reġistru b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020, liema ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprintendent.

35. Din l-ordni dwar l-għeluq tal-Qrati ġiet fi tmiemha bis-saħħa tal-Avviż Legali 230 tal-2020 fejn ingħad hekk:

1.(1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja.
(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju, 2020.
2.L-ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja huwa b'dan l-ordni imħassar b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020, mingħajr preġudizzju għall-validità ta' kull ħaġa magħmula jew li tħalliet barra milli ssir fuq il-bażi ta' dak l-ordni u soġġetta għad-dispożizzjonijietta' dan l-ordni.
3.Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal għoxrin (20) jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.

> 4.Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.

36. L-argument tad-Difiża huwa li ġaladarba f'dan il-każ infetaħ ir-Reġistru biex tkun tista' ssir il-preżentata tal-imputati fil-15 t'April 2020, ladarba r-Reġistru għall-din il-kawża ġie miftuh, u allura nbdiet il-kumpilazzjoni tal-provi, awtomatikament dan kien ukoll iġib miegħu l-applikazzjoni tat-terminu statutorju, perentorju u fatali, imsemmi fl-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi li l-kumpilazzjoni trid tingħalaq fil-perjodu ta' xahar mill-jum li fih tibda – iġifieri mill-jum li fih issir l-ewwel seduta u mhux mill-jum li fih ir-reġistru jerġa' jinfetah biex tkun tista' tinżamm it-tieni seduta. It-terminu tax-xahar f'dan il-każ beda jidderkorri mill-preżentata fil-15 t'April 2020 u b'hekk il-kumpilazzjoni kellha tingħalaq sal-15 ta' Mejju 2020. Id-Difiża tikkonkludi li ladarba l-kumpilazzjoni ingħalqet fil-25 ta' Mejju 2020 dan it-terminu ma ġiex rispettat u b'hekk l-atti kumpilatorji huma nulli.

37. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument għar-raġunijiet segwenti. L-Avviżi Legali 61 u 65 tal-2020 ġabu magħhom ir-regola tal-għeluq tal-Qrati u s-sospensjoni taż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Dan l-ordni pero ma ppreġudikax is-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, jew tas-smigħ ta' kwalunkwe każ, u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' jipprevali.

38. Fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet deċiża fit-23 ta' Novembru 2020 **Yorgen Fenech vs. L-Avukat tal-Istat et** ġie deċiż li

> ...l-avvizi legali in kwistjoni hallew fid-diskrezzjoni tal-Qorti d-decizjoni jekk ghandhiex tinstema' kawza u jekk ghandhiex tigi awtorizzata l-prezentata ta' atti fir-Registru minkejja l-gheluq tal-Qrati u r-Registru u ghalhekk hallew il-possibilita kemm illi l-kumpilazzjoni tieghu tissokta, u kemm illi tibqa' tigi ezaminata n-necessita tad-detenzjoni kontinwata tieghu.

39. F'dan il-każ huwa ċar li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talba għall-ftuħ tar-reġistru tagħha fil-15 t'April 2020 biex ikun jista' jibda s-smiegħ tal-kawża bil-preżentata tal-imputati. Dan juri li dik il-

Qorti għażlet li teżerċita din id-diskrezzjoni li tibda tisma’ dan il-każ. Hu ċar li f’dan l-Avviż Legali l-Liġi stess ħallitilha dik id-diskrezzjoni. Iżda meta l-Liġi ħalliet lil Qorti din id-diskrezzjoni, kien dan ifisser ukoll li bħala konsegwenza awtomatik ta’ dan ir-regola li f’dak il-perjodu ta’ żmien kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta’ kwalunkwe limitu ta’ żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati kienu sospiżi ma baqgħetx iżjed fis-seħħ għal dik il-kawża li tkun bdiet tinstema’?

40. Dan l-Avviż Legali filwaqt li jagħti d-diskrezzjoni lil Qorti li tiftaħ ir-reġistru tagħha jew li tisma’ kawża urġenti jew t’interess pubbliku ma jgħidx ukoll li matul dak iż-żmien tal-ftugħ tar-reġistru jew tas-smiegħ tal-kawża it-termini ġja sospiżi jerġgħu awtomatikament jibdew jew ikomplu jiddekorru fir-rigward ta’ dik il-kawża.

41. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Alfred Zarb et** tat-28 t’April 2021 ġie deċiż li:

> L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) tal-Avviż Legali 61 tal-2020 evidentement tapplika fir-rigward ta’ kull tip ta’ terminu legali jew ġudizzjarju. Dan jingħad jekk wieħed jikkonsidra illi din il-parti tal-istess artikolu tipprovdi espressament illi kienet qed tiġi ordnata s-sospensjoni “…ta’ kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta’ kwalunkwe limitu ta’ żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati” [enfażi ta’ din il-Qorti]. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Major Peter Manduca v. L-Onorevoli Imħallef Dottor Hugh Harding (Appell, 30/06/1993, Kollez. Vol: LXXVII.II.296):
>
> > “Ghal skopijiet ta' definizzjoni, il-kelma ghandha, fl-ewwel lok, tittiehed fis-sens naturali u komuni taghha, u wara jigi kkontrollat jekk il-ligi biddlitx dik it-tifsira naturali u komuni tal-lingwa ta' kuljum, biex tohloq konnotazzjoni gdida.”
>
> 12. Huwa indiskuss illi s-sens naturali u komuni tal-kelma “kwalunwke” huwa “ta’ kull tip, mingħajr esklużjoni jew distinzjoni.” Għalhekk meta moqrija fis-sens komuni tagħha, l-użu tal-kelma “kwalunwke” jfisser illi lleġislatur ried illi, a kuntrarju ta’ dak argumentat mill-appellanti, din issospensjoni tapplika għal kull tip ta’ terminu irrespettivament minn meta dan it-terminu kellu jagħlaq. Li kieku l-leġislatur ried jillimita l-applikabilita` ta’ din is-sospensjoni għal termini li kellhom jiskadu waqt li l-Qorti u r-Reġistru kienu magħluqa huwa żgur li ma kienx juża l-kelma “kwalunkwe” li loġikament ma tgħoddx għal sitwazzjoni fejn it-termini sospiżi huma limitati ghal dawk biss illi ser jiskadu waqt li l-Qorti u r-Reġistru jkunu għadhom magħluqa. Imbagħad, it-tieni parti ta’ dan l-artikolu ma tidhirx illi qed toħloq xi konnotazzjoni differenti għat-terminu “kwalunkwe.” Din il-parti proprju

tibda bil-kliem "mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita` ta' hawn fuq" u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti **huwa ċar illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi din it-tieni parti tal-Artikolu 3(1) tħalli mhux mittiefsa l-ewwel parti tal-istess Artikolu**.[10]

13. Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Carmel Zammit v. Anthony Sultana (Prim'Awla, 31/01/1994, Kollez. Vol: LXXVII.III.26) "L-interpretazzjoni tal-ligi għandha dejjem tkun marbuta mal-finalita` tagħha. M'għandhiex tiġi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li tagħti lok għall-vessazzjoni bla raġuni…" Kieku kien minnu dak argumentat mill-appellanti, il-leġislatur kien jillimita dan l-artikolu għat-tieni parti tiegħu biss, u ċioe` dik il-parti li tirreferi b'mod speċifiku għat-termini li kellhom jagħlqu waqt illi l-Qorti u r-Reġistru jkunu magħluqa.

42. Fiż-żmien meta kienet bdiet il-kumpilazzjoni tal-provi f'dan il-każ, il-punt tat-tluq kien li l-ordni tas-sospenzjoni taż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati kienet fis-seħħ u li din baqgħet fis-seħħ sa meta kienet imħasra bis-saħħa tal-Ordni tas-Superintendent tas-Saħħa bl-Avviż Legali 230 tal-2020. Matul iż-żmien li fiha inbdiet il-kumpilazzjoni f'dan il-każ, it-termini tal-istruttorja kienu sospiżi bis-saħħa tal-Liġi stess.

43. Dik il-Liġi ma kienetx tippreskrivi wkoll ir-regola li ladarba l-Qorti għażlet li tibda' tisma kawża marbuta b'terminu perentorju dak l-istess terminu kien jibda' jew ikompli jiddekorri **anke** matul dak iż-żmien li fih kien hemm is-sospensjoni ġenerali tat-termini legali u ġudizzjarji kollha bla eċċezzjoni jew distinzjoni; jew li din ir-regola tas-sospensjoni tat-termini perentorji kienet tiġi meqjusa awtomatikament inapplikabbli għal dak il-każ partikolari mal-mument li l-Qorti tagħżel li tibda tisimgħu.

44. Din il-miżura ta' sospensjoni tat-termini bis-saħħa tal-Ordni tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika kienet u baqgħet fis-seħħ biss għal anqas minn tliet xhur u li fihom bdiet tinstema' din il-kumpilazzjoni. F'dak l-istess perjodu **kull żmien, inkluż dak perentorju applikabbli għal proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem il-qrati kien sospiż**. Dan il-każ allura mhux eċċezzjoni għal din ir-regola. Għal dak il-perjodu ta' żmien qasir, it-termini msemmija fl-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali kienu bis-saħħa tal-Avviżi Legali 61 u 65 tal-2020 sospiżi. U l-fatt li l-Qorti għażlet li

[10] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti.

tibda' l-ġbir tal-provi ma jfissirx li hija kellha xi għażla jew setgħa li tneħħi jew tidderoga mir-regola tas-sospensjoni tat-termini statutorji li kienet applikabbli b'mod ġenerali bis-saħħa tal-Liġi għal dak il-perjodu ta' żmien limitat. Anzi ġaladarba dik il-Qorti bdiet topera fi żmien fejn it-termini ġudizzjarji kollha bla distinzjoni kienu sospiżi, u għalqet il-kumpilazzjoni fi żmien fejn l-istess termini kienu għadhom sospiżi bis-saħħa tal-istess Liġi, ma setax jirriżulta li kien hemm ksur tat-terminu tal-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu anke dak it-terminu kien sospiż u ma bediex jiddekorri għax bħala terminu kien u baqa' sospiż sakemm ma ġiex riavvivat kif spjegat iżjed il-fuq. U dak it-terminu sospiż bis-saħħa tal-Avviż Legali ma setgħax jiġi riavvivat bis-sempliċi fatt li l-Qorti tkun għażlet li tisma' l-kawża in kwantu din l-azzjoni tal-Qorti ma kellhiex is-saħħa li tidderoga minn dak li kienet qed tipprovdi l-Liġi f'dak il-mument fiż-żmien.

45. Għalhekk dan l-ewwel aggravju tal-appellanti CAMILLERI u MANGION għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

**F.2. L-Aggravji fil-meritu**

46. L-aggravji tal-Avukat Ġenerali jeħtieġu lil din il-Qorti li tagħmel l-analiżi sħiħa tagħha tal-provi prodotti f'dan il-każ biex tqis jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dawk il-konklużjonijiet li waslet għalihom fis-sentenza tagħha.

47. Mill-banda l-oħra il-kumplament tal-aggravji imresqin mill-appellanti CAMILLERI u MANGION ukoll jeħtieġu lil din il-Qorti biex tagħmel dan l-istess eżerċizzju imsemmi għalkemm mill-punto di vista tagħhom u ċjoe li prinċipalment ebda wieħed minnhom ma setgħa legalment u raġonevolment jinstab ħati kif ġie misjub mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u konsegwentement kundannat għall-piena inflitta fuqu.

48. Fir-rigward tal-każ ta' Roderick CAMILLERI, l-Avukat Ġenerali jargumenta li għalkemm huwa ġie ritenut korresponsabbli għall-inċident u misjub ħati tal-omiċidju involontarju ta' Miriam Pace, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli timponi piena li kienet tirrifletti iżjed il-grad tar-responsabbilita kriminali tiegħu f'din il-mewt u l-ħsara patrimonjali li seħħet minħabba l-kroll tal-ħitan u tar-residenza ta' Miriam Pace.

49. Mill-banda l-oħra, fl-appell tiegħu CAMILLERI itenni li kontra dak misjub fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) huwa ma setgħax jiġi misjub ħati kemm għaliex huwa ma kienx negliġenti jew imprudenti jew naqas milli jħares xi regolamenti fil-qadi tal-professjoni tiegħu, kif ukoll ma kien hemm ebda rabta bejn l-azzjoni jew omissjoni tiegħu u l-event dannuż. Dan apparti l-fatt li r-rwol li kien jirrikopri kien milqut minn leġislazzjoni konfuża u inadegwata li fi kwalunkwe każ ma kienetx tikkontempla responsabilita penali fil-każ ta' xi nuqqasijiet mill-figura professjonali li huwa kien jirrikopri. CAMILLERI jgħid ukoll li huwa ma għamel ebda dikjarazzjoni jew stqarrija falza lil xi awtorita pubblika, iżda sempliċiment iffirma dokumenti redatti minn adett fl-Uffiċju tiegħu wara li kien hu li għamel il-verifika u approva l-istess dokumenti. B'hekk huwa jgħid li kellu jiġi liberat mill-akkużi miġjuba kontrih.

50. Fir-rigward tal-każ ta' MANGION, l-Avukat Ġenerali jargumenta li dan mhux biss kien korresponsabbli għall-mewt ta' Miriam Pace minħabba negliġenza u imprudenza u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti applikabbli iżda wkoll kien naqas milli jwettaq id-dmirijiet tiegħu ta' Site Technical Officer kif kienu jirriżultaw mill-Liġi. L-Avukat Ġenerali mhux jikkontesta l-liberatorja fir-rigward ta' MANGION relattivament għat-tielet, raba u sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Iżda mill-banda l-oħra jikkontendi li MANGION kellu jiġi misjub ħati wkoll fir-rigward tal-ħames imputazzjoni, li timporta r-reat taħt ir-regolament 21(3) tal-Avviż Legali 136 tal-2019 ossija fejn persuna li tonqos milli tosserva dikjarazzjoni tal-metodu skont it-termini ta' dawk ir-regolamenti.

51. Biss Mangion jirribatti billi jgħid li għal dak li jirrigwarda l-każ tiegħu, ir-responsabbilita tiegħu skont il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet bażata fuq il-konklużjonijiet tal-espert tekniku Alexander Torpiano li straħ fuq dikjarazzjonijiet u stqarrijiet li ma kienux legalment ammissibbli in kwantu mogħtija minn ko-imputati, ko-akkużat jew suspettati li pparteċipaw fl-inċidenti li waslu għall-kollass tal-bini bil-konsegwenzi riżultanti. Hu ma setgħa qatt naqas mid-doveri tiegħu li jinforza l-Method Statements in kwantu l-ewwel darba li dawn ġew miksura kien dakinhar stess tal-inċident fatali. Apparti dan ma kien hemm ebda rabta bejn l-azzjoni jew omissjoni tiegħu u l-event dannuż. Dan apparti l-fatt li r-rwol li kien jirrikopri kien milqut minn leġislazzjoni konfuża u inadegwata li fi kwalunkwe każ ma kienetx tikkontempla responsabilita penali fil-każ ta' xi nuqqasijiet mill-figura professjonali li huwa kien jirrikopri. B'hekk MANGION ukoll jgħid li kellu jiġi liberat mill-akkużi miġjuba kontrih.

52. Din il-Qorti analizzat il-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u speċifikament ma ħadet ebda konjizzjoni ta' stqarrijiet jew xiehda mogħtija minn persuni li huma ko-akkużati jew ko-awturi jew kompliċi (sakemm il-każ tagħhom ma jkunx ġie deċiż b'mod finali). L-anqas ma din il-Qorti ħadet kont ta' konfessjonijiet jew dikjarazzjonijiet għajr ħlief fir-rigward ta' min jagħmilhom in kwantu dawn ma jistgħu ikunu ta' ebda preġudizzju għal xi persuni oħra. Inoltre analizzat ir-relazzjonijiet tekniċi tal-esperti nominati wkoll minn din l-ottika, billi ħadet kont tal-konsiderazzjonijiet tekniċi magħmula mill-esperti rispettivi kif ukoll minn provi, inkluż dawk dokumentarji, li ġew preżentati fl-atti u li ma kienux b'xi mod milquta minn xi waħda mir-regoli t'esklużjoni tal-evidenza imsemmija iżjed il-fuq.

53. Din il-Qorti għalhekk sejra tagħmel il-valutazzjoni tagħha tal-aspetti legali u fattwali sollevati mill-partijiet fl-appelli rispettivi tagħhom u tinvesti l-aggravji fil-korp tal-motivazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha fil-korp ta' din is-sentenza b'riferenza għall-posizzjoni ta' Roderick CAMILLERI u Anthony MANGION separatament, għajr ħlief fejn ikun meħtieġ li, għall-ekonomija tal-ġudizzju, jkun hemm motivazzjonijiet jew konsiderazzjonijiet komuni. Din il-Qorti sejra tibda tindirizza l-aggravji tal-appellanti CAMILLERI u MANGION seriatim u fl-istess waqt tikkonsidra l-aggravji tal-Avukat Ġenerali b'mod simultanju fejn it-temi fattwali u legali jkunu komuni.

**F.2.1. – Is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fir-rigward ta' CAMILLERI u MANGION**

54. L-ewwel żewġt imputazzjonijiet li tagħhom CAMILLERI u MANGION ġew misjuba ħati huma r-reati ta' :

(a) Omiċidju involontarju ta' Maria Assunta Pace, KI0167165M fis-sensi tal-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali; u
(b) Ħsara Involontarja fis-sensi tal-Artikolu 328(a)(d) tal-Kodiċi Kriminali lil diversi persuni indikati fil-proċess.

55. Punt ċentrali f'dawn l-appelli huwa l-aspett u l-kunċett tar-responsabbilita individwali ta' CAMILLERI u MANGION għall-event dannuż. Kemm CAMILLERI kif ukoll MANGION jikkontestaw ir-responsabilita penali tagħhom fir-rigward tal-qtil involontarju ta'

Miriam Pace u l-ħsarat patrimonjali li seħħew b'dannu tal-parte civile konsegwenza tal-kroll tal-bini de quo. Ir-responsabilta' penali trid tiġi analizzata b'riferenza għal kull imputat partikolari.

56. Dawn iż-żewġt reati jaqgħu fit-tipoloġija ta' reati ta' negliġenza kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet diversi osservazzjonijiet ta' natura legali fis-sentenza tagħha, li in gran parti huma kondiviżibbli. Din il-Qorti trid pero tiċċara xi aspetti tad-dottrina u l-ġurisprudenza li għamlu analiżi tal-aspetti kostituttivi r-reati kolpużi u li mhux dejjem kienu lineari f'dan ir-rigward. Kif osservat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza appellata kien hemm kurrenti ta' ħsieb differenti f'dak li jsawwar ir-reat kolpuż.

57. L-iskola tal-ħsieb tradizzjonali kontinentali tiffoka fuq il-karattru soġġettiv tan-negliġenza, fis-sens li tqis in-negliġenza bħala fattur soġġettiv, ossija stat mentali partikolari, li fih persuna ma tkunx attenta, iffukata, prudenti jew viġilanti fl-atti li twettaq. Minħabba dan l-istat mentali partikolari dik il-persuna tonqos milli tara sew in-natura tal-atti li twettaq, taċ-ċirkostanzi li fihom dawk l-atti jiġu magħmula jew il-konsegwenzi li jitnisslu minnhom iżda li dik il-persuna kienet tkun f'qagħda li tara sew in-natura, ċirkostanzi u konsegwenzi ta dawk l-atti tagħha li kieku kienet attenta, iffukata, prudenti jew viġilanti fit-twettieq tal-atti tagħha. F'din l-iskola tal-ħsieb allura l-qofol tan-negliġenza jistrieħ fuq il-fatt li l-persuna setgħet tara bil-quddiem (allura l-possibilita li tipprevedi) in-natura, ċirkostanzi u konsegwenzi tal-atti magħmulin minnha, iżda minħabba dak l-istat mentali li kienet tinsab fih dan ma tkunx għamlitu.

58. Skola ta' ħsieb oħra pero ma tqisx li n-negliġenza hija kwistjoni ta' natura soġġettiva, iżda għal kuntrarju, tqisha bħala materja ta' natura oġġettiva, li allura mhix bażata fuq xi stat mentali partikolari, iżda fejn in-negliġenza tkun riflessa f'kondotta speċifika u partikolari tal-persuna taħt eżami. In-negliġenza, għal din l-iskola tal-ħsieb, tirrifletti ruħha fil-fatt li fl-imġieba tagħha dik il-persuna tonqos milli tieħu ċerti prekawzjonijiet mistennija minnha biex ma ssirx ħsara lil dawn il-persuni jew li bħala persuna li tgħix qalb persuni oħra twettaq għemil li jista' jkun partikolarment perikoluż. Allura f'dan il-kurrent ta' ħsieb jekk tiġi stabbilita rabta diretta bejn din it-tip ta' mġieba u l-eventwali ħsara lil terzi b'riżultat ta' dik l-imġieba, il-persuna li tkun wetqet dak l-att titqies penalment responsabbli għall-imġieba kolpuża tagħha. F'dan il-kurrent tal-ħsieb għalhekk ir-responsabbilta' kriminali kostitwenti l-kolpuż ma tistrieħx fuq il-prevedibbilita tal-event dannuż mill-awtur tal-fatt, iżda tissejjes fuq

il-fatt innifsu tal-imġieba speċifika tal-awtur ossija l-fatt li l-awtur tal-fatt ikun aġixxa bil-mod traskurat jew imprudenti kif previst mill-Liġi.

59. Il-Liġi Maltija għażlet li ma tatix tifsira legali lit-terminu "negliġenza". Għażlet li tirrendi ċerti atti jew imġieba speċifika bħala passibbli kriminalment jekk imwetqa b'mod "negliġenti". Il-ġurisprudenza minn naħa tagħha qieset in-"negliġenza" bħala dik l-assenza ta' kura u prekawzjonijiet li persuna ordinarja tkun mistennija li tieħu meta twettaq atti volontarji speċifiċi. Il-Liġi tippreskrivi ċirkostanzi, atti, imġieba jew stati mentali li għandhom jitqiesu negliġenti meta jivverifikaw ruħhom. Hekk, per eżempju l-artikoli 225 jew 328 tal-Kodiċi Kriminali jimmanifestaw il-kunċett tan-negliġenza fit-twettieq ta' mġieba speċifika volontarja li tkun magħmula b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.

60. Il-Liġi Maltija tinkludi fl-ambitu tat-tifsira tan-negliġenza kemm atti omissivi partikolari (ad eżempju nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti) kif ukoll stati mentali speċifiċi (nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni) u li jridu allura jakkumpanjaw is-seħħ tal-event dannuż. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li xi wieħed jew iżjed minn din l-imġieba jew dawn l-istati mentali partikolari jkunu jeżistu biex jikkwalifikaw bħala negliġenti l-att volutament imwettaq mill-awtur tiegħu u li jikkawża l-event dannuż.

61. Il-ġurisprudenza maġġoritarja Maltija tisħaq fuq il-ħtieġa li biex jitqies integrat ir-reat kolpuż trid tirriżulta l-prevedibbilita tal-event dannuż da parti tal-awtur tal-att inkriminat. Fil-każ tar-reat kolpuż, l-awtur tal-att ma jkunx irid li jwettaq l-event dannuż; jew li bl-att tiegħu iseħħ l-event dannuż. Iżda jrid jirriżulta li huwa setgħa jipprevedi dak l-event dannuż bħala konsegwenza tal-att imwettaq minnu (kieku kien moħħu hemm u attent fit-twettieq tal-att tiegħu). Il-Qorti trid tistabbilixxi l-possibilita li l-awtur jara bil-quddiem l-event dannuż li huwa wettaq bl-att tiegħu, anke jekk ma riedx li dan l-event dannuż iseħħ. L-awtur tal-att jitqies li kien negliġenti meta huwa jonqos milli jipprevedi dak l-event dannuż fejn dak l-istess event dannuż kien prevedibbli minnu (li kieku kien moħħu hemm, attent fl-għemilu, prudenti, viġilanti eċċetra).

62. Il-kejl li bih il-Qorti tkun trid tistħarreġ dan il-grad ta' prevedibbilita tal-event dannuż, u allura jekk u safejn l-awtur tal-att setgħax, messux u kellux jara bil-quddiem dak l-event dannuż, jistrieħ fuq il-grad ta' kura u prudenza li huwa raġonevolment

meħtieġ minn persuna ta' prudenza ordinarja fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Huwa dak il-grad meħtieġ mill-**bonus paterfamilias**, ossija dik il-persuna raġonevolment prudenti. L-analiżi ta' dan il-grad ta' kura u prudenza jeżiġi stħarriġ tal-fatti f'kull każ partikolari b'mod dettaljat.

63. Inotre, il-ġurisprudenza Maltija teħtieġ ukoll li jiġi pruvat li jkun hemm dik ir-rabta diretta kawżali bejn l-aġir negliġenti u l-event dannuż. B'hekk jekk l-agir negliġenti imputat lill-awtur tal-att ma jkunx kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, huwa ma jkunx jista' jitqies penalment responsabbli. Kawża prossima u effettiva tal-event dannuż ma tfissirx li trid tkun unika. Iġifieri jista' jkun hemm diversi kawżi li jwasslu għal event dannuż u li jistgħu wkoll ikunu attribwibbli għal atti mwetqa minn diversi persuni. Dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit li l-att kien tali li jista' jitqies kawża prossima u effettiva tal-event dannuż – anke jekk ma tkunx il-kawża prinċipali jew unika tal-event dannuż. Bosta drabi jiġri li event dannuż ikun ir-riżultat ta' diversi atti kommissivi jew omissivi attribwibbli lil iżjed minn persuna waħda u li bħala riżultat tal-kontribuzzjoni kumulattiva tagħhom kollha flimkien jiddeġeneraw f'event dannuż.

64. Għalhekk il-fatt li l-event dannuż ikun riżultat ta' pluralita ta' atti kommissivi jew omissivi ta' persuni differenti ma jeħilsux mir-responsabilita penali lil dak l-awtur ta' att li jirriżulta formanti parti minn dik il-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż. Semmai kull wieħed minn dawk l-awturi ta' atti singoli varji kontributorji, b'effetto domino li jiddeġenera fil-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, ikun irid jirrispondi għall-att kommissiv jew omissiv tiegħu. Ir-responsabilita penali ta' kull awtur speċifiku tkun trid tiġi mistħarġa fil-meriti tagħha indipendentement mir-responsabilita penali tal-komparteċipi potenzjali korresponsabbli l-oħra. Il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa - u d-dmir - li tieħu kont u qies tal-grad ta' dik il-kontribuzzjoni meta tiġi biex tiddetermina l-entita tar-responsabilita individwali ta' kull awtur singolu skont kif ikun jirriżulta fil-każ partikolari meta tiġi biex terogalu s-sentenza xierqa.

65. F'dan il-każ il-kwistjoni hija iżjed delikata in kwantu titratta wkoll l-aspett tar-responsabilita kriminali ta' professjonista u li tista' tirriżulta minn atti kommessi minn persuna fl-eżerċizzju tal-arti jew professjoni tagħha. Id-delikatezza ta' dawn il-każijiet ma titnissilx mill-fatt li l-persuna imputata tkun professjonista iżda mill-fatt tal-karatteristiċi partikolari ta' dak is-settur partikolari, tal-importanza li dak is-settur ikollu fil-assjem soċjali u ekonomiku tal-pajjiż, u tal-

ħtieġa li min ikun jeżerċita professjoni jkollu spazju ta' manuvra deċiżjonali suffiċjenti li mingħajrha ma jkunx jista' jeżerċita b'mod raġjonevoli, b'dannu għas-soċjeta li fiha jkun jippresta s-servizz tiegħu. Illum il-ġurnata ma hemmx dubju li professjonisti li fil-qadi tal-professjoni tagħhom jaġixxu b'mod negliġenti jistgħu ikunu passibbli kriminalment f'każ li l-azzjoni negliġenti tagħhom tikkaġuna eventi dannużi. Iżda l-ġurisprudenza stabbiliet ukoll kriterji speċifiċi li jridu jiġu verifikati sabiex din ir-responsabbilita kriminali tkun tista' titqies integrata f'dan il-kamp.

66. Il-każ klassiku f'dan il-qasam kien u għadu l-appell kriminali deċiż mill-Imħallef Ġuże Flores fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** tal-4 ta' Frar 1961. Dik il-Qorti – gwidata wkoll minn sensiela ta' sentenzi ta' Qrati Maltin u barranin differenti u mogħtija fuq firxa twila ta' snin - qieset li l-professjonista, li f'dak il-każ ukoll kien perit arkitett, huwa marbut li jeżerċita kura u ħila li hija mistennija li tintwera minn perit arkitett ordinarju u kompetenti f'xogħolu. B'mod partikolari ġurisprudenza ċentenarja eżaminat kemm ir-responsabilita ta' professjonista b'mod ġenerali kif ukoll dik tal-perit arkitett b'mod partikolari. Minn qari ta' din il-ġurisprudenza jirriżulta li fil-kamp professjonali l-iżjed komuni kienu l-każijiet ta' imperizja jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti applikabbli, iżda każijiet ta' nuqqas ta' ħsieb jew traskuraġni ma naqsux l-anqas.

67. Per eżempju fl-appell ċivili **Vella vs. Scerri** tat-28 ta' Novembru 1862 ġie ritenut li perit arkitett ikun responsabbli meta l-bini jiġġarraf minħabba difett fil-kostruzzjoni tiegħu jew difett fl-art li fuqu jkun mibni; iżda din ir-regola ma tapplikax fil-każ fejn dan id-difett ma kienx tali li setgħa jiġi osservat jew previst mill-perit arkitett "usate le comuni solite ed ordinarie diligenze che dagli architetti si adoperano". Din ir-responsabilita tal-perit arkitett hija bażata fuq il-fatt li huwa jkun naqas milli jeżerċita l-professjoni tiegħu bil-mod u fil-grad mistenni billi ma jkunx osserva jew preveda d-difett fil-kostruzzjoni jew fl-art meta kien mistenni minnu li jkun ħa dawk id-debiti u soliti prekawzjonijiet u diliġenzi mistennija minn perit arkitett fir-rigward ta' dak l-aspett partikolari tal-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Mill-banda l-oħra dik ir-responsabbilta' tispiċċa meta jiġi konstatat li għalkemm tkun saret il-ħsara lill-binja, dik il-ħsara ma tkunx konsegwenza ta' imperizja da parti tal-perit minħabba li ma jkunx ħa d-debiti u soliti prekawzjonijiet u diliġenzi mistennija minnu qua perit artikett.

68. Fl-appell ċivili Superjuri **Rebecca Aquilina vs. Giuseppe Sciortino et** deċiż nhar il-5 ta' Diċembru 1955 il saret riferenza għall-**Charlesworth**, **The Law of Negligence**, b'ċenn speċifiku fuq ir-responsabbilita tal-perit arkitett fejn jingħad li "The duty of an architect is to use the care and skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standard of the time".[11]

69. Fl-appell ċivili Superjuri **Marianna Cini pro et noe vs. Paolo Galea et** deċiż fis-27 t'Ottubru 1958, dik il-Qorti, trattando r-responsabilita professjonali tal-perit arkitett qieset ukoll xi aspetti tal-Liġi fl-Ingilterra dwar id-dmirijiet tal-periti arkitetti li skont il-**Halsbury's** "**Laws of England**" ta' dak iż-żmien kien ingħad hekk:

> Although an architect is not expected to be constantly on the works and to supervise every detail, it is not sufficient for him to pay occasional visits and to get any defects which he may happen to notice set right; his duty is to give such an amount of supervision as will enable him to give an honest certificate whether or not the work has been done in accordance with the contract. And though his supervision may be partially, as to matters of detail, be entrusted to subordinates.... the architect or engineer cannot exonerate himself by saying that the negligence was theirs.[12]

70. Dawn l-oneri jitnisslu mill-fatt li l-perit arkitett mhux biss responsabbli f'xogħolu lejn il-klijent tiegħu, iżda huwa responsabbli wkoll lejn l-interess pubbliku fis-solidita tal-bini li huwa jipproġetta[13] fejn bosta drabi dan l-interess pubbliku jista' jegħleb ukoll l-interess privat.[14] In-negliġenza fil-qadi tas-servizzi professjonali ta' perit arkitett jista' jkollha effetti traġiċi mhux biss għall-klijent tal-perit – li jkun kontrattwalment marbut miegħu – iżda wkoll fuq terzi persuni li ma jkollhom ebda tali rabta mal-perit arkitett iżda li jistgħu isofru ħsara patrimonjali u/jew personali fil-każ fejn dak il-perit arkitett ma jkunx wettaq id-dmirijiet professjonali tiegħu bil-perizja u l-grad ta' diliġenza u prudenza meħtieġa minnu.

71. Kif ingħad, il-ġurisprudenza turi li l-maġġor parti tal-każijiet istitwiti kontra periti arkitetti kienu bażati fuq atti (prinċipalment omissivi) kommessi minn periti arkitetti fil-qadi tal-professjoni tagħhom riżultat ta' stati mentali speċifiċi negliġenti (bħal meta l-arkitett ikun aġixxa b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni) jew

[11] Second Edition, paġna 419
[12] Vol 3. Para 61
[13] Appell ċivili Superjuri **Rebecca Aquilina vs. Giuseppe Sciortino** et deċiż nhar il-5 ta' Diċembru 1955.
[14] Ara wkoll l-appell ċivili Superjuri **Carmelo Micallef vs. Direttur tax-Xogħolijiet** deċiż nhar it-28 ta' Frar 2001.

minħabba ċertu kondotta speċifikata mill-Liġi bħala negliġenti fejn il-perit arkitett ikun aġixxa b'nuqqas ta' ħila fil-qadi tal-arti-professjoni tiegħu jew minħabba nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.

72. Allura fl-appell ċivili **Cini pro et nomine vs. Galea et**, l-arkitett kien ritenut li aġixxa b'imprudenza meta hu personalment naqas milli jivverifika l-kwalita tax-xogħol magħmul mill-bennej (f'binja li parti minnha ċediet b'konsegwenzi fatali) u minflok għażel li jistrieħ fuq dak li kien qallu l-bennej fuq l-istruttura tal-binja u x-xogħol li l-bennej kien wettaq mingħajr ma għamel il-konstatazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi hu stess personalment.

73. Fil-kawża ċivili deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1957 fl-ismijiet **Avukat Dr. Carlo Moore ne vs. AIC Carmelo Falzon et**, ġie deċiż li perit arkitett jista' jitqies li aġixxa b'mod traskurat meta huwa naqas li jeżamina l-kwalita tat-travi tal-injam qabel ma dawn kienu ġew imqegħda.

74. Fl-appell ċivili superjuri **Emanuel Abela vs. Perit Arkitett Fred Valentino et** deċiż fl-4 ta' Diċembru 1998 il-perit ġie ritenut responsabbli minħabba li naqas milli jittestja s-saħħa, robustezza u solidita tal-konkrijt qabel ma dan ġie mqiegħed biex jivverifika s-saħħa tal-istess konkrijt. Dan in-nuqqas kien jammonta għal imprudenza minn naħa tal-perit arkitett.

75. Din l-imprudenza tista' wkoll tkun riflessjoni ta' nuqqas ta' ħila da parti tal-perit arkitett. Fl-appell kriminali **Louis Portelli** imsemmi iżjed il-fuq, il-perit ma ġiex ritenut kriminalment responsabbli għall-kollass tal-ħajt tal-ġibjun minħabba l-fatt li l-kawża prossima ta' dak il-kollass kien dovut għal parti mill-ħajt ritenut solidu li pero kienet sofriet djufija fl-istruttura naturali tagħha minħabba l-preżenza ta' molluski li kienu jinsabu f'parti tal-qiegħ tal-istess ħajt mgħottija taħt l-ilma. Il-perit arkitett li kien istruwit biex ikun jista' jwettaq il-pjanijiet u xogħolijiet fuq l-ampljar tal-ġibjun fl-istess ħin li l-ġibjun kien jibqa' mimli bl-ilma. B'hekk huwa ma kienx f'qagħda li jipprevedi li kien hemm xi parti minn dak il-ħajt li ġiet imdgħajfa minħabba l-preżenza ta' molluski. Ir-relazzjonijiet peritali stabbilew dan il-fattur bħala wieħed uniku aktar milli rari.

76. Iżda dan ma jfissirx li perit arkitett ma jistax ikun misjub kriminalment ħati minħabba nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu meta huwa jagħti direzzjonijiet biex jiġu eżegwiti xogħolijiet li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-solidita strutturali tal-binja jew għas-

saħħa u sigurta tal-persuni li jkunu qed jaħdmu fuq is-sit tal-kostruzzjoni jew il-binja. Ad eżemju fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Lawrence Formosa et vs. Silvio Felice et** ġie deċiż fis-27 ta' Ġunju 2002, li l-perit arkitett kien wera nuqqas ta' ħila fid-direzzjoni tiegħu dwar kif numru ta' kolonni ġew mibnija b'mod li wara xi żmien dawn bdew jaqsmu u kellhom bżonn rinforz. Anke n-nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti applikabbli mill-perit arkitett jista' jwassal għal konklużjoni li huwa jkun aġixxa b'negliġenza.

77. Il-maġġor parti tal-każistika lokali li titratta r-responsabbilta tal-periti arkitetti skont kif stabbilita minn każijiet ta' natura ċivili. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li dawn il-prinċipji ċivilistiċi ma japplikawx ukoll criminalibus. Għalkemm l-imġieba klassifikabbli bħala negliġenti deskritta iżjed il-fuq fil-ġurisprudenza bosta drabi twassal biex perit arkitett li jiġi meqjus ċivilment responsabbli - iżda mhux ukoll passibbli kriminalment – xorta jibqa' l-fatt li din ir-responabbilta kriminali tista' wkoll tirriżulta meta l-perit arkitett ifalli f'dawk il-kriterji ta' perizja, diliġenza u prudenza fit-twettieq tal-professjoni tiegħu fi grad li jkun ritenibbli serju u fejn il-konsegwenzi li jitnisslu minn dak il-falliment jipproduċu effetti dannużi b'konsegwenzi serji u gravi fuq il-persuna jew proprjeta ta' persuni li jkunu sfaw vitmi ta' dawk in-nuqqasijiet. Hija kwistjoni ta' differenza fil-gradi ta' negliġenza u fl-effetti dannużi kaġunati, aktar milli ta' prinċipji legali.

78. Ad eżempju, ġieli jiġri li periti arkitetti jonqsu milli jħarsu alla lettera regolamenti li jkunu applikabbli fil-qadi tal-professjoni tagħhom[15] jew jonqsu milli jħarsuhom kompletament jekk mhux ukoll imorru kontra l-kelma espressa tal-Liġi jew tar-regolament.[16] Dawn mhux neċessarjament iġibu magħhom konsegwenzi penalment rilevanti li jaffetwaw is-saħħa jew l-inkolumnita ta' terzi persuni. Iżda xorta waħda jista' jagħti l-każ li b'dik l-imġieba huma jkunu qegħdin jirrendu ruħhom penalment passibbli. Mill-banda l-oħra jista' wkoll ikun li tali nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti jkun jifforma parti, jew ħolqa, minn proċess ta' eventi li jkunu marbuta ma xulxin u li flimkien, b'effetto domino jistgħu iwaslu għal event dannuż li jikkawża ħsara fiżika jew patrimonjali lil terzi persuni.

79. Allura akbar ma tirriżulta li tkun il-grad ta' negliġenza da parti tal-perit arkitett, u akbar ma jkunu l-konsegwenzi dannużi kawżati

[15] bħal per eżempju meta jagħtu struzzjonijiet biex xogħolijiet ta' kostruzzjoni jibdew jitwetqu fi żmien meta jkun għadu jrid jgħaddi ż-żmien tal-appell mill-ħruġ tal-permessi.
[16] inkluż, per eżempju, meta jagħtu struzzjonijiet li jinbdew xogħolijiet ta' kostruzzjoni mingħajr ma jkun hemm il-permessi amministrattivi meħtieġa.

minn nuqqasijiet professjonali tagħhom, akbar tkun l-inċidenza li tali periti arkitetti jirrendu lilhom infushom responsabbli mhux biss ċivilment iżda wkoll penalment.

80. Eventi dannużi konsistenti fi ħsara patrimonjali jew personali huma dawk li l-iżjed jixprunaw it-teħid tal-azzjoni penali kontra l-periti arkitetti li jkunu aġixxew b'mod negliġenti – indipendentement mill-eżerċizzju tal-azzjoni ċivili kompetenti. Jekk perit arkitett jiġi pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li kien negliġenti u li frott ta' din in-negliġenza jiġu prodotti eventi dannużi konsistenti fil-mewt, offiża fuq il-persuna jew ħsara fi proprjeta, dak il-perit arkitett ikun jista' jiġi misjub kriminalment responsabbli għal dik in-negliġenza murija fil-qadi tal-professjoni tiegħu. Biex il-perit arkitett ikun jista' jiġi eżonerat mir-responsabilita penali huwa jkun irid juri, almenu sal-grad tal-probabbli, li huwa jkun qeda d-doveri professjonali tiegħu b'diliġenza, prudenza u perizja bi grad ta' attenzjoni, ħila u kura mistennija li tintwera minn perit arkitett ordinarju u kompetenti f'xogħolu skont l-istandards professjonali applikabbli f'dak iż-żmien partikolari u kif ukoll skont il-kriterja oħra speċifiċi għall-oqsma professjonali kif stabbiliti mill-ġurisprudenza.

81. Allura fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** tal-4 ta' Frar 1961 il-Qorti tisħaq li l-livell ta' diliġenza mistennija minn perit arkitett hija dik tal-bonus paterfamilias : li huwa grad ta' diliġenza identiku għal dak applikabbli civiliter. Iżda l-ġurisprudenza lokali, f'diversi każi li spiċċaw quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali f'dawn l-aħħar sittin sena, iddeċidiet li fil-każ ta' persuna li teżerċita professjoni – u allura kawża tal-karatteristiċi partikolari ta' dak is-settur professjonali partikolari, tal-importanza li dak is-settur ikollu fil-assjem soċjali u ekonomiku tal-pajjiż, u tal-ħtieġa li min ikun jeżerċita professjoni jkollu spazju ta' manuvra deċiżjonali suffiċjenti li mingħajrha ma jkunx jista' jeżerċita b'mod raġjonevoli, b'dannu għas-soċjeta li fiha jkun jippresta s-servizz tiegħu - tista' tiġi ritenuta responsabbli biss għal dawk l-eventi dannużi kaġunati bl-atti tagħha iżda li jkunu **frott ta' żball grossolan,** konsegwenza tal-fatt li l-professjonista **ma jkunx** qeda d-doveri professjonali tiegħu bid-diliġenza, prudenza u perizja bil-grad ta' attenzjoni, ħila u kura mistennija li tintwera minn perit arkitett ordinarju u kompetenti f'xogħolu skont l-istandards professjonali applikabbli f'dak iż-żmien partikolari.

82. Strettament, dan il-prinċipju tar-responsabbilta penali tal-professjonista f'każ ta' żball grossolan fl-eżerċizzju professjonali

tiegħu jiddipartixxi mir-regola bażika fil-kamp penali li tqis grad wieħed ta' negliġenza. Il-ġurisprudenza, kontinentali daqskemm anglosassoni, tagħmel distinzjoni bejn in-nuqqas professjonali ritenibbli negliġenti fuq naħa u l-iżball fil-ġudizzju mill-professjonist fil-qadi tal-professjoni tiegħu fuq in-naħa l-oħra. Din id-distinzjoni, kif ingħad, issib il-loġika tagħha msejsa fuq il-fatt, fi kliem l-Imħallef Ġużè Flores stess, li filwaqt li professjonista huwa suġġett bħal kulħadd għar-regoli tal-Liġi Kriminali meta jkun negliġenti f'xogħolu, mill-banda l-oħra jrid:

> Jiġi tutelat sewwa l-interess soċjali fil-prestazzjonijiet professjonali, ma tiġix minn naħa l-oħra paralizzata eċċessivament l-attivita' tal-professjonista, konfrontata kif tinsab, f'kamp wieħed aktar minn ieħor, b'inċertezzi, konflitt ta' indirizzi xjentifiċi, u fatturi imprevedibbli.[17]

83. L-appell kriminali **Portelli** jinkludi fih diversi siltiet ġurisprudenzjali ċivili mnejn jirriżulta deċiż li professjonista li jieħu żball fil-qadi tal-professjoni tiegħu ma jwieġibx għad-danni jekk dak l-iżball professjonali ma jkunx grossolan u jekk tkun ġiet adoperata mill-professjonista d-diliġenza ordinarja, ossija dik mistennija mill-bonus paterfamilias. Dan ifisser li l-professjonista ma jirrispondix għad-danni kawżati bħala konsegwenza tal-iżball professjonali tiegħu sakemm dak l-iżball ma jkunx grossolan u sakemm ma tkunx tista' tiġi addebitata lilu ħtija minħabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias.

84. Dan isegwi wkoll il-prinċipju li l-iżball professjonali normalment ikun żball tekniku, iżda mhux necessarjament kolpuż: iġifieri frott ta' negliġenza professjonali. Bosta drabi jkun il-frott ta' żball ġenwin fil-ġudizzju meħud mill-professjonist, bħal per eżempju meta fl-evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ il-professjonist konfrontat b'iżjed minn għażla teknika waħda, jifforma opinjonijiet jew jieħu deċiżjonijiet in buona fede li wara jirriżultaw li kienu żbaljati. Sakemm dawk l-iżbalji ma jirriżultawx b'mod ċar li jkunu imsejsa fuq atti ta' negliġenza, l-profesjonist ma jirrispondix penalment għal dak l-iżball. Dan isib ukoll l-eku tiegħu f'dak deċiż fl-appell ċivili superjuri fl-ismijiet **Victor Savona pro et nomine vs. Dr. Peter Asphar et** tat-2 t'April 1951 fejn filwaqt li l-Qorti tal-Appell kienet irrikonoxxiet li li żbalji professjonali jittieħdu, mill-banda l-oħra qieset li kien ikun "gwaj sewwa" kieku l-professjonista kellu jwieġeb għal kull żball li jieħu għax ma jkunx wasal għal ġudizzju rett. Hawnhekk il-ġurisprudenza qegħda titkellem fuq żball ta' ġudizzju ġenwin meħud

[17] Appell kriminali **Louis Portelli**.

minn professjonista li jkun qed jaġixxi b'mod onest, intelliġenti, li jkun iffurmat tajjeb fil-professjoni tiegħu, u li jkun qed jaġixxi wkoll in buona fede u b'mod raġjonevoli meta jiġi biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu (li wara tirriżulta żbaljata); u mhux qed tikkondona jew taħfer żbalji li jittieħdu mill-professjonista bħala riżultat ta' nuqqas ta' ħila, traskuraġni jew il-leġġerezza jew l-injoranza ta' min ikun qed jieħu dik id-deċiżjoni. Fi ftit kliem "error of judgment" jeżonerah; "negligent judgment" jikkundannah.

## Ikkunsidrat

85. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lil CAMILLERI u MANGION ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, fatt minnhom it-tnejn kontestat f'dan l-appell. Wara li eżaminat l-atti tal-każ u l-evidenza li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bil-mod speċifiku kif spjegat iżjed il-fuq, inkluż ir-raġunijiet li in bażi tagħhom dik il-Qorti waslet biex sabet ħtija f'CAMILLERI u MANGION relattivament għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, din il-Qorti tikkonkludi li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom meta din il-Qorti għarblet dawk il-provi mill-lenti tal-ġurisprudenza iżjed il-fuq imsemmija.

86. Din il-Qorti ftit għandha xi żżid mal-apprezzament tal-fatti u r-raġunijiet li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) waslet biex issib il-ħtija kemm fir-rigward ta' CAMILLERI kif ukoll fir-rigward ta' MANGION relattivament għall-ewwel żewġt imputazzjonijiet. Din il-Qorti sejra biss tespandi fuq xi aspetti li tqis li jsaħħu dawk il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ.

87. Din il-Qorti ma tarax li kien hemm raġuni għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha għaliex tiddipartixxi mill-konklużjonijiet milħuqa mill-espert tekniku l-Professur Alexander Torpiano. Anke meta r-relazzjoni tiegħu tissaffa minn stqarrijiet li saru lilu minn persuni li kienu ko-imputati iżda li issa qed jistennew proċeduri separati, xorta waħda jirriżultaw provi diretti u indiretti oħra, ampjament imsemmija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha u riżultanti fl-atti li setgħu legalment u raġonevolment iwaslu lil dik il-Qorti li tadotta l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert relatur Torpiano, kemm fir-relazzjoni tiegħu kif ukoll fil-kontro-eżamijiet li sarulu.

88. Anzi f'dan il-każ, il-parir espert u tekniku tal-perit relatur huwa kruċjali minħabba l-aspetti tekniċi speċifiċi li jiffurmaw il-pedament ta' dan il-każ. Il-konklużjonijiet ewlenin li wasal għalihom il-Professur Torpiano huma bażati fuq konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet oġġettivi li kienu jidhru fuq is-sit tal-inċident, bosta minnhom maqbuda u immortalati f'ritratti jew siltiet ta' filmati, u li rriżultaw lill-għajn attenta, imħarġa u esperta tal-Professur Torpiano. Kienu konklużjonijiet li kienu bażati wkoll fuq dak li rriżulta mill-istqarrija ta' CAMILLERI jew altrimenti mix-xiehda tal-parte civile jew qraba tagħhom. Konklużjonijiet milħuqa wara analiżi tad-dokumenti u ritratti eżebiti minnhom, tax-xhieda li ma kienux involuti f'dan il-każ u d-dokumenti u ritratti eżebiti minnhom; nonche mir-relazzjonijiet tal-kumplament tal-esperti nominati u d-dokumenti, fosthom ritratti, stills jew clips eżebiti minnhom. Din il-Qorti wkoll, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, tilqa' l-konklużjonijiet tar-relazzjoni tal-Professur Torpiano u ma tqisx li ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi xi raġuni valida u ġusta għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) prima, u din il-Qorti poi, għandhom jiskartaw dawk il-konklużjonijiet peritali.

89. Il-Perit Torpiano jikkonkludi li l-inċident seħħ minħabba l-koinċidenza ta' diversi fatturi li huwa jsemmi ċar fir-relazzjoni tiegħu. Għalkemm dan ir-relatur ifisser li s-sistema tar-regolamentazzjoni tal-proċessi tal-kostruzzjoni ma kienetx xi waħda li tgħammex fil-kjarezza tagħha, mill-banda l-oħra hu inkontestabbli li kull professjonist involut fil-proċess tal-kostruzzjoni kien suġġett għal sett ta' regoli ta' natura ċivili, amministrattivi, u deontoloġiċi li anke f'dak ix-xenarju, kellhom ikunu magħrufa minnu u kellhom jiġu mħadma minnu. Dawn ir-regoli li kienu applikabbli kellhom qabel xejn jiġu interpretati u implimentati skont ir-regoli tar-raġonevolezza, tal-prudenza, nonche tas-sens komun u tal-buon sens aktar milli jkunu xprunati mill-espedjenti tal-għaġla u tal-konvenjenza, jew ta' dak li jiġi jiswa' l-anqas flus li u jrendi l-iżjed, fl-inqas żmien u bl-anqas sforz possibbli. Il-fuq mir-regoli tas-suq hemm ir-regoli tad-Dritt u tal-Prudenza li kienu jesiġu qabel xejn u fuq kollox il-ħarsien tal-ħajja, tas-saħħa u tas-sigurta ta' min ikun qed jaħdem u ta' dawk kollha li jiġu affettwati bl-iżvilupp tal-bini propost, ragoli tad-Dritt u tal-Prudenza li kellhom jiġu mħadma mis-sens komun u mill-buon sens. Li kieku sar dan, l-event dannuż setgħa jiġi evitat. Dan pero, sfortunatament ma ġarax u f'dan is-sens il-kontribuzzjoni għal dan l-event da parti ta' CAMILLERI u MANGION tirriżulta ċara.

90. Dil-Qorti taqbel mal-Perit relatur u l-Qorti tal-Maġistrati li l-inċident fatali seħħ minħabba li kkonverġew f'daqqa diversi fatturi

attribwibbli lil diversi persuni u li fuq medda ta' ftit jiem intrabtu ma xulxin bħal katina li waslet għall-event fatali. Il-kliem użat mir-relatur kemm fir-relazzjoni tiegħu kif ukoll meta xehed fil-kontro-eżami huwa mwieżen u meqjus u jrid jiġi mifli sew biex il-qarrej jifhem tajjeb it-tifsira sħiħa ta' dak li qal u kkonkluda.

91. Mill-qari tar-relazzjoni flimkien ma' dak li ħareġ mill-kontro-eżamijiet tal-Perit Torpiano jemerġi li l-użu tal-inġenju bil-musmar minn Nicholas Saliba fuq il-ħajt tal-ġnien li fil-qiegħ tiegħu kien iebes ħafna biex jitkisser kien il-fattur li pprecipita kollox u li kkawża l-kroll tal-ħajt tal-appoġġ li kien ukoll jifforma parti mir-residenza tal-familja Pace. Matul il-kontro-eżami tiegħu f'paġna 1059 il-Professur Torpiano jgħid li huwa kien jaqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Maġistrat Inkwirenti fil-Proċess Verbal tagħha meta qalet li l-aġir ta' Nicholas Spiteri kien negliġenti għall-aħħar meta dan iddeċieda li juża l-martell (drabi oħra riferit ukoll bħala l-musmar) biex ifittex jeħles <u>meta dan kien il-kaġun tal-kollass</u>. Iżda l-Perit Torpiano jistqarr li dan il-fatt waħdu <u>**ma kienx**</u> l-uniku kawża prossima u effettiva tal-kollass ta' dak il-ħajt u l-bini li kien hemm iserrah fuqu jew miegħu. L-espert relatur jaqbel li dan l-aġir ta' Spiteri kien kawża prossima, effettiva u importanti għall-kollass tal-ħajt li wassal għall-eventi dannużi, iżda dan ma kienx il-fattur uniku li wassal għall-eventi dannużi.

92. F'paġna 1060, fi kliem ieħor, jgħid li l-użu tal-musmar da' parti ta' Spiteri kien "the straw that broke the camel's back". Irriżultaw atti oħra li preċedew dan l-att, u li kienu mwetqa minn persuni differenti, li wkoll servew ta' kontribuzzjoni soda biex setgħa mmaterjalizza l-kollass li kkawża l-eventi dannużi. Dawn l-atti ta' persuni oħra <u>**kienu wkoll**</u> kawżi prossimi u effettivi għal dan il-kollass peress li kienu fatturi kontribwenti idoneji li kkonċidew kollha flimkien bħal effetto domino biex wasslu għall-kollass tal-bini.

93. Dawn il-kontribuzzjonijiet individwali kienu wkoll penalment rilevanti. Dan il-kroll kien il-frott ta' diversi nuqqasijiet ta' diversi persuni. Li kieku dawk in-nuqqasijiet ma vverifikawx ruħhom kollha f'daqqa l-event dannuż setgħa jiġi evitat. Fi ftit kliem dan l-inċident fatali kien is-somma totali ta' atti ta' negliġenza individwali u separati minn xulxin, f'livelli ta' kontributorjeta differenti, li iżda l-effett koinċidenti u kumulattiv tagħhom wassal għall-kroll tal-ħajt u l-konsegwenti eventi dannużi u fatali.

94. L-istħarriġ dwar l-atti ta' CAMILLERI li kienu rilevanti għas-seħħ tal-event dannuż huma prinċipalment atti omissivi. Fil-maġġor parti tagħhom dawn ġew identifikati mill-espert Torpiano u esplorati fid-dettal mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha, u li din il-Qorti tikkondividi. Essenzjalment dawn in-nuqqasijiet ta' CAMILLERI jippuntaw lejn atti ta' imperizja, oħrajn ta' traskuraġni, u oħrajn ta' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti fil-kuntest tal-qafas legali applikabbli fiż-żmien meta beda jsir l-iżvilupp u x-xogħolijiet li waslu għal dan l-inċident. Dawn l-atti omissivi irriżultaw fil-fażi tal-analiżi preliminari, uħud fil-proġettazzjoni, u oħrajn fil-modalita tat-twettieq tax-xogħolijiet li kienu pjanati li jsiru f'dak is-sit ta' kostruzzjoni. Uħud minn dawn atti omissivi negliġenti huma klassifikabbli bħala grossolani, u b'hekk penalment rilevanti.

95. CAMILLERI naqas milli jagħmel l-analiżi dettaljata biżżejjed tal-kuntest tax-xogħolijiet u naqas milli jevalwa sewwasew l-impatt li dawn ix-xogħolijiet kien se jkollhom fuq il-bini adjaċenti. Imbagħad fit-twettieq ta' dawn ix-xogħolijiet, huwa naqas milli jagħti dawk l-istruzzjonijiet meħtieġa – fi żmien debitu – biex ċerti metodi ta' demolizzjoni jew skavar ma jiġux użati f'dak it-tip ta' sit f'dawk il-kundizzjonijiet ta' kostruzzjoni li kienu jeżistu. Li kieku l-preżenza ta' CAMILLERI fuq is-sit kienet waħda iżjed frekwenti, huwa setgħa jintebaħ bid-diffikultajiet li setgħu ġew riskontrati fid-demolizzjoni tal-ħajt tal-ġnien, b'mod partikolari fil-parti t'isfel nett li rriżultat iebsa ħafna. Hemm setgħa kien ikun f'qagħda li jagħti dawk l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-Uffiċjal Tekniku fuq is-Sit u lil-kuntrattur biex ix-xogħolijiet isiru b'metodi speċifiċi li jkunu indikati fil-Method Statement relattiv. Dan pero ma jirriżultax li sar. Iżda l-għerq tal-problema jmur iżjed lura minn hekk.

96. Il-Condition Reports li ġew imħejjija minn Ishmael Sciberras u mhux mill-perit CAMILLERI. Sciberras ma rriżultax lil Perit Torpiano li kellu għarfien tekniku u speċjalizzat tali li setgħa jassigura affidabilita, kunfidenza u serħan il-moħħ professjonali biżżejjed f'dak li eventwalment ġie ċertifikat fil-Condition Reports. Dawn il-Condition Reports ġew ffirmati u ċertifikati mill-perit CAMILLERI minkejja li ma kienux verament imħejjija minnu. Apparti minn hekk dawn ma kienux jikkontjenu dak l-istħarriġ kollu meħtieġ mill-Liġi li kienet fis-seħħ dak iż-żmien fir-rigward ta' dak li dawn ir-Rapporti kellhom jikkontjenu.

97. In-nuqqas ta' stħarriġ u konsiderazzjoni dettaljata u bir-reqqa tar-rekwiżiti tal-Condition Reports – u allura f'dik il-parti fejn il-perit

ikun għadu qiegħed fil-parti tal-istħarriġ tiegħu tal-kundizzjonijiet kollha previsti mill-Avviż Legali 136 tal-2019 relattivi kemm għas-sit li jkun sejjer jiġi żviluppat kif ukoll relattiv għal proprjetajiet ta' terzi adjaċenti, inkluż il-pedamenti tagħhom - wassal biex kien hemm ukoll rikaduta fuq il-metodi li l-Perit ħaseb li setgħa juża f'dak is-sit għad-demolizzjoni tal-ħajt tal-ġnien kif ukoll fir-rigward tal-iskavar li kellu jsir. Irriżulta li CAMILLERI naqas milli jagħmel analiżi dettaljata u preċiża tas-sit u tal-binijiet adjaċenti, inkluż l-istruttura u l-pedamenti tagħhom u li setgħu, ossija kellhom, jiġu mistħarġa dettaljatament skont kif rikjest mill- Avviż Legali 136 tal-2019 qabel ma jsiru l-Method Statements rispettivi. Iżda anke l-Method Statements preparati minn CAMILLERI irriżultaw li kienu neqsin minn dettalji speċifiċi meħtieġa mill-Liġi.

98. A skans ta' ripetizzjoni, dwar dan il-punt, il-Qorti tirreferi lil qarrej għall-paragrafi 162 sa 194 ta' din is-sentenza fejn issir analiżi iżjed dettaljata ta' dawn il-punti ukoll in konnessjoni mas-sejbien ta' ħtija ta' CAMILLERI fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet. Biss il-konsiderazzjonijiet li jsiru hemmhekk għandhom jitqiesu wkoll b'riferenza għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni fir-rigward tal-istess CAMILLERI.

99. CAMILLERI jargumenta li matul il-laqgħa li saret fl-24 ta' Frar 2020 fejn allura kienu preżenti l-parte civile kollha, inkluż hu, Malcolm Mallia u Ludwig Dimech, ġie maqbul li ma jsir ebda tqattiegħ ta' blat man-naħa tar-residenza tal-familja Pace, li l-esplorazzjoni tal-blat fis-sit kellha ssir fuq in-naħa l-oħra tas-sit, li x-xogħol fuq l-appoġġ kellu jsir kollu bl-idejn mingħajr l-użu ta' magni jew inġenji u li d-diskussjoni bejn il-partijiet dwar iż-żamma tad-distanza taż-żewġ piedi u nofs kienet seħħet, għalkemm deher li baqgħet inkonklussiva.

100. Fl-appell tal-perit CAMILLERI jingħad li matul din il-laqgħa ġie deċiż li l-ħajt tal-ġnien jiġi żmuntat bl-idejn biss. Iżda dan ma jaqbilx ma dak dikjarat fil-Method Statement a fol 462, mnejn jidher ċar li ċerti partijiet tal-ħitan riedu jiġu żmuntati bl-użu ta' lupa jew hand jigger. Forsi bi "żmuntat bl-idejn" ried ifisser li jkunu jistgħu jintużaw għodda anke mekkanika jew motorizzata li tinġarr fl-idejn u tiġi mħadma bl-idejn. Iżda din hija biss interpretazzjoni in kwantu l-Method Statement relattiv jgħid x'apparat setgħa jintunża għad-demolizzjoni, minbarra xogħol strettament magħmul bl-idejn tal-bniedem.

101. Iżda din mhix l-iżjed parti tat-tħassib. Skont ma xehdu r-residenti tal-binijiet affettwati, inkluż il-ġirien Carmel Pace kif ukoll Rosette Zerafa, kien hemm l-inċident fit-18 ta' Frar 2020 fejn irriżultat li kienet waqgħet parti mill-ħajt tal-bitħa tal-garage tal-fond li jiġi fuq wara tar-residenza tal-familja Pace. Dan ukoll kellu jkun indikatur ieħor ta' kemm is-sitwazzjoni f'dak is-sit kienet qegħda ssir partikolari u kemm allura kien jeħtieġ li jkun hemm attenzjoni għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

102. Wara dak il-każ tal-kroll parzjali ta' parti mill-ħajt tal-appoġġ ta' dik il-bitħa, u xprunata mill-biża u nuqqas ta' serħan il-moħħ li r-residenti f'dik iż-żona affettwata kienu qegħdin jesperjenzaw minħabba x-xogħolijiet li kienu qegħdin isiru u l-modalita ta' kif kien qed jiġi propost li jsiru ċerti xogħolijiet, kienet saret il-laqgħa tal-24 ta' Frar 2020. Rosette Zerafa tixhed li din il-laqgħa kienet prinċipalment minħabba l-kwisjtoni tad-distanza taż-żewġ piedi u nofs. Carmel Pace jgħid li bdew jgħidulhom (mingħajr ma jgħid eżatt min) li dik kienet liġi antika. Rosette Zerafa ma tiftakarx li ntqal dan id-diskors. Iżda kemm Pace kif ukoll Zerafa jaqblu li ntqal diskors minn Malcolm Mallia **u** mill-Perit CAMILLERI illi kienu disposti li jużaw it-trencher biex jinqata' l-pedament **dment** li jaqtgħu mal-ħajt tal-appoġġ tagħhom **iżda mhux** jekk jirtiraw il-barra bid-distanza taż-żewġ piedi u nofs. Pace u Zerafa ħassew li din kienet forma ta' theddida bil-pulit, fis-sens li jew jaċċettaw li jqattgħu eżatt mal-ħajt tal-appoġġ bit-trencher u għalhekk mingħajr l-inkonvenjent tad-damdim li t-tħaffir bl-użu tal-musmar iġib miegħu, jew inkella jirtiraw iż-żewġ piedi u nofs, bil-konsegwenza li f'dak il-każ it-tħaffir ried skonthom isir bil-musmar u mhux bit-trencher minħabba li t-trencher kien jiġi jiswa ħafna flus lill-iżviluppaturi. Zerafa kienet ċerta li l-ewwel bniedem li qal dan id-diskors kien il-Perit CAMILLERI; u Malcolm Mallia qabel miegħu.

103. Dak li huwa l-iżjed serju f'din l-istqarrija mhux daqstant il-fatt li saret din il-proposta li Pace u Zerafa interpretawha, forsi b'ċertu raġun, bħala theddida velata. Dak id-diskors, omess minn CAMILLERI fl-istqarrija u fl-appell tiegħu kien ifisser li l-użu tal-musmar kien dejjem ritenut bħala wieħed mill-metodi li kienu sejrin jiġu wżati biex ikun jista' jsir it-tħaffir f'dak is-sit. Il-kwistjoni f'moħħu kienet kemm viċin mal-ħajt tal-appoġġ tal-ġirien parte civile kien sejjer jiġi wżat dak il-musmar u dan peress li l-użu tat-trencher kien sejjer jiġi konsentit minn CAMILLERI u Mallia biss fil-każ li l-parte civile "jċedu" l-jedd tagħhom tad-distanza ta' sikurezza taż-żewġ piedi u nofs.

104. Iġifieri anke l-kuntrattur Ludwig Dimech li kien preżenti għal dik il-laqgħa setgħa wkoll jisma' dan id-diskors minn fomm CAMILLERI u Mallia. Il-messaġġ huwa għalhekk ċar, li l-użu tal-musmar kienet, f'dak il-punt diġa kwistjoni ċerta. U dwar dan ma setgħax ikun mod ieħor in kwantu jekk ma kienux disposti jużaw it-trencher mingħajr ma r-residenti jċedu d-distanza taż-żewġ piedi u nofs, anqas u anqas kienu allura disposti jużaw it-trencher fix-xogħolijiet ta' skavar li huma kien intiżi li jagħmlu f'dak is-sit.

105. F'dik il-laqgħa, l-impressjoni mogħtija lir-residenti kienet dil li ma kienx daqstant ċar minn fejn dik il-modalita ta' tħaffir bil-musmar kellha tibda ssir u safejn kienet sejra testendi. Dan id-diskors allura jrid jitqies ukoll fl-isfond ta' dak li kkonstataw il-perit Torpiano u l-PL Mario Buttigieg fir-relazzjonijiet tagħhom, dwar meta, fejn u kif fil-fatt ġie wżat il-musmar f'dak is-sit. Fatt oġġettiv li ġie konstatat fuq is-sit ukoll meta seħħ l-inċident fatali kien li minkejja dawk it-tip ta' xogħolijiet li bdew isiru dakinhar tal-inċident bl-użu tal-musmar – fejn allura kif jgħid il-Perit Torpiano f'dak il-waqt ix-xogħolijiet issa ma baqgħux biss klassifikabbli bħala demolizzjoni iżda issa ġew kunsiderabbli bħala skavar - huwa li mkien ma deher li kien hemm trencher, minkejja dak li jissemma' fil-Method Statements relattivi għall-iskavar a fol 461 fejn allura jingħad : "excavation along the party walls shall be carried out using rotating cutter head/trencher".

106. Kif jidher f'paġna 462 il-Perit CAMILLERI iċċertifika li l-kontenut ta' dak il-Method Statement kien ġie diskuss mal-Uffiċjal Tekniku ta' fuq is-Sit kif ukoll mal-Kuntrattur u li dawn it-tnejn li huma qablu li x-xogħolijiet isiru skont dak il-Method Statement. F'dan il-Method Statement id-deċiżjoni tal-Perit tidher ċara: l-iskavar kellu jsir "along the party walls" u ebda indikazzjoni ta' żamma ta' distanza ta' żewġ piedi u nofs ma ġiet miktuba. L-anqas ma hemm indikazzjoni li kien se jiġi wżat il-musmar fix-xogħol tal-iskavar li kien propost li jsir: fl-livell ta' 6.5 metri l-isfel mil-livell tat-triq fuq sit ta' kostruzzjoni ta' dik l-area kollha. Din il-Qorti ssibha ftit diffiċli temmen li dak l-iskavar lil hinn minn mal-ħajt tal-appoġġ tal-parte civile kien se jsir bil-baqqun. U allura dato l-estent ta' dak l-iskavar li kien propost, l-omissjoni ta' dan il-metodu ta' skavar fil-Method Statement sottomess lill-Awtorita Pubblika huwa punt rilevanti mhux biss fid-determinazzjoni tar-responsabbilta ta' CAMILLERI relattivament għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, iżda wkoll, kif se jintwera iżjed l-isfel fid-determinazzjoni tat-tielet u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontrih ukoll.

107. CAMILLERI jinsisti li fil-Method Statement imkien ma semma li se jkun hemm l-użu tal-musmar; u insista li d-demolizzjoni tal-ħajt tal-ġnien kien għamar li jsir bl-idejn; jgħid ukoll li fil-laqgħa tal-24 ta' Frar 2020 sar qbil li ma jkunx hemm tħaffir bil-musmar biswit il-ħajt tal-appoġġ. Iżda rriżulta li indipendentement minn dak li kiteb fil-Method Statement, sar użu minn dan il-musmar. CAMILLERI jgħid li dan kien il-frott tad-deċiżjoni unilaterali tal-kuntrattur Ludwig Camilleri u l-impjegat Nicholas Saliba. Din il-Qorti ma tistax tidħol f'dan il-meritu. Iżda l-provi juru wkoll li dakinhar ta' meta seħħ dan l-inċident, la CAMILLERI u l-anqas MANGION ma jirriżultaw li kienu preżenti fuq is-sit. L-anqas ma jirriżulta l-frekwenza li dawn kienu jżuru dan is-sit ta' kostruzzjoni, u dan meta kien mistenni minnhom li jkunu preżenti fuq is-sit tal-kostruzzjoni b'mod frekwenti, li jkunu f'komunikazzjoni kontinwa bejniethom flimkien mal-kuntrattur relattivament għax-xogħolijiet li jkunu jridu jsiru fuq il-post; b'mod partikolari meta kienet ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi mneħħi dak il-pedament li rriżulta li kien iebes iżjed milli mistenni.

108. Iżda anke hawn, kieku l-perit CAMILLERI u l-STO MANGION kienu qegħdin jagħmlu spezzjonijiet regolari fuq is-sit kienu minn jeddhom jintebħu li x-xogħol ta' demolizzjoni tal-ħajt tal-ġnien kien iltaqa' ma ntopp minħabba pedamenti li rriżultaw iżjed sodi milli mistenni minħabba l-mod kif kienu mibnija. Dan il-fatt waħdu allura kien jippremettilhom li jieħdu dawk id-deċiżjonijiet għaqlin dwar il-metodi l-iżjed effikaċi u l-inqas potenzjalment dannużi biex dan l-intopp jingħeleb. U dawn il-konstatazzjonijiet setgħu isiru minnhom personalment indipendentement mill-fatt jekk il-kuntrattur jew l-impjegati tiegħu ikunux infurmawhom bl-intopp li kien inqala; kif ukoll indipendentement mill-fatt li skont CAMILLERI u MANGION kienu l-kuntrattur u l-impjegat Spiteri stess għażlu li jidħlu għal "any un-instructed additional rock excavation" fejn ir-responsabilita, skont il-Method Statement imsemmi u ffirmat mill-perit CAMILLERI "shall be borne by the contractor". Ir-raġuni hi li kull figura professjonali hija ritenibbli responsabbli għat-twettieq tar-rwol professjonali tagħha b'perizja, prudenza u bid-diliġenza tal-bonus paterfamilias skont l-istandards professjonali applikabbli għal dak iż-żminijiet.

109. Indipendentement minn dak li setgħu għamlu jew ma għamlux Ludwig Camilleri u Nicholas Saliba, u indipendentement mill-metodi li ġew użati biex jiġi demolit il-ħajt tal-ġnien, u indipendentement mill-fatt jekk il-kuntrattur jew l-impjegat Saliba aġixxewx minn jeddhom mingħajr konsultazzjoni ta' ħadd meta Saliba ħaddem il-musmar

mal-pedamenti tal-ħajt tal-ġnien, jibqa l-fatt li mir-relazzjoni tal-Perit Torpiano jirriżulta wkoll li frott tal-analiżi superfiċjali li wettaq CAMILLERI billi ma tax attenzjoni biżżejjed lill-kuntest ta' xogħolijiet u l-impatt li dawn setgħa kellhom fuq il-binjiet adjaċenti, huwa awtorizza li l-ħajt tal-ġnien jiġi demolit (anke jekk bl-idejn jew b'makkinarju tal-idejn) u li l-ħajt tal-appoġġ jiġi allura mikxuf sal-livell tal-pedament, mingħajr ma rriżulta li l-perit CAMILLERI kien jaf sewwasew kif kienet il-kostruzzjoni tal-ħajt tal-appoġġ sa' dak il-livell tal-fond tal-familja Pace (mingħajr ma kien hemm ħajt ieħor iżommu jew iserraħ miegħu) u x'kien il-pedament taħt dak il-ħajt tal-appoġġ (radam). Il-perit CAMILLERI donnu telaq mill-punt tat-tluq l-ħajt tal-appoġġ kien ħajt fil-fehma tiegħu kien indipendenti mill-ħajt tal-ġnien. Iżda l-Perit Torpiano wera li kien mod ieħor.

110. Allura li kieku CAMILLERI kien jaf eżattament dan il-ħajt kif kien mibni u x'kien il-kontenut tal-pedament tal-fond li fuqu mbagħad kienet mibnija r-residenza tal-familja Pace (kif suppost allura CAMILLERI kien jaf li kieku ħejja Condition Reports fid-dettalji kollha meħtieġa bl-Avviż Legali 136 tal-2019) bħala perti arkitett CAMILLERI kien suppost messu jkun jaf li dak il-ħajt singlu b'dak it-tip ta' pedament sa' dak il-livell imsemmi ma kienx jiflaħ dak il-horizontal load partikolari. Din hija konklużjoni li l-espert relatur Torpiano wasal għaliha skont kalkoli li kienu magħmula mill-Perit Torpiano. Bħal ma wasal għal dawk il-kalkoli l-Perit Torpiano, l-istess setgħa u kellu jasal il-perit CAMILLERI, kieku għamel l-istess kalkoli jew almenu kalkoli simili. Mill-atti ma jirriżultax sal-grad tal-probabbli li dawn il-kalkoli fil-fatt saru minn CAMILLERI.

111. Dan jirriżulta li kien wieħed mir-raġunijiet importanti, minbarra dawk ir-raġunijiet l-oħra msemmija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha mnejn ġew individwati l-atti ta' CAMILLERI konsistenti f'negliġenza professjonali grossolana. L-att omissiv ta' CAMILLERI fit-tħejjija tal-Condition Reports bid-dettalji kollha meħtieġa bl-Avviż Legali 136 tal-2019 ikkontribwixxa biex bix-xogħolijiet indikati minnu fil-Method Statement tiegħu, il-ħajt tal-appoġġ tar-residenza tal-familja Pace u l-garage sottostanti proprjeta ta' Charles Pace ġie indebbolit konsiderevolment u b'hekk żiedlu l-inċidenza tal-possibilita tal-kollass hekk kif ikun hemm event li jiżbilanċja l-ekwilibriju tiegħu.

112. Mill-kontro-eżami tal-Perit Torpiano ħareġ li huwa rriżultalu li l-pedamenti ta' taħt il-garage ta' Charles Pace, u li fuqu kienet mibnija r-residenza tal-familja Pace, kienu bir-radam. Il-ħajt tal-

ġnien kien jgħin lil ħajt li fuqu kien mibni l-garage ta' Charles Pace u r-residenza tal-familja Pace biex ikun jista' jżomm stabbli. Mill-kalkoli li għamel il-Perit Torpiano ħajt singlu b'dak l-għoli ta' materjal ma jżommx. Iżda iktar minn hekk, a fol 1038 il-Perit Torpiano jżid li dak il-ħajt tal-garage fejn kien hemm ir-radam ma kellux xi ħajt ieħor li kien jidħol fih. Jgħid li din il-modalita ta' kostruzzjoni tagħmel id-differenza : "u għalhekk jiena ġbidt l-attenzjoni għall-fatt li isma' meta tara l-pjanta tinduna li hemm alarm bell. Dik hija r-raġuni...." B'hekk il-perit CAMILLERI setgħa jintebah b'dan b'sempliċi analiżi tal-pjanti tal-binja li ġġarfet. Iżid : "Jekk inti tinduna li hemm ħajt twil mingħajr irfid, dik għandha tkun alarm bell u għandhek tistudjaha naqra iżjed bilr-reqqa. Dik hija r-raġuni. Jiġifieri fin-naħa kien hemm garaxx, pero' mhux neċessarjament kien l-istess kostruzzjoni". Mill-atti ma jirriżultax sal-grad tal-probabbli li fil-fatt dawn il-pjanti ġew miflija minn CAMILLERI kif imsemmi mill-espert Torpiano; jew jekk rahom, fl-aħjar ipoteżi għalih, ma kienx kapaċi jasal għall-konklużjoni li għal Torpiano deheret evidenti – alarm bell li għandek tistudjaha naqra iżjed bir-reqqa. Din il-konklużjoni peritali tindika imperizja minn naħa ta' CAMILLERI.

113. Qari ta' din il-parti tar-relazzjoni u l-kontro-eżami tal-perit tekniku allura twassal għall-konklużjoni li bis-sempliċi deċiżjoni ta' CAMILLERI li jitwaqqa' l-ħajt tal-ġnien - mingħajr prova sal-grad tal-probabbli li turi li għamel dan wara studju bir-reqqa u fid-dettall li trid il-Liġi nonche l-arti, s-sengħa jekk mhux ukoll il-buon sens fl-eżerċizzju ta' dik il-professjoni - mhux biss ġie espost il-ħajt singolu tal-appoġġ tal-garage talli issa ġie li dak il-ħajt – **<u>li inbena wara li kien ġie mibni l-ħajt tal-ġnien</u>** – ġie wkoll imdgħajjef u skont l-espert tekniku dak il-ħajt singlu waħdu l-anqas biss kien jirnexxielu jżomm dak l-għoli ta' materjal.

114. L-istruzzjonijiet minn CAMILLERI biex jinħatt il-ħajt tal-ġnien ingħataw f'kuntest fejn allura li kieku CAMILLERI verament għamel stħarriġ tal-pjanti tal-garage u r-residenza tal-familja Pace, huwa setgħa jintebaħ, bħal ma għamel l-espert relatur, li l-ħajt tal-garage ma kellux ħajt ieħor jidħol fih. Dan ukoll kellu jkun indikatur ċar li kienet meħtieġa attenzjoni partikolari lejn x'xogħol setgħa jsir fis-sit adjaċenti dak il-ħajt. Minħabba l-modalita u l-istat ta' kostruzzjoni ta' dak l-istess ħajt, issa allura mikxuf u mingħajr ebda support jew għajnuna minn xi ħajt ieħor, l-Profs Torpiano jżid li kulma dak il-ħajt ried kien "naqra ċaqlieq u jmorru, u jmorru mill-ewwel għax m'hemm redundancy, għax irqaq, għax irqaq".

115. Dan fih innifsu juri kemm allura kien meħtieġ – qabel ma jibda jsir kwalunkwe xogħol - mhux biss bl-inġenji, iżda anke bl-idejn jew bil-lupa – li jkun verifikat sewwasew x'kienu jgħidu l-pjanti dwar dawk il-ħitan, u f'xiex kien jikkonsisti l-pedament tal-fond li fuqu kien mibni l-garage ta' Charles Pace u r-residenza tal-familja Pace. Eżami tal-Condition Reports iffirmati mill-Perit CAMILLERI, għalkemm fil-verita saru fuq il-post minn Ishmael Sciberras, imkien ma jindika li sar xi stħarriġ tekniku dwar il-pedamenti in kwistjoni biex jiġi verifikat sewwasew jekk ix-xogħol ta' demolizzjoni tal-ħajt tal-ġnien – anke jekk bl-idejn jew b'makkinarju ħafif – kienx sejjer idgħajjef l-istruttra ta' dik il-binja.

116. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li kien mistenni minn perit arkitett li jkun qed jaqdi d-doveri professjonali tiegħu bil-grad ta' attenzjoni, ħila u kura mistennija li tintwera minn perit arkitett ordinarju u kompetenti f'xogħolu skont l-istandards professjonali applikabbli f'dak iż-żmien partikolari li meta jiġi biex jagħmel proġett bħal dan jeżamina sew il-pjanti kif ukoll il-pedamenti tal-binjiet adjaċenti u li jkunu jistgħu jiġu affettwati bix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li tagħhom il-perit ikun inkarigat. Dan iżjed u iżjed meta wieħed jifli sew, bir-regoli tal-buonsens u s-sens komun, ir-rekwiżiti li hemm fl-iskedi erbgħa, ħamsa, sitta u sebgħa tal-Avviż Legali 136 tal-2019, u dak hemm kontenut dwar il-metodoloġija u l-kontenut tal-istħarriġ li jkun irid isir b'riferenza għall-pedamenti mhux biss tal-fond li fih ikun sejjer isir l-iżvilupp, iżda wkoll għal dawk il-fondi adjaċenti: u dan kemm b'riferenza għal Method Statements for demolition works, excavation works u building works, iżda wkoll fit-tħejjija tal-Condition Reports.

117. Veru li l-Perit Torpiano jgħid li fl-industrija setgħa ma kienx hemm l-ideat daqshekk ċari dwar it-tifsira ta' dawn il-kunċetti, ta' Condition Reports eċċetra. Pero mill-banda l-oħra, wara d-dħul tal-Avviż Legali 136 tal-2019, is-sitwazzjoni suppost li kienet diġa bdiet tiġi ċċarata. Dan l-Avviż Legali juri li fiż-żmien meta seħħ dan l-inċident il-Condition Reports ma kienux intiżi biss jew sempliċiment "għall-insurance". Ma kienetx biss li wieħed jara jekk kienx hemm xi madum maqsum jew xi konsenturi biex meta jkun inbeda x-xogħol l-isviluppatur ikun jista' jgħid bil-quddiem li dawk il-ħsarat ma kienux saru tort tiegħu imma kienu diġa jeżistu qabel. Wara d-dħul tal-Avviż Legali 136 tal-2019 mhux kulħadd setgħa jmur jieħu r-ritratti u jagħmel Condition Report. U b'hekk il-Perit Torpiano f'paġna 1058 iżid jgħid li:

Fil-kuntest tar-regolamenti kif inhuma bħalissa l-condition report huwa l-bażi illi l-perit jagħmel assessment tal-kundizzjoni strutturali strutturali issa, mhux tal-finishes, tal-kundizzjoni strutturali tal-binja biex hu jifhem x'instructions irid jagħti. Allura ma tistax tibgħat li xi ħadd li m'għandux idea tal-istruttura, lanqas biss semma' li kien hemm il-pedament, taħt il-..., jiġifieri ma fehemx l-implikazzjonijiet, u ma setax jifhem, u frankament jiena anke lill-kollegi oħra, ngħidilhom, "isma' condition report hija ħaġa essenzjali illi jkun hemm xi ħadd li jifhem, jista' ma jkunx perit imma xi ħadd li jifhem xi tfisser it-tip ta' kostruzzjoni. Fl-antik il-bennejja kienu jgħidu jiena ħa nħott dan il-post, ħa mmur nara jekk hemmx ħnejjiet, għax kienu jafu li l-ħnejjiet jitfgħu. Dawn huma l-istess kundizzjonijiet. Imma xi ħadd irid ikun jifhem illi dik is-sitwazzjoni se toħloq periklu. Jiena naħseb il-perit ma kienx jasal għall-kondizzjoni li jgħid fil-method statement m'hemmx riskju għax il-vertical loads huma żgħar, għax il-punt ma kienx il-vertical loads, il-punt kien il-horizontal loads. Pero fl-industrija ukoll, biex inkun anke fair magħhom, mhux qed jifhmu x'inhi r-raġuni tal-condition report.

118. Din is-silta mix-xiehda tal-Perit Torpiano turi biċ-ċar li fiż-żmien meta seħħ dan il-każ żgur li l-kunċett tal-Condition Reports u l-eventwali Method Statements ma baqgħux kunċetti li jistgħu jiġu trattati b'mod leġġer jew allegru. Din il-Qorti tista' tifhem li l-perit Torpiano, midħla tal-industrija edilizja kien jaf sew li l-ideat f'moħħ dawk li jaħdmu fiha ma kienux ċari, u jżid jgħid ukoll li min jagħmel il-Condition Reports setgħa wkoll ma jkunx perit imma xi ħadd li jifhem xi tfisser it-tip ta' kostruzzjoni. Iżda mill-banda l-oħra, meta l-Qorti tqis dak li bl-Avviż Legali 136 tal-2019 issa ġie meħtieġ li jsir biex jiġi kumpilat Condition Report, din l-istess Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem kif dan ir-rapport ikun jista' jiġi redatt u magħmul – mill-bidu sal-aħħar – minn persuna li ma jkollhiex għarfien tekniku u speċjalizzat sew, bħal ma huwa perit jew xi inġinier speċjalizzat.

119. Dawn huma l-ħtiġijiet u l-istandards li jemerġu mis-seba' skeda tal-Avviż Legali relattiv - sa minn meta ġie fis-seħħ - u li ġew uffiċjalment pubblikati biss bl-ilsien ingliż:

SEVENTH SCHEDULE
(Regulation 7)
(Condition Reports)

1. Details of property.

2. Description of the structure system used for floors (e.g reinforced concrete slabs, stone slabs on timber beams, concrete frame, etc).

3. Description of the structure system used for transmitting vertical load (e.g. masonry walls, concrete columns, etc).

4. Brief description of finishes and their general condition.

5. Brief description of the condition of existing services, including, but not limited to, any leakages, blockages etc.

6. Sketch plan of property.

7. List of observed defects, by room, cross-referenced to photos.

8. In the case of properties falling within the affected zone of excavations, the report shall, in addition to items 1 to 7, include:
(a) A dimensioned sketch plan of the lowest floor of the building.
(b) Clear identification of the structural system of the building, within this zone, describing how load is transmitted to the foundations.
(c) An estimate of the load reaching foundation level, in kN/m or kN.
(d) Identification of the type and dimensions of foundations within this zone.
(e) An estimate of the bearing pressure at foundation level in kN/m2 in the case of strip footings, pad footings and raft foundations.

9. In the case of buildings over which additional floors are to be constructed, the report shall, in addition to items 1 to 7, include:
(a) dimensioned sketch plan of all floors of the existing building.
(b) Clear identification of the structural system of the building, within all floors describing how load is transmitted from floor to floor and to the foundations.
(c) An estimate of the loads at floor level of each floor, and reaching foundation level, in kN/m or kN.
(d) Identification of the type and dimensions of foundations of the existing building.
(e) An estimate of the bearing pressure at foundation level in kN/m2 in the case of strip footings, padfootings and raft foundations.

10. If information about the foundations of the building is not readily available, this is to be clearly stated in the report, and the assumptions made in calculating the bearing pressure are to be described, for both of the above cases.

120. Din it-tip ta' analiżi dettaljata evidentement ma saritx f'dan il-każ għax ma jirriżultax mill-Conditions Reports iffirmati mill-Perit CAMILLERI li daħlu f'dan id-dettall kollu li kien meħtieġ mill-Liġi. Bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, din il-Qorti ma għandhiex is-serħan il-moħħ li, minkejja l-esperjenza li setgħa laħaq rabba fuq dak il-lant tax-xogħol, Ishmael Sciberras kien ukoll akkwista dak l-għarfien tekniku neċessarju biex ikun jista' jwettaq dawk l-osservazzjonijiet nonche kalkoli u konstatazzjonijiet imsemmija f'din

l-iskeda biex ikun jista’ jsir Condition Report kif trid l-istess Liġi għar-raġuni spjegata mill-espert relatur. Il-fatt innifsu li CAMILLERI qabbad u straħ fuq dak li ġie rapurtat lilu minn Sciberras huwa in se mhux biss nuqqas ta’ adeżjoni ma dak li kien mistenni minnu fis-sensi tar-Regolamenti imsemmija (kwantu għal dak it-tip ta’ analiżi li kienet meħtieġa li ssir biex jiġi redatt Condition Report) iżda wkoll minħabba l-fatt li huwa qabbad persuna li ma setgħetx tissodisfa dawk l-istess rekwiżiti minħabba li ma rriżultax li kellha l-għarfien tekniku necessarju biex tagħmel dan.

121. Din il-Qorti tista’ tifhem li dan l-Avviż Legali li ġie pubblikat fis-26 ta’ Ġunju 2019 kien għadu relattivament ġdid meta bdew isiru l-pjanijiet għall-iżvilupp tas-sit in kwistjoni. Il-Qorti tifhem ukoll li l-“industrija” kienet għadha ma bdietx tagħmel dik il-qabża u l-bidla fil-mentalita meħtieġa li ssir kull darba li jiddaħħlu regolamenti u standards ġodda jew inkella jiġu speċifikati jew ampljati oħrajn. Biss jibqa’ l-fatt li l-“injoranza” tal-Liġi mhix skużanti u l-“industrija” kienet mistennija li tadatta ruħha għal dawk ir-realtajiet legali u li kienu issa jimponu ċertu standards u rekwiżiti speċifiċi differenti minn dawk li forsi l-“industrija” kienet imdorrija bihom qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dawn ir-regolamenti, anke jekk dawk l-istess regolamenti setgħu ma kienux perfetti.

122. U dan kien nuqqas serju in kwantu kieku saru dawn il-verifiki debiti skont kif imsemmija f’dak l-Avviż Legali, il-Perit CAMILLERI setgħa kien ikun f’qagħda li jista’ jipprevedi dak li kien prevedibbli u kalkolabbli b’mod tekniku u xjentifiku, bħal ma għamel il-Professur Torpiano; u ċjoe li ħajt singlu mikxuf, b’dak it-tip ta’ kostruzzjoni u b’dik in-natura u volum ta’ pedament, b’dak l-għoli ta’ materjal, ma jżommx. U dan indipendentement mill-fatt li setgħu imbagħad sussegwentement ġew użati inġenji kbar li ħolqu vibrazzjonijiet qawwija biswit dak l-istess ħajt. Anzi skont il-Professur Torpiano, il-konklużjoni tal-Perit Buttigieg li l-musmar kien qiegħed jiġi użat fuq il-pedament tal-ħajt żarmat tal-ġnien bl-“arm outstretched” ftit kienet tagħmel differenza in kwantu l-vibrazzjonijiet maħluqa minnu kienu jmorru f’kull direzzjoni. Dan irid jinqara wkoll ma dak li l-Perit Torpiano kien qal preċedentement li f’dawk iċ-ċirkostanzi li fih kien issa mikxuf dak il-ħajt singlu reġġenti dak il-pedament, ma kienx possibbli jingħad **meta** l-istat tal-ekwilibriju tiegħu setgħa jiġi żbilanċjat. F’dawk iċ-ċirkostanzi ma tistax tistabbilixxi kif u meta se jitlaq. Il-fatt li dak il-ħajt singlu ma kienx jiflaħ dak l-għoli ta’ materjal stabbilih il-perit relatur stess. Iġifieri l-kwistjoni tal-kroll tal-ħajt kienet probabbilita li seħħ għalkemm f’data u b’kawża prossima inċerta.

123. L-istabbilita ta’ dak il-ħajt kienet diġa kompromessa bit-tneħħija tal-ħajt tal-ġnien. Il-kompromissjoni totali imbagħad setgħet tiġi “meta jkun hemm disturbance u daqqa tal-musmar, tista’ tkun id-disturbance illi biex ngħid hekk it breaks the camel’s back hu” jgħid il-Professur Torpiano fil-kontro-eżami tiegħu.

124. Din il-kompromissjoni ta’ dan il-ħajt setgħet tiġi evitata billi jiġu studjati l-pjanti tal-fond ta’ Charles Pace, tal-familja Pace u l-pedament rispettivi fl-ewwel lok. U dan l-istħarriġ ma kienx xi ħaġa li kienet impossibbli li ssir jew li tiġi skoperta. Dan mhux każ ta’ molluski moħbija fil-qiegħ ta’ ħajt ta’ ġibjun mimli bl-ilma u li ma kienx prattikabbli u fl-interess pubbliku li jiġi żvujtat bħal fil-każ tal-appell kriminali **Louis Portelli**. Kien każ fejn il-bennej tal-istess fondi kien għadu ħaj, mimli bl-għomor, u li setgħa jiġi avviċinat, mistoqsi u mitkellem in kwantu kien jgħix ftit il-bogħod minn dak is-sit ta’ kostruzzjoni. Anzi jingħad fix-xiehda ta’ iben il-vitma stess li dan kien anke kellem lilu ftit żmien qabel. Iżda dan ma jirriżultax li sar.

125. Minbarra dan, nuqqas ieħor li kkontribwixxa għall-event dannuż, iżda li jifforma parti mill-assjem ta’ raġunijiet li jwaslu għal negliġenza professjonali f’dan il-każ ta’ CAMILLERI kien in-nuqqas ta’ sorveljanza kontinwa fuq ix-xogħolijiet ta’ demolizzjoni u sussegwent skavar li bdew isiru fis-sit tal-kostruzzjoni. F’dan il-każ, ma ġiex pruvat, almenu sal-grad tal-probabbli li CAMILLERI kien żamm dak l-aċċess fuq is-sit u dik is-sorveljanza frekwenti biżżejjed fuq is-sit relattivament għax-xogħolijiet li riedu jitwetqu. Il-preżenza kontinwa kemm tal-perit tal-proġett kif ukoll tal-STO kienet meħtieġa sine qua non fi proġett bħal dak li kien pjanat li jseħħ f’dawk iċ-ċirkostanzi partikolari. Il-ħtieġa ta’ preżenza u sorveljanza kontinwa hija ħtieġa li tapplika għal kull żvilupp. Iżda jkun hemm żviluppi edilizji li jkunu jeħtieġu xi ftit iktar attenzjoni minħabba ċ-ċirkostanzi u l-ambjenti li l-iżvilupp ikun qiegħed iseħħ fih. Mhux kull sit jew żvillupp edilizju jkun bħall-ieħor. Dan inzerta kien sit li kien jeħtieġ sorveljanza kontinwa u partikolari minħabba kif kienet l-istruttura u l-modalita tal-binjiet adjaċenti u l-pedamenti tagħhom. Il-grad ta’ kura u diliġenza mistennija minn perit arkitett skont l-istandards applikabbli għal dak iż-żmien partikolari kienu jeħtieġu dik it-tip ta’ sorveljanza kontinwa, li f’dan il-każ ma tirriżultax li seħħet.

126. Dawn in-nuqqasijiet kollha ġew osservati mil-Professur Torpiano kemm fir-relazzjoni tiegħu kif ukoll fil-kontro-eżamijiet tiegħu. Jirriżulta li kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni kostanti

bejn il-figuri professjonali kollha involuti f'dan il-każ. Anke r-riferenza li saret għall-komunikazzjonijiet mal-STO, il-bennejja u l-kuntrattur kif temerġi mill-istqarrijiet ta' CAMILLERI turi li kienet xotta, inċerta, f'ċerti versi indeterminata. Mix-xiehda ta' Erbios Hysa[18] jirriżulta wkoll li din il-komunikazzjonijiet alkwantu ineżistenti. Id-dmir ta' sorveljanza da parti tal-perit arkitett inkarigat mill-proġett irid ikun wieħed pro-attiv u mhux reattiv jew passiv, in kwantu hu jkollu r-responsabilita prinċipali bħala l-professjonista inkarigat mill-proġett. Ma jistax jistrieħ fuq ir-responsabilitajiet ta' figuri professjonali oħra biex jagħmlu dak li jkun mistenni li jagħmel hu. Daqstant ieħor, figuri professjonali oħra ma jistgħux jistrieħu fuq ir-responsabilita ta' figuri oħra biex jeħilsu mir-responsabilitajiet tagħhom, u dan jinkludi wkoll l-STO.

127. Apparti l-prinċipji legali li jemerġu mil-ġurisprudenza spjegata sommarjament iżjed il-fuq regolanti r-responsabilita ta' perit arkitett, l-istess Avviż Legali 136 tal-2019 jispjega wkoll f'ċerti regolamenti x'inhuma d-dmirijiet tal-figuri professjonali involuti fit-tfassil u twettieq ta' proġetti ta' kostruzzjoni. Kull wieħed minnhom għandu dmirijiet xi jsegwi over and above dawk id-dmirijiet li jirregolaw dawk il-figuri professjonali fil-liġi u l-ġurisprudenza ordinarja. U b'hekk it-tħaris ta' dawn ir-regolamenti, flimkien ma regolamenti oħrajn regolanti din il-Professjoni u oħrajn li jirregolaw l-industrija edilizja u li allura kemm il-perit arkitett kif ukoll l-STO iridu josservaw, isir obbligu importanti fejn allura n-nuqqas ta' tħaris tagħhom jista' jirrendihom ukoll passibbli kriminalment.

128. Kemm il-Perit Torpiano kif ukoll il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) isejsu r-responsabilita ta' MANGION prinċipalment fuq l-assenza tiegħu mis-sit in kwistjoni jew mill-kuntest tax-xogħolijiet. Dan ingħad peress li mill-provi ma rriżultax li kien preżenti jew tkellem b'mod adegwat mal-kuntrattur li nnominah, jew mal-perit arkitett inkarigat mill-proġett edilizju u li suppost kien qiegħed jgħin fid-deċiżjonijiet partikolari. MANGION jipprotesta dawn il-konklużjonijiet bħala li huma l-frott ta' xhieda li straħu fuqha l-espert relatur u l-Qorti, liema xiehda pero kienet inammissibbli in kwantu bażati fuq il-verżjonijiet ta' Ludwig Dimech u Nicholas Saliba li kienu ko-akkużati kif ukoll fuq dik ta' Erbios Hysa li kien suspettat.

129. Qabel xejn l-Avviż Legali 136 tal-2019 jeħtieġ li l-STO ikun perit. Dan allura jfisser li l-STO huwa marbut bir-regoli deontoloġiċi,

[18] xhud li għalkemm id-Difiża tgħid li huwa suspettat ma jirriżultax li ġie mixli b'xi reat kriminali u għalhekk ma jgawdi ebda status ta' ko-imputat, ko-awtur jew kompliċi.

ċivili u amministrattivi regolanti l-professjoni tiegħu. Minbarra dan ir-rwol tal-STO huwa wkoll imsemmi fl-istess Avviż Legali. Iżda mbagħad, minbarra dan l-Avviż Legali, hemm ċerti obbligi li jitnisslu minn natura tar-rwol innifsu li jrid jiġi mifhum mhux biss skont ir-regoli msemmija fl-Avviż Legali msemmi, iżda wkoll, anke hawnhekk, mir-regoli tas-sens komun u tal-buon sens. Ir-rwol tal-STO mhux qiegħed hemm għan-nom. Ir-rwol tiegħu huwa wieħed speċifiku. Bħar-rwol tal-perit arkitett, il-mod kif huwa diżenjat fil-Liġi jeħtieġ lil persuna li tirrikopri dik il-figura professjonali li tieħu approċ attiv u pro-attiv għall-qadi ta' dmirijietha u mhux rwol passiv jekk mhux ukoll ineżistenti. Anzi l-mansjonijiet tal-STO indikati fl-Avviż Legali relattiv juru kemm il-presenza tiegħu fuq is-sit in kwistjoni hija essenzjali biex ikun jista' jwettaq dak ir-rwol tiegħu b'mod sħiħ. L-evidenza prodotta f'dan il-każ turi verament nuqqas tal-presenza tal-STO mill-kuntest ta' dan l-iżvilupp nonche l-assunzjoni ta' rwol passiv assunt minnu relattivament għall-istess. MANGION ikkontesta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

130. Iżda l-provi juru, inter alia, li MANGION, bħala l-figura professjonali b'mansjoni speċifika ta' STO kien assenti f'iżjed minn episodju wieħed fejn jirriżulta ċar li ttieħdu ċerti deċiżjonijiet importanti fuq il-modalita ta' kif kellhom jitwetqu x-xogħolijiet f'dak is-sit tal-kostruzzjoni; jirriżulta li kien assenti minn fuq is-sit tal-kostruzzjoni u li ma kienx iżuru b'mod frekwenti; ma kienx preżenti dakinhar tal-inċident meta l-metodu tal-iskavar bil-musmar kien beda jiġi implimentat u ma jirriżulta minn imkien li minn naħa tiegħu ħa xi miżuri partikolari biex il-method statement jiġi rispettat jew li l-method statement jiġi ċċarat fid-dawl tal-fatt li kien nieqes mill-metodi speċifiċi dwar kien kellu jsir ix-xogħol tal-iskavar għajr bl-użu ta' trencher li l-anqas biss irriżultat li kienet fuq ix-xena ta' fejn seħħ l-inċident dakinhar li bdew ix-xogħolijiet tal-iskavar. Fi ftit kliem il-provi juru nuqqas totali ta' involviment dirett da parti ta' MANGION fil-qadi tal-mansjoni tiegħu ta' STO kif kien mistenni minnu skont il-Liġi. Huwa b'hekk naqas milli jħares dawk ir-regolamenti applikabbli għall-figura professjonali tal-STO li kien jirrikopri u d-doveri li huma msemmija fl-istess regolamenti fl-Avviż Legali 136 tal-2019.

131. Din il-Qorti taqbel ma' MANGION li x-xiehda jew stqarrijiet ta' ta' Ludwig Dimech u Nicholas Saliba ma jistgħux jitqiesu xhieda ammissibbli f'dan il-każ, minkejja li diversi riferenzi saru għalihom anke fl-appell ta' CAMILLERI u MANGION infushom. Pero din il-Qorti skartat dawk il-verżjonjiet u straħet fuq dik l-evidenza li hija ritenibbli ammissibbli. Ix-xiehda ta' Erbios Hysa hija differenti minn

dik ta' Dimech u Saliba in kwantu kif intqal, ma jirriżultax li dan ġie ko-imputat jew ritenut kompliċi. Fix-xiehda tiegħu a fol 149, meta xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti huwa qal li lil MANGION ma kienx jafu u li huwa qatt ma kien iltaqa' miegħu fuq is-sit, minkejja li kien ilu jaħdem fuq dak is-sit għal madwar ġimgħatejn żmien jew iżjed. Huwa jgħid li l-komunikazzjonijiet tiegħu dwar ix-xogħol li ried jagħmel kienu jkunu mal-kuntrattur Ludwig Dimech. Iżda jżid, a fol 150 li f'dawk il-ġimgħatejn żmien jew iżjed huwa kien ra "the small one" – hawn jirreferi għal MANGION : "just one day when there was nothing here". Dan juri li l-preżenza ta' MANGION fuq dak is-sit kienet ta' darba meta ma kien għad hemm xejn. Dan id-diskors Hysa ma qalux biss meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu lil Pulizija, iżda kkonferma dawn l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fil-preżenza tal-perit Torpiano. B'hekk MANGION ma jistax jinvoka li din id-dikjarazzjoni ma tistax tkun ta' preġudizzju għalih in kwantu kontenuta biss fi stqarrija fejn l-artikoli 658 u 661 tal-Kodiċi Kriminali jkunu applikabbli.

132. Jirriżulta wkoll li MANGION ma kienx preżenti meta saħħ l-inċident tat-18 ta' Frar 2020 fejn kien krolla parti mil-ħajt ta' bitħa ta' garage li kien jagħti għal fuq dan is-sit. Hemmhekk suppost li kellhom jittieħdu deċiżjonijiet importanti li kellhom jolqtu s-saħħa u s-sigurta ta' min ikun fuq is-sit kif ukoll l-interessi ta' terzi persuni involuti.

133. L-anqas kien preżenti meta saret il-laqgħa importanti immens fl-24 ta' Frar 2020. Ix-xiehda kollha li xehdu dwar din il-laqgħa li saret tista' tgħid fuq is-sit - u li kienet intiża li titratta, inter alia, deċiżjonijiet dwar il-modus operandi tat-tħaffir u żamma ta' distanzi legali u li għalhekk intrinsekament marbuta ma deċiżjonijiet li jaffettwaw ir-riskju ta' ħsara lil proprjeta ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħolijiet – jaqblu fuq il-fatt li l-perit MANGION, l-STO ma kienx preżenti għal din il-laqgħa. Wieħed mid-doveri prinċipali ta' Uffiċjal Tekniku fuq is-Sit huwa eżattament dak li din il-figura professjonali:

> (d) trid tkun preżenti fuq is-sit kull meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw ir-riskju ta' ħsara lil proprjetà ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet.

134. Kemm il-kelma tal-Avviż Legali kif ukoll l-ispirtu tagħha jeħtieġu li Uffiċjal Tekniku fuq is-Sit, l-STO, irid iwettaq dmirijietu b'mod attiv, b'mod pro-attiv u mhux b'mod reattiv jew passiv. Ebda

STO ma jista’ jqis ir-rwol tiegħu bħala formalita jew ħtieġa burokratika, jew saħansitra jassumi r-rwol tiegħu b’mod leġġer. Ir-rwol tal-STO huwa wieħed tekniku u importanti tant li l-Avviż Legali stess, espressament jeħtieġ li jkun rikopert minn perit. Dan jagħmel sens inkwantu l-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-STO, jew in-nuqqas ta’ involviment fihom, jistgħu ikunu serji jew fatali, kif sfortunatament ġara f’dan il-każ. Għalkemm forsi mhux imsemmi espressament mill-kelma tal-Liġi, huwa żgur meħtieġ fl-ispirtu tagħha li biex ikun jista’ jaqdi d-dmirijiet tiegħu sew, l-STO irid ikun f’qagħda li jkun jaf eżattament x’xogħol ikun qiegħed isir fis-sit edilizju b’mod kostanti. Minn dan jitnissel ir-rekwiżit ta’ buon sens tas-sorveljanza attiva u kontinwa tas-sit tal-kostruzzjoni meħtieġa minnu liema rekwiżit huwa intrinseku fir-rwol tal-STO sabiex ikun jista jwettaq sewwa u skont il-Liġi ir-rwoli professjonali tiegħu.

135. Kif intqal, l-STO irid li jkun perit, figura professjonali speċifika u adatta għan-natura tad-doveri li trid taqdi. Rwol prinċipali tas-STO huwa r-responsabblita tiegħu għall-**<u>infurzar</u>** tal-Method Statements li jkunu responsabbilta tal-kuntrattur li jkun innominah. Dan ir-rwoli professjonali ma jistax iwetqu biss mill-Uffiċju tiegħu, jew bit-telefon. Biex ikun jista’ jinforza l-Method Statement għax-xogħolijiet irid bilfors li jkun preżenti fuq is-sit bil-frekwenza meħtieġa skont in-natura tax-xogħolijiet ikunu qegħdin isiru, l-istadju li jkunu waslu fih. Altrimenti kif jista’ jagħmel l-evalwazzjoni sħiħa u kompluta tal-kundizzjonijiet ta’ dak is-sit u tax-xogħolijiet li jkunu qegħdin isiru biex jassigura li l-Method Statements ikunu qegħdin jitwetqu skont kif konsultat miegħu? Ma jfissirx li l-STO irid bilfors jorqod u jqum fis-sit tal-kostruzzjoni partikolari, iżda l-anqas jista’ jingħad li jkun sodisfaċenti li jmur fis-sit darba f’xi ħmistax il-jum kif ingħad minn Erbios Hysa f’dan il-każ.

136. Huwa veru li ċerti komunikazzjonijiet mal-perit inkarigat mill-proġett jew mal-kuntrattur jistgħu isiru b’mezzi ta’ komunikazzjoni diversi. Iżda xejn ma jibdel id-dimensjoni li wieħed jara b’għajnejh u josserva direttament u personalment il-kuntest tax-xogħolijiet li jkunu qegħdin isiru. Il-preżenza kontinwa u frekwenti tas-STO fuq is-siti tal-kostruzzjoni li jkun involut professjonalment fihom issir indispensabbli. Iżjed ma jkun kumpless ix-xogħol edilizju li jkun irid isir, iżjed ma jkunu kumplessi l-metodi li jkunu proposti, iżjed irid ikun hemm impenn dirett u personali in situ minn naħa tal-STO biex ikun jista’ jingħad li jkun qeda’ dmiru kif jixraq.

137. MANGION kien indikat bħala l-STO fir-rigward tax-xogħolijiet ta' demolizzjoni u skavar. Dawn ix-xogħolijiet kienu fdati f'idejn il-kuntrattur Ludwig Dimech. Ir-rwol ta' STO assunt minn MANGION allura kien li jara li l-kuntrattur iwettaq dak li kienu l-istruzzjonijiet fil-Method Statement. Iżda ġara li dakinhar tal-inċident, meta ġie għax-xogħol ta' demolizzjoni tal-parti tal-pedament li kien iebes, il-Method Statement ma kienx jipprovdi kif dik il-parti kellha titneħħa. Huwa minnu li l-Method Statement relattiv suppost li jkun magħmul mill-perit tal-proġett. Iżda mill-banda l-oħra huwa daqstant ieħor minnu li dan suppost li jkun ikkonsulta mal-STO meta jkun għamlu. L-STO allura għandu jkollu għarfien sħiħ tal-metodi speċifiċi li jkunu sejrin jiġu użati f'dak is-sit. Ifisser ukoll li l-STO suppost ikun osserva wkoll il-ħtiġijiet li jkun hemm f'dak is-sit biex ikun jista' jitwettaq dak il-metodu jew dawk il-metodi partikolari.

138. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li kieku l-STO kien preżenti fuq is-sit dakinhar tal-inċident filgħodu setgħa kien f'qagħda li jwaqqaf lill-kuntrattur jew lill-impjegat tiegħu mill-użu tal-musmar in kwantu dan ma kienx imsemmi bħala wieħed mill-metodi li kellhom jiġu wżati fil-Method Statement tal-iskavar. MANGION jikkritika din id-deċiżjoni bħala li hija waħda ipotetika u li ma tirriflettix il-fatt li dakinhar tal-inċident l-użu tal-musmar minn Ludwig Camilleri u Nicholas Saliba kien sar minnhom mingħajr ebda konsultazzjoni ta' ħadd. Dan il-fatt jista' jkun li huwa verosimili. Iżda xorta waħda jibqa' l-fatt li mill-provi jirriżulta li l-kawża tal-użu tal-musmar dakinhar tal-inċident kienet dovuta għall-fatt li d-demolizzjoni tal-ħajt tal-ġnien kien laħaq punt fejn instab pedament li kien sod ħafna u li ma kienx possibbli li jitneħħa bl-idejn jew bil-metodi msemmija fil-Method Statement sa dak il-punt.

139. Dan l-iżvilupp ma jirriżultax li kien xi wieħed li seħħ għall-għarrieda. Kien żvilupp li jidher li seħħ fuq medda ta' ħin. U allura li kieku verament MANGION almenu ħa sehem iżjed attiv fit-twettieq tar-rwol tiegħu ta' STO billi jżur iżjed ta' spiss u fuq bażi regolari u jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur fuq l-andament tax-xogħol fuq is-sit, huwa kien jintebaħ li l-pedament kien jippresta problema speċifika li kienet teħtieġ tiġi indirizzata – aktar u aktar meta l-Method Statement li kien konsultat fuqu ma kienx jipprovdi minn qabel xi metodu speċifiku f'dak il-kuntest. L-Avviż Legali 136 tal-2019 jipprovdi eżatt dak li kien mistenni li jagħmel l-STO f'sitwazzjoni bħal din:

10.(1) Meta l-uffiċjal tekniku fuq is-sit jiġi f'dubju dwar kif ix-xogħolijiet għandhom jipproċedu, huwa għandu jwaqqaf ix-xogħol u jitlob id-direzzjoni tal-perit li jkun ħejja d-dikjarazzjoni tal-metodu.
(2) Il-uffiċjal tekniku fuq is-sit għandu jiżgura li l-kuntrattur jaderixxi mal-obbligi kollha tagħhom kif disposti f'dawn ir-regolamenti. F'każ li l-uffiċjal tekniku fuq is-sit jinnota kwalunkwe ksur ta' dawn ir-regolamenti għandu minnufih iwaqqaf ix-xogħol u jinnotifika lil-perit/i inkarigat/i u l-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini.

140. F'dawk iċ-ċirkostanzi li nqalgħu dwar ix-xogħol li kien meħtieġ fil-pedamenti, jekk l-STO kellu xi dubju dwar kif kellu jipproċedi x-xogħol huwa jwaqqaf ix-xogħol u jitlob direzzjoni peritali. Iżda f'dan il-każ l-anqas biss irriżulta li MANGION kien konxju ta' dawk il-problemi li nqalgħu f'dan is-sit ta' kostruzzjoni fuq medda ta' ħin. MANGION ex admissis jgħid li ma kienx jaf x'kien qed jiġri dakinhar tal-inċident u li l-inizjattiva tal-użu tal-musmar ma kienx involut fiha. Iżda dan in-nuqqas ta' għarfien tiegħu ma jistax jiġi imputat biss fuq il-kuntrattur għax (forsi) l-kuntrattur ma nfurmaħx b'dak li kien qed jiġri. Dan in-nuqqas kien dovut għall-fatt ukoll li MANGION ma kienx ikun ta' spiss fuq is-sit ta' kostruzzjoni, ma ntweriex li huwa kien jieħu interess dirett u personali b'azzjoni pożittiva biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu ta' STO. Azzjoni diretta u pożittiva kienet teħtieġ lil STO ikun konxju tal-andament tax-xogħolijiet li jkunu qegħdin isiru fuq bażi regolari. Kien dmir tiegħu ta' STO li jassikura kif ix-xogħolijiet għandhom jipproċedu. Kien dmir tiegħu li jekk jiġi f'dubju dwar dan, huwa kellu jwaqqaf ix-xogħol u jitlob direzzjoni mil-perit li jkun ħejja l-Method Statement. Iżda jekk l-STO ma jkollux idea dwar kif ix-xogħolijiet ikun qed jipproċedu sempliċiment għax ma jkunx preżenti fiżikament fuq is-sit regolarment u l-anqas jaġġorna ruħu regolarment dwar dak li jkun qed isir kif jista' jwettaq dan l-obbligu tiegħu mnissel mir-regolament 10 tal-Avviż Legali 136 tal-2019?

141. L-STO ma kienx messu qiegħed f'dik is-sitwazzjoni li ġie fiha MANGION. Il-fatt li jargumenta li ma kienx jaf x'kien qed jiġri fuq is-sit jew li ma kienx infurmat dwar deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mhix biżżejjed biex teħilsu mir-responsabilitajiet tiegħu. Hu għandu d-dover li jara li ma jkunx imqiegħed f'dik is-sitwazzjoni li ma jkunx jaf eżatt x'inhu jiġri fuq is-sit. L-STO huwa fid-dmir, dmir pożittiv, li jkun jaf xi jkun qed jiġri mix-xogħolijiet fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Għax huwa biss jekk ikun jaf x'inhu jiġri fuq il-lant tax-xogħol li huwa, bħala STO, ikun jista' jieħu dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa minnu skont il-Liġi. Aktar u aktar meta bħal f'dan il-każ, huwa suppost kien konxju tal-fatt li l-Method Statement relattivament għall-iskavar tas-sit żgur ma kienx jipprovdi għal metodu ta' skavar bl-użu tal-musmar.

142. MANGION ma setgħax iħalli lilu nnifsu jinqabad f'sitwazzjoni fejn deċiżjonijiet importantissimi li kienu jolqtu l-qadi ta' dmirijietu jittieħdu fl-assenza tiegħu. Daqskemm ma setgħax iħalli lilu nnifsu sajjem mill-informazzjoni konkreta u immedjata dwar xi problemi li jkunu qegħdin jiżviluppaw fuq is-sit tal-kostruzzjoni u li jkunu jaffettwaw ix-xogħolijiet. Fi ftit kliem, jekk MANGION ma kienx jaf li kien hemm problema teknika u prattika fuq is-sit li żviluppat mal-ħin, jiġi li huwa naqas minn dmirijiet wkoll minħabba karenza ta' sorveljanza attiva, interess pro-attiv, fil-qadi tad-doveri statutorji tiegħu. STO ma jistax jaqdi dmiru, jew jippretendi li jkun issodisfa r-responsabilitajiet statutorji tiegħu b'mod reattiv billi jistenna li jċempillu xi ħadd jekk jiltaqa' ma xi intopp jew problema. Altrimenti ikun inutli li jkun hemm il-ħtieġa statutorja tal-STO jekk dan ma jassumix rwol attiv fis-sorveljanza tal-infurzar tal-Method Statement.

143. MANGION jargumenta li huwa ma setgħax ikun ritenut responsabbli in kwantu l-ewwel darba li l-Method Statement kien ġie miksur kien dakinhar stess ta' meta seħħ l-inċident in kwantu dik kienet l-ewwel ġurnata li fiha beda jintuża l-musmar għat-tħaffir. Il-fatt li l-musmar beda jiġi użat dakinhar u mhux qabel jidher sorrett mill-provi. Iżda kif intqal iżjed il-fuq, il-Method Statement suppost illi sar wara diskussjoni miegħu ukoll. Fil-Method Statement, il-Perit jiċċertifika u ffirma li dan ġie diskuss mas-STO. Fl-istess nifs, f'Dok MS a fol 173c MANGION iddikjara, bil-firma tiegħu li :

> I declare that I will be present on site every time a decision is being taken the result of which would influence or alter the workflow associated with the submitted method statement, the safeguard of third-party rights, the quality of the executed works and their co-ordination. I also declare that I will comply with all the requirements and obligations of LN 136 of 2019 which have a bearing on my role.

144. Din id-dikjarazzjoni tkompli turi li l-Liġi teħtieġ rwol attiv u dirett da parti tal-STO, li jrid ikun preżenti fuq is-sit kull meta tkun trid tittieħed deċiżjoni li tinfluwenza jew tbiddel l-andament tax-xogħol imsemmi fil-Method Statement. Imma mhux biss. Huwa ffirma li ried ikun preżenti fuq is-sit kull meta jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw is-sigurta ta' terzi persuni, jew il-kwalita tax-xogħolijiet eżegwiti u anke l-kordinament tagħhom. Dan minbarra l-obbligi statutorji l-oħra msemmija fl-Avviż Legali 136 tal-2019. Dawn l-obbligi ma jistax iwettaq in absentia jew bi prokura. Irid iwettaqhom hu personalment u b'mod dirett u attiv permezz ta' aċċessi regolari fuq is-sit tal-kostruzzjoni.

145. Iżda l-assenza ta' MANGION mis-sit dakinhar tal-inċident, kienet biss waħda mill-assenzi tiegħu f'dan il-każ. Anke meta l-użu tal-musmar ġie speċifikament diskuss waqt il-laqgħa tal-24 ta' Frar 2020 MANGION kien assenti. Dakinhar ta' dik il-laqgħa, kieku kien preżenti, MANGION kien jintebaħ li l-użu tal-musmar, għalkemm mhux speċifikament imniżżel fil-Method Statement, mill-banda l-oħra kien metodu li kien qiegħed jiġi msemmi bħala mezz li l-iżviluppaturi u l-Perit kienu sejrin jadottaw f'dan is-sit.

146. Jista' forsi jiġi konċess ukoll li ma kienx jaf b'dik il-laqgħa. Iżda anke hawn, dan kien ifisser li ma kienx qiegħed jiġi involut. Iżda dan ma jeskulpaħx għax bħala STO, kien id-dmir tiegħu li jara li jiġi involut fir-rigward ta' dawk id-deċiżjonijiet li kienu jaqgħu fl-ambitu tar-responsabilita tiegħu, billi jkun ukoll f'kuntatt kontinwu mal-perit tal-proġett u mal-kuntrattur. Dan ma jirriżultax li seħħ.

147. Il-konsegwenza ta' dawn l-omissjonijiet tiegħu kienet tirrifletti ruħha f'kontribuzzjoni oħra, din id-darba minn naħa ta' MANGION, lejn is-seħħ tal-event dannuż biex b'hekk anke dawn in-nuqqasijiet tiegħu jassumu rilevanza penali. Kontra dak li jargumenta MANGION, in-nuqqasijiet tiegħu imsemmija iżjed il-fuq kienu jifformaw parti minn negliġenza professjonali da parti tiegħu, grossolana fl-assenza tiegħu mill-assunzjoni tal-obbligi tiegħu bħala STO b'mod dirett u attiv. Dan kellu wkoll impatt fuq il-fatt li seħħ il-kollass tal-binja in kwantu kieku huwa wettaq dmirijietu b'rispett lejn il-kelma u l-ispirtu tal-Liġi applikati bis-sens komun u l-buon sens, u allura kien preżenti fl-infurzar tad-dikjarazzjonijiet tal-metodu għax-xogħolijiet li jkunu responsabbiltà tal-kuntrattur li nnominah, kieku kien preżenti fuq is-sit kull meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw ir-riskju ta' ħsara lil proprjetà ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet, eċċetra dan l-inċident setgħa jiġi evitat. In-nuqqas ta' parteċipazzjoni diretta u attiva fl-irwol tiegħu ta' STO huwa parti mill-ħolqa ta' fatturi kontributorji għal dan l-inċident u li huma marbut bir-rabta ta' kawża u effett.

148. Fl-aħħar mill-aħħar ir-rwol tal-STO huwa rwol importanti li huwa wkoll intiż li jħares l-interessi ta' terzi persuni. MANGION iffirma dikjarazzjoni f'dak is-sens iżda falla bil-kbir milli jwettaq speċifikament bl-assenza ġenerali tiegħu fit-twettieq tar-rwol tal-STO; bin-nuqqas ta' preżenza fuq is-sit wara l-inċident tat-18 ta' Frar 2020 meta ċeda parti mill-ħajt tal-bitħa tal-garage wara d-dar tal-

familja Pace fejn ħadd mix-xiehda preżenti waqt u wara dan il-kroll ma jindika li kien hemm il-preżenza ta' MANGION fuq is-sit; bin-nuqqas tiegħu minn fuq is-sit **ftit żmien qabel u dakinhar** tal-inċident meta allura żviluppat il-problema dwar id-demolizzjoni tal-pedamenti u fejn ix-xogħol kien wasal f'punt ta żvolta tant li dakinhar ittieħed inġenju speċifiku fuq is-sit u li allura kien wieħed mill-fatturi determinanti li kkontribwixxa għal dan l-inċident fatali.

149. F'dan il-każ ma hemm ebda traċċa tal-preżenza ta' MANGION fir-rwol professjonali daqstant importanti ta' Uffiċjal Tekniku ta' fuq is-Sit għajr ħlief għal riferenza waħda minn Erbios Hysa f'ġurnata waħda fejn kien għadu ma ġara xejn. Din hija l-antiteżi ta' dak li kien mistenni minn STO professjonali li jkun qed juża d-diligenza tal-bonus paterfamilias fil-qadi ta' dmirijietu mkejla skont l-istandards kurrenti għal dak iż-żmien partikolari. Naturalment il-livell tal-kontributorja tan-nuqqas tiegħu imbagħad hija kwistjoni li l-Qorti tkun tista' tieħu in konsiderazzjoni.

150. In definittiva, in-nuqqasijiet da parti ta' persuni oħra ma jinnewtralizzawx in-nuqqasijiet ta' CAMILLERI u MANGION fir-rwoli rispettivi tagħhom f'dan il-każ bħala li kienu aġenti kontributuri ta' parti mill-kawża prossima u effettiva li waslet għall-kollass tal-binja li kkaġunat l-eventi dannużi.

### F.2.3 – Is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet fir-rigward ta' CAMILLERI

151. It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet ġew addebitati biss lill-Perit CAMILLERI. Dawn huma r-reati ta' :

a. Dikjarazzjoni jew tagħrif falz lil Awtorita Pubblika fis-sensi tal-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali;
b. Ksur tal-Avviż Legali 136/2019 fir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjeta ta' Terzi Persuni ossija l-Leġislazzjoni Sussidjarja 512.06 tal-Liġijiet ta' Malta numri 2, 3, 4, 7, 8, 10 u b'mod partikolari dikjarazzjoni falza fis-sensi tar-regolament numru 21(5);

152. L-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li:

> Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn

jew multa:Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.

153. Mill-banda l-oħra, r-regolament 21(5) tal-Avviż Legali 136 tal-2019 jgħid li:

(5) Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-għan ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun ħati ta' reat u għandha teħel, meta tinstab ħati, multa ta' mhux aktar minn elf u ħames mitt euro (€1,500), mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li l-applikant jista' jeħel taħt xi liġi oħra.

154. Il-Qorti sabet lil CAMILLERI ħati ta' dawn iż-żewġt reati minħabba l-fatt li CAMILLERI iffirma li huwa għamel il-Condition Reports għall-fondi adjaċenti s-sit ta' kostruzzjoni de quo meta fil-verita dawn saru minn Ishmael Sciberras. Dawn il-Condition Reports kienu parti mid-dokumenti li riedu jiġu sottomessi lill-Aġenzija tal-Bini biex ikun jista' jingħata n-nulla osta biex jinbeda x-xogħol fuq is-sit.

155. CAMILLERI jargumenta li huwa ma għamel ebda dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz filwaqt li jikkonċedi li l-Condition Reports kienu saru bil-parteċipazzjoni ta' Ishmael Sciberras li kien impjegat fl-uffiċju tal-perit CAMILLERI. CAMILLERI kien jafdalu r-responsabilita tat-tħejjija tal-Conditions Reports fil-proġetti li jkun involut fihom bħala perit. Imbagħad CAMILLERI jagħmel l-approvazzjonijiet u l-verifiki tiegħu għal dak l-eżerċizzju li jkun għamel Sciberras. Kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li fis-sentenza tagħha assumiet li CAMILLERI ma għamilx l-approvazzjonijiet tiegħu. Ma hemm ebda prova li turi li CAMILLERI iffirma l-Conditional Reports fl-għama. L-Avviż Legali 136 tal-2019 jeħtieġ lil Perit tal-proġett li jħejji Condition Reports – iżda mkien ma jimpedixxi li dan ix-xogħol isir minn persuna kapaċi u ta' fiduċja tal-Perit tal-proġett. Il-fatt li l-Sciberras ħejja r-rapport li mbagħad ġie analizzat, verifikat u approvat minn CAMILLERI ma kienx jirrendi lil CAMILLERI ħati ta' dikjarazzjonijiet foloz. Dak li għamel CAMILLERI kien li ffirma dokument li kien approvat minnu. B'hekk ma kellu ebda intenzjoni jqarraq b'awtorita pubblika. Dan ma jikkwalifikax bħala falsita ideoloġika. B'hekk ma setgħax jiġi misjub ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

156. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni timputa lil CAMILLERI il-falz ideoloġiku. Il-ġurisprudenza Maltija allineat ruħha wkoll ma dik Taljana fir-rigward tat-tifsira ta' din it-tipoloġija ta' falsita minħabba x-xebħ li hemm bejn iż-żewġt sistemi ġuridiċi regolanti dan ir-reat.

Il-Kassazzjoni Taljana b'sentenza numru 3667 tal-1999 qalet li l-falsita ideoloġika "riguarda l'atto nel suo contenuto ideale il quale risulta cosi' non veritiero". Il-fokus fil-każ tal-falż ideoloġiku allura qiegħed fuq il-kontenut ideoloġiku ta' dak miktub, aktar milli l-forma li dan jassumi. Huwa l-kontenut li f'xi aspetti minnu jkun inveritjier li jirrendi d-dokument "falz" – fis-sens li jkun fih falsita, gidba, f'dak li d-dokument ikun qed jgħid – fejn allura l-kontenut tiegħu, kollu jew parti minnu, ma jkunx jikkorrispondi mal-verita storika, kollha jew parti minnha. L-oġġettiv ġuridiku ta' dan ir-reat iħares l-importanza li tiġi protetta l-amministrazzjoni pubblika minn dikjarazzjonijiet jew tagħrif falz li jkun jista' allura jkollu effett ħażin billi tiġi żvijjata r-retta amministrazzjoni jew tiġi mniġsa l-integrita' deċiżjonali tagħha. Dan ir-reat iħares l-integrita tal-Awtorita Pubblika kontra dikjarazzjonijiet jew informazzjoni giddieba, qarrieqa jew xort'oħra inveritjiera – kemm jekk dik id-dikjarazzjoni jew informazzjoni tkun inveritjiera kollha kemm hi, kemm jekk tkun inveritjiera in parti. M'hemmx għalfejn li l-vantaġġ in kwistjoni jkun ġie akkwistat mill-aġent biex ir-reat jiġi integrat. Huwa biżżejjed jekk min ikun għamel din id-dikjarazzjoni falza, jagħmel dan bit-tir illi jikseb dan il-benefiċċju għalih jew potenzjalment anki għall-ħaddieħor.[19] Biex ir-reat iseħħ irid ikun hemm ix-xjenza ta' min ikun għamel din id-dikjarazzjoni li dak li jkun mistqarr minnu jkun filfatt falz jew inveritier.

157. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit** deċiż nhar is-27 t'April 2016 intqal hekk:

> 9. Issa, kif intqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Galea fis-17 ta' Ottubru 1997:
> Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun ffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V.VI, n. 2296 – 829). Ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin *'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'*. Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. *op, cit.*, p. 4 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba

[19] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Carmelo Abdilla** deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Victor Caruana Colombo.

tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanejament il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, ecc

10. Issa, ġie allegat li fuq l-inkartament Dok. IC4 kien hemm xi firem li ma kinux tas-sidien jew ta' min kien jiġġestixxi l-ħwienet, li xi ħwienet fil-fatt kienu magħluqin u li wħud mill-firem kienu jirreferu għal ismijiet jew numri ta' karta ta' identita` ineżistenti. Mela d-dokumenti in kwistjoni kienu dokumenti ġenwini iżda kienu allegatament jikkontjenu dikjarazzjonijiet inveritjeri. Jiġifieri hawn si tratta ta' falz ideoloġiku.

158. Il-pern tal-falz ideoloġiku allura huwa l-fatt li d-dokument ikun qiegħed jingħad fih fatti li jkunu inveritjieri; li ma jikkorrispondux mal-verita storika u fattwali; li allura l-aġent jistqarr fatti li jkun jaf li ma jkunux totalment jew parzjalment veri. Fi ftit kliem l-awtur iġiegħel lid-dokument jgħid fatti li huwa jkun jaf li ma jkunux jikkorrispondu mija fil-mija ma' dak li jkun verament seħħ fir-realta. Ikun jaf li ma jkunx qed jgħid is-sewwa kollu mija fil-mija lill-awtorita pubblika, u minkejja dan, jagħżel li jagħmel dik id-dikjarazzjoni tiegħu. Id-dokument allura jiġi li jkun qed jirrappreżenta bħala fatt veru dak li fil-verita ma jkunx fatt veru: jew kollu kemm hu jew f'aspetti oħra tiegħu.

Si pensi, ad esempio, al certificato sottoscritto dal medico che lo redige, ma nel quale si afferma di aver sottoposto a visita, con una certa diagnosi, un paziente che in realtà non è mai stato visitato e che non ha alcuna patologia. La falsità ideologica, insomma, non è altro che una menzogna contenuta in un documento vero, non contraffatto e non alterato. .......

In particolare, il privato commette falso ideologico quando, nonostante abbia il dovere giuridico di dire il vero, attesti falsamente (in via orale o per iscritto) al pubblico ufficiale, in un atto pubblico, dei fatti dei quali l'atto è destinato a provare la verità. Ai fini della rilevanza penale della condotta la nozione di atto pubblico va intesa in maniera ampia e comprensiva anche degli atti preparatori, degli atti interni dell'ufficio e degli atti di corrispondenza tra un ufficio e un altro.

Va precisato che, posto che il falso ideologico si risolve nella rappresentazione o narrazione di un fatto non veritiero, esso è prospettabile unicamente per gli atti a contenuto descrittivo o narrativo, ma non anche rispetto ad atti che contengono deliberazioni o statuizioni o in cui si esprime un giudizio o un parere. [20]

159. Il-ġurisprudenza Taljana qieset ukoll bħala formanti l-falz ideoloġiku mhux biss inklużjoni ta' fatti inveritjieri f'dokument maħsub għal awtorita pubblika, iżda wkoll omissjonijiet deliberati:

---

[20] <Il falso ideologico https://www.studiocataldi.it/articoli/18290-il-falso-ideologico.asp#ixzz7ZZKwODsF> aċċessat 20 ta' Lulju 2022.

Pertanto la giurisprudenza prevalente ritiene configurabile il falso ideologico non solo nella omessa attestazione di "dichiarazioni ricevute" ma anche del caso di "omessa descrizione" o "documentazione incompleta di dati o situazioni realmente verificatesi" (Cass. V 21.6.68, Mestice; Cass. V 15.1.68, Piccone; Cass. V 24.9.82, Properzi, CP 1894, 295). Si e' inoltre, affermato che determinante e' solo il contesto anche normativo che imponga l'obbligo di rappresentazione completa di alcuni fatti, con la conseguente possibilita' che, in caso di omessa rappresentazione, l'atto assuma il significato di attestazione della loro inesistenza. Percio' anche l'incompletezza di un'attestazione puo' dar luogo a una falsita' ideologica, non tanto e non solo quando implichi la violazione di una norma giuridica, bensi ogni qualvolta il contesto espositivo dell'atto sia, comunque, tale da far assumere all'omissione dell'informazione relativa ad un determinato fatto il significato di negazione della sua esistenza (cosi, Cass. I 17.11.04, Narducci ed altri, MCP 231183 ... ).

160. Hekk ukoll f'dan il-każ. Perit li jissottometti Condition Reports jew Method Statements lil Awtorita Pubblika, bħal ma hi l-Awtorita tal-Ippjanar jew id-Direttur responsabli għall-Uffiċju dwar ir-Regolament tal-Bini ikunu qegħdin jagħmlu dikjarazzjoni, stqarrija jew jagħtu tagħrif lil Awtorita Pubblika. In kwantu tali dawn id-dikjarazzjonijiet, stqarrijiet jew tagħrif għandhom ikunu veritjieri kollha kemm huma u mhux f'biċċa minnhom biss. Għandhom ukoll ikunu sħaħ u kompluti u mhux, volutament, jitħallew barra minnhom dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet li raġonevolment ikunu mistennija li jkunu inklużi fl-ambitu ta' dawk id-dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet partikolari.

161. Jekk l-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dikjarazzjonijiet tkun xjentement giddieba jew qarrieqa, kollha kemm hi jew in parti, id-dikjarant li jagħmel dan ikun passibbli għall-falsita ideoloġika; daqskemm ikun ukoll passibbli għall-istess reat meta huwa konxjament iħalli barra informazzjoni li tkun meħtieġa li tingħata minnu bis-saħħa tal-Liġi stess fejn dik il-Liġi tkun hekk tirrikjedi biex tittutela jeddijiet jew interessi speċifiċi imsemmija fl-istess Liġi.

162. L-iskop li jiġu mħejjija l-Condition Reports u Method Statements fis-sensi tal-Avviż Legali 136 tal-2019 u l-Iskedi rispettivi huwa preċiżament biex jiġu tutelati l-interessi tat-terzi persuni li jistgħu ikunu affettwati bl-iżvilupp edilizju li jkun qed jiġi propost. Hija r-ratio ta' din il-Liġi innifisha li teħtieġ li jkun hemm mhux biss veradiċita u kjarezza fid-dikjarazzjonijiet magħmula, iżda wkoll affidabilita f'dak dikjarat bażata fuq l-inklużjoni tal-informazzjoni u d-dettalji tekniċi speċifiċi u kompluti dwar il-qagħda u kunduzzjoni

strutturali tas-sit tal-iżvilupp u tal-fondi adjaċenti, b'mod partikolari dawk identifikati bħala "affected zones", kif ukoll il-metodi li jkunu jridu jiġu eżegwiti fil-demolizzjoni ta' bini, fl-iskavar ta' siti jew il-bini ta' edifizji. Din l-affidabilita għandha tkun imsaħħa bil-fatt li min jirrediġi dawn il-Condition Reports jew Method Statements ikun figura professjonali kompetenti, bħal per eżempju, il-perit arkitett li jħejji, jipprepara u jissottometti dawn ir-rapporti u mhux minn persuna li jkollhiex dak l-għarfien u preparazzjoni professjonali. Huwa l-Avviż Legali stess li jipprovdi għal dan, kif ser jingħad.

163. B'fokus partikolari fuq il-Condition Reports f'dan il-każ jirriżulta li dawn ġew iffirmati mill-Perit CAMILLERI fejn hemm dikjarat li ġew preparati minnu. Il-provi inkontestati juru li min mar jagħmel l-aċċess fil-fondi u fl-affected zones għall-fini tal-preparazzjoni tal-Condition Reports (u l-eventwali Method Statements) ma kienx CAMILLERI, iżda kien Ishmael Sciberras (ġudikat mill-espert relatur bħala persuna li ma kellhiex il-kwalifiki meħtieġa biex tkun tista' twettaq it-tħejjija u preparazzjoni ta' dawn it-tip ta' rapporti) li kien ġie mqabbad minn CAMILLERI bħala ħaddiem part-time, biex jagħmel l-aċċess u l-Condition Reports għalih.

164. Il-Perit CAMILLERI iffirma dawn il-Condition Reports bħala dak li preparahom. Imkien ma jingħad fihom li kien Ishmael Sciberras li mar jagħmel l-aċċess fil-proprjetaijiet tat-terzi u li rrediġa l-Condition Reports. L-Awtorita Pubblika li tirċievi dawk il-Condition Reports kellha quddiemha biss dikjarat li dawn ġew preparati minn CAMILLERI. Li l-perit CAMILLERI kellu sehem fil-preparamenti ta' dawn il-Condition Reports huwa indubitat, għax biss biss kien hu li ffirma dawn id-dokumenti. Il-kwistjoni diskussa f'dan il-każ pero hi jekk bis-sempliċi fatt li CAMILLERI jgħid li assuma rwol ta' superviżjoni u verifika ta' dawn il-Condition Reports kienetx suffiċjenti biex jitqies li huwa verament "prepara" dawn id-dokumenti fis-sensi li trid il-Liġi.

165. Hu veru li l-Avviż Legali ma jippreskrivix espressament li l-Condition Reports iridu jiġu mħejjija minn xi figura professjonali speċifika, bħal ma huwa l-każ tal-Method Statements jew min jista' jservi ta' STO. Dan fil-fatt huwa wkoll rifless fil-kliem użat mill-espert relatur meta jagħmel il-kummenti meqjusa tiegħu dwar dan is-suġġett kif imsemmi iżjed il-fuq. Bħal kull professjonist ieħor, verament li l-perit ikun jeħtieġ l-għinuna ta' ħaddieħor biex jaqdi d-doveri professjonali tiegħu u allura ċerti aspetti tax-xogħol tiegħu ikun jista' jiddelegahom lil xi subaltern tiegħu. Biss, bħal kull

professjonist ieħor, il-perit irid ikun attent meta, jekk u safejn jista' jiddelega mil-firxa ta' servizzi li joffri.  Irid ukoll ikun attent lil min jiddelega biex iwettaq servizzi partikolari jew servizzi anċillari jew aċċessorji. Ċerti mansjonijiet ma jistgħux jiġu delegati lil persuni li ma jkunux professjonalment kwalifikati bħalu.  Jekk il-perit jagħmel dan huwa jkun qed jonqos minn dmiru.  Ċerti mansjonijiet jeħtieġu preparazzjoni akkademika u teknika li mhux kulħadd jippossjedi – anke jekk il-persuna magħżula jkollha ċertu esperjenza akkwiżita direttament minn fuq il-lant tax-xogħol.  Bosta drabi d-deċiżjoni ta' liema mansjoni jew parti minnha tiġi delegata u lil min, titħalla f'idejn il-ġudizzju prudenti tal-professjonist konċernat.   Biss ċerti mansjonijiet huma riżervati li jiġu mwetqin bis-saħħa tal-Liġi minn figura professjonali partikolari.

166. Il-qasam tal-periti arkitetti jsegwi wkoll dan il-ħsieb.  Hemm ċerti mansjonijiet speċifiċi li l-Liġi stess issemmi – direttament jew indirettament – li jkunu jridu jiġu mwetqa minn perit.  Dawn il-mansjonijiet ma jistgħux jiġu delegati lil persuni oħra jekk ma jkunux ukoll kwalifikati bħalu.  U dan peress li t-twettieq sħiħ u legali ta' dawk il-mansjonijiet ikunu jeħtieġu preparazzjoni akkademika u teknika speċifika mistennija minn perit, bażata fuq l-għerf u l-esperjenza professjonali tiegħu u li mhux kulħadd ikollu.

167. F'dan il-każ, l-Avviż Legali 136 tal-2019 jikkontjeni riferenzi kemm espliċiti kif ukoll impliċiti li juri li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li l-Condition Reports ikunu preċeduti minn aċċess fil-proprjeta tat-terzi, u li jsiru b'mod dettaljat u tekniku u li jinkludu fihom informazzjoni u komputazzjonijiet speċifiċi li juri l-ħtieġa li min jagħmilhom irid ikollu għarfien tekniku bħal dak mistenni li jkollu perit arkitett.

168. F'dan il-kuntest għalhekk, biex wieħed jara jekk CAMILLERI "f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz", wieħed irid jara sewwa sew fil-fatt u fid-dritt x'kien meħtieġ li jiġi ddikjarat fid-dokument de quo.  Il-formula li tintuża għall-Condition Report, fil-punt numru 10, teżiġi li dan id-dokument ikun iffirmat mill-persuna li tippreparah : bl-intestatura "10. Prepared by:" Din il-kelma "prepared" tista' tagħti lok għal interpretazzjonijiet differenti dwar it-tifsira proprja tagħha.  Wieħed allura jrid jara x'kienet il-ħtieġa, t-tifsira, s-sinjifikat u l-importanza li dawn il-Condition Reports għandhom fil-kuntest fattwali u legali li ried jintlaħaq bl-Avviż Legali 136 tal-2019 magħquda mar-rwoli u responsabbilitajiet li l-istess

Avviż Legali jimponi fuq il-perit tal-proġett jew tal-iżviluppatur skont il-każ, biex wieħed ikun jista' jifhem sewwasew dak li kellu f'moħħu l-Leġislatur meta għażel li juża din il-frażi "prepared", li tinsab mhux biss f'din il-formula, iżda wkoll fit-test tal-Avviż Legali nnifsu, li jeħtieġ li:

> 7.(1) Mhux aktar tard minn ġimgħatejn (2) qabel ma jinbdew xi xogħlijiet ta' skavar, demolizzjoni jew kostruzzjoni li jaqaw taħt dawn ir-regolamenti, il-perit tal-proġett għandu **<u>jissottometti</u>** d-dikjarazzjoni tal-metodu relattiva skont ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Skedi **<u>u rapport dwar il-kondizzjoni tal-proprjetà skont is-Seba' Skeda</u>** li inħarġet bil-lingwa bl-Ingliż biss, fuq websajt li jippreskrivi d-Direttur.

169. Obbligu li joħroġ ċar sa mill-bidu nett ta' dan ir-regolament fuq il-perit tal-proġett, f'dan il-każ rwol assunt mill-perit CAMILLERI, huwa qabel xejn li jissottometti l-Condition Reports lid-Direttur responsabbli għall-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini. Sottomissjoni ta' rapport ma tfissirx awtomatikament preparazzjoni ta' rapport. Min jista' jissottometti r-rapport mhux neċessarjament ikun l-istess bniedem li jkun ipprepara r-rapport. Mhux kontestat li l-perit CAMILLERI issottometta dawn il-Condition Reports.

170. Iżda minn qari iżjed akkurat ta' dawn ir-regolamenti jirriżulta li l-obbligu tal-perit tal-proġett mhux biss marbut mas-sottomissjoni tal-Condition Reports u Method Statements fl-astratt; iżda hemm skop speċifiku ta' natura legali u fattwali għaliex il-Liġi qegħda teżiġi li jsiru dawn il-Condition Reports. L-iskop wara dawn ir-rapporti huwa li jsir magħruf b'kemm jista' jkun dettall u preċiżjoni, u minn qabel ma jibdew xogħolijiet ta' kostruzzjoni, il-kuntest globali u sħiħ li fihom ix-xogħolijiet ta' demolizzjoni, skavar, kostruzzjoni eċċ jkunu qegħdin jiġu proposti. L-għan aħħari ta' dawn il-Liġijiet huwa li jsir pjanifikar tajjeb tax-xogħolijiet u l-kuntest li fihom dawn ikunu sejrin isiru bil-quddiem, ukoll biex kemm jista' jkun jiġu evalwati r-riskji ta' ħsara jew korriment ta' terzi persuni minħabba dawk ix-xogħolijiet proposti. Dan joħroġ ċar mill-bidu nett ta' dawn ir-regolamenti in kwantu jingħad hekk:

> 2.(1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jassikuraw li qabel ma jinbeda xi tip ta' xogħol ta' demolizzjoni, skavar jew kostruzzjoni, jitħejjew metodoloġiji li huma teknikament siguri sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara lil proprjetà ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet proposti.
> (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhom bl-ebda mod jinftiehmu li għandhom xi effett fuq ir-responsabbiltajiet relatati mad-disinn

tal-bini u l-attività tal-kostruzzjoni li jirriżultaw minn strumenti leġiżlattivi oħra.

171. It-tħejjija ta' metodoloġiji li huma teknikament siguri biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara lil proprjeta ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħolijiet proposti trid, bis-saħħa ta' din il-Liġi, ssir minn perit. Dwar dan ma hemmx lok għal dubju in kwantu l-Avviż Legali huwa ċar u espliċitu.

172. Iżda dawn il-Method Statements ma jsirux fl-astratt. Huma rapporti li jridu jkunu marbuta man-natura tax-xogħolijiet li jkunu proposti, imqegħda fil-kuntest partikolari u speċifiku tas-sit fejn ix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni jkunu qegħdin jiġu proposti. Allura jsegwi li dawn il-Method Statements iridu bilfors jintrabtu mal-analiżi iżjed wiesa li trid issir fir-rigward tal-kuntest ambjentali ċirkostanti, adjaċenti, sottostanti u sovrastanti s-sit propost għall-iżvilupp. Il-Method Statements għalhekk huma marbuta intimament mal-iskop nonche dak li huwa bl-istess Avviż Legali rikjest li jsir in konnessjoni mal-preparazzjoni tal-Condition Reports skont ir-regolament numru sebgħa nonche s-seba' skeda annessa mal-istess Avviż Legali.

173. Hemm rabta intima maħluqa mill-Liġi stess bejn il-Condition Reports u l-Method Statements li jkunu jridu jiġu mħejjija minn perit. Il-metodoloġija tad-demolizzjoni, tal-iskavar, u tal-kostruzzjoni fis-sit qajla tista' tinfatam miċ-ċirkostanzi u l-kuntest ambjentali li jkunu qegħdin isiru fih. Anzi l-obbligu tat-tħejjija ta' metodoloġiji li huma teknikament siguri biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara lil proprjeta ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħolijiet proposti jiddependu bi sħiħ fuq qari akkurat tal-kuntest ċirkostanti nonche l-kundizzjonijiet strutturali kollha tal-proprjetajiet adjaċenti, sottostanti jew sovrastanti nonche dak kollu li jkun jinsab fl-"affected zones".

174. Allura jsegwi li daqskemm huwa importanti li l-metodoloġiji jiġu preparati minn perit arkitett, daqstant ieħor huwa meħtieġ li d-dokumenti li jkunu tant influwenti fuqhom, jiġifieri l-Condition Reports, isiru minn perit arkitett. Dan sabiex jiġi assikurat li jkun hemm dak l-għarfien tekniku neċessarju mhux biss "dijanjostiku" iżda wkoll dak "pronjostiku" rigward is-sit ta' kostruzzjoni innifsu, kif ukoll dwar il-proprjetajiet ta' terzi li jkunu adjaċenti, sottostanti jew sovrastanti jew b'xi mod ieħor li jaqgħu fl-affected zone. Dawn iż-żewġ ġeneri ta' rapporti – Condition Reports u Method Statements għalhekk iridu jimxu id f'id. Daqskemm huwa għaqli li pazjent issirlu

pronjożi minn tabib, daqstant ieħor huwa għaqli li ssirlu dijanjożi preċedenti minn tabib. L-istess hawnhekk. Jekk huwa għaqli li l-metodoloġija tad-demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni ssir minn perit arkitett, huwa daqstant ieħor għaqli, u meħtieġ, li l-istudju tal-istat, kundizzjoni u kuntest sħiħ tal-bini adjaċenti, sottostanti jew sovrastanti u ta' dak kollu li jinsab fl-"affected zones" tiġi magħmula minn perit arkitett.

175. Dan mhux biss argument mislut mill-Liġi, iżda huwa wkoll il-frott ta' riflessjoni diretta ta' dak li jagħmar l-Avviż Legali 136 tal-2019 fir-regolament 7 u l-iskedi relattivi li jitrattaw il-Method Statements u l-Condition Reports.

176. Fir-regoalment 7(2) ta' dan l-Avviż Legali jingħad li kull terza persuna interessata tista' tistaqsi lid-Direttur sabiex jeżamina mill-ġdid kull dikjarazzjoni ta' metodu li tiġi sottomessa, **<u>kemm il-darba dik it-terza persuna tissottometti rapport dettaljat imħejji minn perit li jindika r-raġunijiet tekniċi li jistgħu jkunu ta' tħassib għas-siġurtà ta' tali terza persuna jew il-proprjetà tagħha</u>**. Dan ir-rapport tat-terz allura jsir minn perit fir-rigward tal-aspetti li jolqtu s-sigurta u l-proprjeta ta' dan it-terz. Fuq binarju simili, wieħed mill-iskopi wara t-tħejjija tal-Condition Reports (li jridu jiġu sottomessi mill-perit tal-iżvilupp) huwa dak li jindika l-kundizzjoni tal-proprejta tat-terz li setgħa kien affettwat jew li jkun jaqa' fl-affected zone. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jagħmilx sens li l-analiżi tar-raġunijiet tekniċi li jistgħu jkunu ta' tħassib għas-sigurta jew il-proprjeta ta' terz iridu jsiru **<u>bilfors b'rapport dettaljat imħejji minn perit,</u>** mentri l-Condition Report - li allura suppost ikun il-bażi li fuqha ssir l-analiżi mill-perit tal-proġett biex fuqu wkoll ikun jista' jfassal il-metodoloġija li tkun trid tiġi wżata minnu fit-twettieq tal-iżvilupp edilizju – tista' ma ssirx ukoll minn perit arkitett.

177. Il-Qorti tivvalidita dan ir-raġunament fuq dak misjub fir-regolamenti 7(8) u 7(9) ta' dan l-Avviż Legali. Fihom joħroġ ċar kemm il-parteċipazzjoni tal-perit arkitett fil-preparazzjoni tal-Condition Reports hija kunsidrata waħda diretta u attiva (u mhux passiva jew delegattiva) in kwantu jingħad li:

> (8) Meta terza persuna, li tkun sid jew okkupant, **tirrifjuta l-aċċess tal-perit tal-iżviluppatur, jew fejn il-perit tal-proġett <u>ma jistax jikseb aċċess għall-proprjetà kontigwa</u>,** jew fejn l-identità tas-sid jew l-okkupant tal-proprjetà kontigwa mhix magħrufa jew mhix traċċabbli**, għall-għan li jipprepara r-rapport dwar il-kondizzjoni, <u>tali perit għandu jagħmel</u>**

**dikjarazzjoni bil-miktub fejn jagħti dettalji tat-tentattivi tiegħu biex jitħalla jkollu aċċess għall-proprjetà tal-ġar, inkluż in-notifikazzjoni jew tentattivi ta' notifikazzjoni bil-posta reġistrata, bil-għan li jipprepara r-rapport dwar il-kondizzjoni u jinkludi tali dettalji fid-dikjarazzjoni tal-metodu.**

178. Hawnhekk huwa ċar li l-aċċess għall-proprjeta tat-terz **għandu jkun għall-perit tal-iżviluppatur jew il-perit tal-proġett** – ossija dawk li normalment xi wieħed minnhom ikun irid jissottometti l-Method Statements u l-Condition Reports u mhux xi figura professjonali oħra jew xi delegat tiegħu. Anzi għandu jkun **tali perit** li jagħmel id-dikjarazzjoni bil-miktub fejn jagħti d-dettalji **tat-tentattivi tiegħu biex jitħalla jkollu aċċess għall-fond tal-ġar bil-għan li jipprepara l-Condition Reports u Method Statements**. L-aċċess għall-fond tat-terz għandu jkun **magħmul minn tali perit u huwa tali perit li għandu l-għan li jipprepera l-Condition Reports u l-Method Statements**. Hawnhekk allura l-Avviż Legali stess ipoġġi l-oneru kemm tal-aċċess **kif ukoll** tat-tħejjija ossija l-preparazzjoni tal-Condition Reports fuq il-perit tal-proġett jew il-perit tal-iżviluppatur. L-Avviż Legali ma jgħidx li **tali perit** jista' jiddelega dawn id-doveri tiegħu lil xi figura professjonali, jew inqas professjonali, minn dik tiegħu. L-oneru huwa fuqu li jagħmel kemm l-aċċess fil-proprjeta tat-terzi kif ukoll li jipprepara l-Condition Reports.

179. Imbagħad ir-regolament 7(9) ta' dan l-Avviż Legali jibni fuq dan il-ħsieb billi jippreskrivi li:

> (9) Meta l-okkupant ta' proprjetà li għaliha hemm bżonn ta' rapport dwar il-kondizzjoni mhuwiex is-sid, l-okkupant għandu:
> (a) jinforma lis-sid **li perit responsabbli tal-proġett, li qed jaġixxi f'isem l-iżviluppatur ta' sit ta' żvilupp kontigwu, talab l-aċċess għall-proprjetà bil-għan li jipprepara rapport dwar il-kondizzjoni;** u
> (b) jibgħat ir-rapport dwar il-kondizzjoni lis-sid meta jirċevih mingħand l-iżviluppatur.

180. Anke hawnhekk huwa l-perit responsabbli mill-proġett li jkun talab l-aċċess għall-proprjeta **bil-għan li jipprepara rapport dwar il-kondizzjoni**. Hawnhekk allura mhix kwistjoni biss li "delegatus non potest delegare". Il-kwistjoni hija li l-Liġi espressament teħtieġ l-involviment dirett u attiv tal-perit tal-proġett, jew il-perit tal-iżviluppatur, fl-eżekuzzjoni tal-aċċess **u** fil-preparazzjoni tal-Condition Reports. Huwa dan il-perit tal-proġett jew tal-iżviluppatur li huwa dik il-figura professjonali li l-Liġi stess ittiħ **id-dmir** li jagħmel,

dawk l-aċċessi li fihom jagħmel dawk l-osservazzjonijiet, konstatazzjonijiet, u jottjeni dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa u disponibbli fl-istadju inizzjali meta jiġu biex isiru l-Condition Reports. U mbagħad ikun dak il-perit li eventwalment, okkorrendo wkoll billi jagħmel dawk l-eżamijiet tekniċi meħtieġa, jkun jista' jagħmel dawk il-konstatazzjonijiet u jiġbed dawk il-konklużjonijiet qabel ma jfassal il-Method Statements li jkunu allura s-sies ta' kif ix-xogħolijiet edilizji proposti jkunu jistgħu jiġu mwetqa a sodisfazzjoni tal-iżviluppatur iżda b'kemm jista' jkun serħan il-moħħ tat-terzi persuni li jkollhom il-proprjeta tagħhom sottostanti, sovrastanti jew adjaċenti jew altrimenti fl-affected zone.

181. L-aċċess tal-perit tal-proġett fuq il-post u l-aċċess tiegħu għall-proprjeta tat-terz li tkun fl-affected zone mhix kapriċċ. Anzi, ħi ħtieġa maħluqa mill-Liġi preċiżament biex jiġi assikurat li l-perit tal-proġett ikun ikkonstata b'għajnejh stess, u allura esperjenza bis-sensi tiegħu, il-kundizzjonijiet kollha u l-kuntest sħiħ ta' dak li jdawwar u jsawwar l-iżvilupp propost **<u>qabel dan ikun beda jseħħ – u mhux wara li jkun beda seħħ</u>** meta l-kuntest ċirkostanti ma jibqax neċessarjament l-istess. U mbagħad wara li jkun għamel dan l-aċċess u għamel il-konstatazzjonijiet li ħass il-ħtieġa li jagħmel, allura jkun jista' jħejji l-Condition Reports fis-sensi li trid il-Liġi.

182. F'dan il-każ partikolari, kif intqal iżjed il-fuq b'riferenza għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet relattivament għal perit Camilleri, irriżulta li l-perit Camilleri ma għamilx dan it-tip t'aċċess fil-fond tat-terz skont kif meħtieġ fil-Liġi. L-anqas ma jirriżulta, sal-grad tal-probabbli, li ħa xi sehem attiv wisq fis-superviżjoni ta' dawn il-Condition Reports. Anzi b'riferenza għall-fond tal-familja Pace, jirriżulta li fuq il-post kien mar Ishmael Sciberras u dan għamel il-Condition Report li mbagħad għaddieh lil perit CAMILLERI. Ma jirriżultax li Sciberras kien tkellem mal-perit CAMILLERI dwar il-Condition Report relattiv għall-proprjeta tal-familja Pace, daqskemm ma sarux xi eżamijiet tekniċi da parti ta' Sciberras jew CAMILLERI fir-rigward tal-proprjeta tal-familja Pace jew tal-pedamenti tal-fond sottostanti ossija garage proprjeta ta' Charles Pace. Stando max-xiehda ta' Ishmael Sciberras, l-eżami li sar ta' dak il-fond kien wieħed ta' natura superfiċjali, bażat fuq osservazzjonijiet viżivi tiegħu fuq jekk kienx hemm xi ħsarat li kienu jidhru diġa mad-daqqa t'għajn, għax kieku kien hemm xi ħsarat li kienu jidhru mad-daqqa t'għajn, Sciberras imbagħad kien jgħid lil perit biex dan imur jittawwal fil-proprjeta għall-fini ta' struttura u li jkun hemm bżonn. Iżda jekk din il-proprjeta ma tkunx turi li jkun hemm dawn il-ħsarat –

bħal konsenturi eċċetra, u kif jidher li kien il-fond tal-familja Pace – minn dak mistqarr minn Sciberras jidher li l-perit imbagħad ma joqgħodx imur fuq il-post biex jivverifika hu dak li huwa mistenni mill-Avviż Legali.

183. Dan qiegħed jingħad in kwantu mbagħad mill-evidenza sottomessa f'dan il-każ, il-Condition Report relattiv għall-fond tal-familja Pace ġie ffirmat mill-perit CAMILLERI bħala dak li **prepara** l-istess Condition Report kif jidher mid-dokument 173a. Dan iċċertifika li dan il-fond kien f'kundizzjoni strutturali tajba, li ma kienx hemm "visible damages", filwaqt li fil-punti 7 u 9 tal-formola standard tal-Condition Report iġifieri fejn huwa rikjest mill-perit li jniżżel l-informazzjoni dwar "Additional requirements for properties falling within the affected zone of excavations" u "Declaration that information about the foundations of the building is not readily available and including assumptions made in calculating bearing pressure" rispettivament ġew indikati minnu bħala "n/a", tqassira bl-ingliż ta' "not applicable". Iżda mis-sens tar-relazzjoni tal-espert relatur f'dan il-każ, dawn kellhom ikunu "applicable" u bil-kif.

184. Il-mod kif il-Condition Reports kellhom ikunu preparati skont dan l-Avviż Legali ma jippermettix li dawn ikunu magħmula b'mod superfiċjali. Is-superfiċjalita fil-mod kif dawn il-Condition Reports tista' tissarraf f'nuqqas ta' informazzjoni li altrimenti tista' tkun rikjesta bil-Liġi stess skont kif imsemmi fl-iskedi relattivi. Jekk minħabba l-mod leġġer u superfiċjali kif ikunu mħejjija Condition Reports jirriżulta li dawn ikunu neqsin minn informazzjoni li altrimenti tkun legalment meħtieġa, allura ma jistax jingħad li dawn il-Condition Reports ikunu qegħdin jagħtu l-informazzjoni kollha, l-istampa kollha veritjiera tal-fatti f'dak il-każ partikolari. Jekk dik l-informazzjoni legalment rikjesta titħalla konxjament barra, għal raġuni jew oħra, allura dik id-dikjarazzjoni jew stqarrija jew tagħrif lill-Awtorita Pubblika ma tistax titqies li kienet veritjiera. Dan peress li l-Awotorita Pubblika tkun qegħda tiġi preżentata b'informazzjoni, dikjarazzjonijiet, stqarrijiet jew tagħrif li ma jkunx korrett kollu jew komplet kollu. Dan in-nuqqas t'informazzjoni jippreżenta lil dik l-Awtorita Pubblika b'informazzjoni inkompleta, u bħala konsegwenza mhux veritjiera mija fil-mija. Dan in-nuqqas, magħmul konxjament, kif intqal iżjed il-fuq anke b'riferenza għal ġurisprudenza Taljana, jammonta għal omissjoni dikjaratorja raffiguranti l-falz ideoloġiku, u għalhekk isir penalment rilevanti. F'dan il-każ jirriżulta li informazzjoni li wieħed kien jistenna li jsib fil-Condition Reports tħalliet barra mill-Perit CAMILLERI, minkejja li kien hu l-persuna li

assuma r-responsabbilita tal-preparazzjoni ta’ dawn id-dokumenti, anke b’riferenza għal dak li mbagħad huwa meħtieġ li jiġi rifless fil-method statements rispettivi.

185. Fir-rekwiżiti imsemija fir-regolament 8 tal-Avviż Legali de quo wieħed isib li l-Method Statements li jridu jiġu mħejjija mill-perit jridu tinkludu l-informazzjoni msemmija fl-iskedi numri 2, 4, 5, u 6 li ġew annessi mal-Avviż legali. Il-Perit irid iħares ukoll il-ħtiġijiet tal-iskeda numru 7 relattivament għall-Condition Reports b’applikazzjoni ta’ dak rikjest minnu mir-regolament 7 tal-Avviż Legali kif imsemmi iżjed il-fuq. Dawn l-iskedi jridu jinqraw ikoll flimkien biex wieħed japprezza aħjar ir-raison d’etre tagħhom.

186. Meta l-perit iħejji l-Method Statements għad-demolizzjoni huwa jrid jieħu kont partikolari tar-riskji li jolqtu l-istabbilita tal-istruttura nnifisha u ta’ “contiguous structures”. Huwa jrid jieħu wkoll:

1. the commencement date of the works.
2. The identification of risks involved.
3. The proposed methodology, supported by any other documentation as may be required, which should specify:
(a) the risks involved after taking account of the structural condition of the construction itself and contiguous structures;
(b) the sequence of works to be undertaken;
(c) measures to safeguard the stability of the works being undertaken, the stability of contiguous structures or terrain as the case may be;
(d) the type of machinery equipment that is allowed to be used;
(e) the type of machinery equipment that is not allowed to be used;
(f) if applicable, the type of crane to be used, the location where this is to be set-up, the methodology for setting up the crane, information about ground conditions below the proposed crane locations, and other relevant information relating to the crane that may be supported by certification by a warranted engineer;
(g) the precautions and safeguards to be adopted:
(i) against instability of the structure;
(ii) for parts thereof being demolished;
(iii) for any contiguous structures;
(iv) for the safety of persons.
(4) Procedure to be adopted for the loading and carting away of the resulting debris.

187. Meta jiġi għall-Method Statements relattivi għall-iskavi skont l-iskeda numru ħamsa, jrid jieħu kont ta’:

1. The commencement date of the works.

2. A description of the affected zone of the excavation, explained schematically in inclusive of a dimensioned plan that includes the following:
(a) the limits of excavation;
(b) the depth of each part of the excavation;
(c) the affected zone of the excavation, shown shaded and dimensioned;
(d) the properties and buildings belonging to third parties that fall within the affected zone of the excavation.
3.A description of the loads acting on the ground within the affected zone shown in Figure 2.1, referenced to the condition reports as per Seventh Schedule.
4.description of the ground conditions. This should include the following:
(a) identification of ground materials through the geological map of the Maltese Islands;
(b) information from any ground investigation reports that fall within the immediate surroundings, specifically within the affected zone;
(c) information from other periti who have built or supervised excavation in the immediate surroundings, after having obtained the necessary consent to usethis information;
(d) if information requested in items (b) or (c) is not available, information from a ground investigation that would need to be commissioned for the proposed project. This investigation shall be carried out from within the site that is to be excavated. In the case of excavations not exceeding 2m in depth, such information may be obtained from trial pits, whereas borehole drilling with full recovery shall be required for all other proposed excavation depths. If agreement is reached with the neighbouring third parties within the affected zone, boreholes shall be drilled, inclined, from within the site that is to be excavated, into the ground beneath the neighbouring third party properties.
5. Identification of the risks involved in carrying out the excavation, taking into account the expected strength of the ground materials, the presence or otherwise of fissures, and the loads within the affected zone.
6. A signed declaration by the perit responsible for the method statement stating that after having had regard for the requirements of items 2, 3, 4 and 5, the excavation works are possible and can be safely executed.
7. If ground improvement or underpinning is not considered necessary, a signed declaration by the perit responsible for the excavation method statement stating why a ground improvement intervention or an underpinning intervention is not necessary.
8. proposed methodology of excavation, supported by any other documentation as may be required, which should specify:
(a) where the excavation is to be started from;
(b) any phasing required to achieve the required rock buttressing;
(c) the levels that should be attained in each stage of the excavation;
(d) the type of machinery equipment that is allowed to be used;
(e) the type of machinery equipment that is not allowed to be used;
(f) if applicable, the type of crane to be used, the location where this is to be set-up, the methodology for setting up the crane, the relevant ground conditions below the crane, and other information relating to the crane that may be relevant, supported by certification by a warranted engineer;
(g) the precautions and safeguards to be adopted:

(i) against instability of structures falling within the affected zone;
(ii) for the safety of persons.

9. Procedure to be adopted for the loading and carting away of resulting debris.

10. Subject to the provisions of the Civil Code (Cap. 16.), where underpinning is to be undertaken, full details of how the underpinning works are to be executed, supported by scaled plans, sections and detailed drawings. A description of how the underpinning works are to be phased in relation to other excavation work needs to be described.

11. Issues to be observed during the excavation.

12. A signed declaration by the perit responsible for the excavation method statement stating that the contents of the excavation method statement were discussed with the site technical officer and the contractor/subcontractor undertaking the works, who have accepted to proceed with the works according to the method statement.

13. Any monitoring readings that are required to be undertaken during the excavation, describing where, how and what is to be measured and what results are to be tolerated prior to taking ulterior action.

188. Iżda dawn ir-rekwiżi li l-periti jridu jsegwu fit-tfassil tal-Method Statements, iridu jinqraw flimkien ma' dak li s-seba' skeda tippreskrivi għall-kontenut tal-Condition Reports. Din tgħid hekk:

SEVENTH SCHEDULE
(Regulation 7)
(Condition Reports)

1. Details of property.
2. Description of the structure system used for floors (e.g reinforced concrete slabs, stone slabs on timber beams, concrete frame, etc).
3. Description of the structure system used for transmitting vertical load (e.g. masonry walls, concrete columns, etc).
4. Brief description of finishes and their general condition.
5. Brief description of the condition of existing services, including, but not limited to, any leakages, blockages etc.
6. Sketch plan of property.
7. List of observed defects, by room, cross-referenced to photos.
8. In the case of properties falling within the affected zone of excavations, the report shall, in addition to items 1 to 7, include:

(a) A dimensioned sketch plan of the lowest floor of the building.
(b) Clear identification of the structural system of the building, within this zone, describing how load is transmitted to the foundations.
(c) An estimate of the load reaching foundation level, in kN/m or kN.
(d) Identification of the type and dimensions of foundations within this zone.
(e) An estimate of the bearing pressure at foundation level in kN/m2 in the case of strip footings, padfootings and raft foundations.

9. In the case of buildings over which additional floors are to be constructed, the report shall, in addition to items 1 to 7, include:

(a) dimensioned sketch plan of all floors of the existing building.

(b) Clear identification of the structural system of the building, within all floors describing how load is transmitted from floor to floor and to the foundations.
(c) An estimate of the loads at floor level of each floor, and reaching foundation level, in kN/m or kN.
(d) Identification of the type and dimensions of foundations of the existing building.
(e) An estimate of the bearing pressure at foundation level in kN/m2 in the case of strip footings, padfootings and raft foundations.
10. If information about the foundations of the building is not readily available, this is to be clearly stated in the report, andthe assumptions made in calculating the bearing pressure are to be described, for both of the above cases.

189. Il-Condition Reports preparati f'dan il-każ ma kellhomx dawn id-dettalji kollha msemmija fis-seba' skeda, b'mod partikolari fil-punt 8 tagħha. Meta l-Perit CAMILLERI iffirma li huwa pprepara dawn il-Condition Reports, huwa kien mistenni li jippreparahom f'dak id-dettall li kien rikjest minn dawn l-iskedi u mill-istess Avviż Legali sabiex l-Awtorita Pubblika kompetenti, nonche t-terzi persuni involuti jkollhom ukoll idea ċara ta dak li jkun qed jiġi sottomess fir-rigward ta' dawn it-terzi u oħrajn li jistgħu ikunu affettwati bix-xogħolijiet. Kif spjegat, l-Avviż Legali juri li l-perit tal-proġett jew il-perit tal-iżviluppatur għandu jieħu sehem dirett, attiv u personali fl-aċċess u t-tħejjija tal-Condition Reports. Dan ġie muri wkoll b'riferenza għall-informazzjoni li trid tiġi inkluża f'dawn ir-rapporti u kif dawn jintrabtu mal-informazzjoni meħtieġa li mbagħad tiġi riflessa fil-Method Statements.

190. Gie sodisfaċentement pruvat li l-involviment dirett, attiv u personali tal-Perit CAMILLERI fil-preparazzjoni ta' dawn il-Condition Reports kien nieqes. B'hekk huwa jiġi li ddikjara li pprepara dawn il-Condition Reports daqslikieku ħa dak is-sehem dirett, attiv u personali rikjest minnu meta fil-fatt huwa ma għamilx hekk. Apparti minn hekk ġie li meta huwa ħalla barra informazzjoni speċifikament rikjesta mill-iskeda 7 kif imsemmi iżjed il-fuq, ġie wkoll li fis-sens tal-ġurisprudenza Taljana imsemmija iżjed il-fuq:

Si e' inoltre, affermato che determinante e' solo il contesto anche normativo che imponga l'obbligo di rappresentazione completa di alcuni fatti, con la conseguente possibilita' che, in caso di omessa rappresentazione, l'atto assuma il significato di attestazione della loro inesistenza.

191. Jekk l-Awtorita Pubblika ma tinġibdilhiex l-attenzjoni dwar xi fatti speċifiċi rigwardanti siti partikolari, din l-omissjoni, kwantu għal

dak li għandha x'taqsam l-istess Awtorita Pubblika tassumi t-tifsira ta' attestazzjoni tan-nuqqas ta' eżistenza ta' dawk il-fatti partikolari minn dak is-sit. Din allura ma tkunx rappreżentazzjoni tar-realta u verita storika, iżda okkultament tal-istess.

192. Dan in-nuqqas allura jrid jinqara wkoll ma' dak li l-istess perit CAMILLERI kien iddikjara fil-Method Statements tiegħu relattivament għad-demolizzjoni u l-iskavar, fejn huwa, xprunat minn nuqqas ta' aċċess proprju fuq il-proprjeta tat-terzi u nuqqas ta' stħarriġ fuq il-pedamenti tal-fondi adjaċenti li jaqgħu fl-affected zone, u fin-nuqqas ta' analiżi dettaljata kif rikjest mis-seba' skeda fir-rigward tal-proprjeta in kwistjoni, huwa ddikjara wkoll, fl-istess Method Statement lill-Awtorita pubblika kompetenti f'fol 173g fil-parti fejn hemm indikat "5. Idenficiation of the risks involved" li:

> The adjacent properties are low lying structures, and as a result there are no major loads imposed on the rock surface for the time being. Consequently, the chance of any unplanned collapse of the third party structures is a minimum. Once the fill has been removed, and the rock surface has been exposed, spot levels of the existing rock surface are to be recorded prior to any rock excavation.

193. Dan irid jinqara fil-kuntest ta' dak li stqarr l-espert relatur meta saħaq fuq il-fatt li f'dan il-każ ebda stħarriġ fuq horizontal loads ma jidher li sar. B'hekk mhux ċar kif CAMILLERI setgħa jasal għall-konklużjoni tiegħu li ċ-ċans ta' tiġrif mhux mistenni tal-binjiet tat-terzi huwa żgħir. Iżda imbagħad, iżjed minn hekk, fil-parti numru 6, il-perit CAMILLERI kompla jiddikjara li:

> I, the undersigned, Perit responsible for this method statement hereby declare that, after having regard for the requirements of items 2, 3, 4, and 5 of the fifth schedule, the excavation works are possible and can be safely executed.

194. Traġikament, dan ma kienx il-każ. L-iskavar, f'dawk il-kundizzjonijiet u l-kuntest ambjentali partikolari għal dak is-sit ma kienx indikat; żgur mhux b'dak il-mod li effettivament seħħ. Biss, anke jekk il-bidu tal-iskavar seħħ, skont CAMILLERI, mingħajr l-għarfien u l-kunsens tiegħu, jibqa' l-fatt li d-dikjarazzjonijiet li huwa għamel fil-Condition Reports tiegħu ma kienux jirriflettu l-verita tal-fatti **<u>kollha u sħiħa</u>** li l-Awtorita Pubblika kellha tiġi infurmata dwarhom skont il-Liġi dwar dak is-sit in kwistjoni u l-kuntest ċirkostanti tiegħu.

195. Għar-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq, dan allura jintegra r-reati msemmija fit-tielet u r-raba' imputazzjoni biex b'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza appellata, inkluż meta kkunsidrat li r-reat imsemmi fir-raba' imputazzjoni jista' jitqies bħala reat uniku f'dak kontestat fit-tielet imputazzjoni.

## F.2.4 – In-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ħames imputazzjoni fir-rigward ta' MANGION

196. Il-Perit Mangion waħdu ġie wkoll mixli bil-ksur tal-Avviż Legali 136 tal-2019 fir-Regolamenti numri 2, 3, 4, 7, 8, 10 u b'mod partikolari li naqas milli josserva dikjarazzjoni tal-metodu fis-sensi tar-regolament numru 21(3). Dan huwa r-reat ta' min jonqos milli josserva dikjarazzjoni tal-metodu skont it-termini ta' dawn ir-regolamenti u li f'każ ta' ħtija jeħel multa ta' mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) u fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta'ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li jkompli r-reat.

197. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabetx lil MANGION ħati ta' dan ir-reat in kwantu qieset li skont ir-regolament numru 9 tal-Avviż Legali 136 tal-2019, l-STO huwa responsabbli biss mill-infurzar, ossija "enforcement" tal-Method Statements mentri l-eżekuzzjoni tal-Method Statements hija f'idejn il-kuntrattur. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li huwa biss il-kuntrattur li jista' jinsab ħati ta' dan ir-reat u mhux ukoll l-STO peress li l-eżekuzzjoni tal-Method Statement hija fdata f'idejn il-kuntrattur. Peress li l-perit MANGION ma kienx il-kuntrattur, allura ma setgħax jinstab ħati ta' dan ir-reat.

198. L-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti biex minflok issib lil MANGION ħati ta' din l-imputazzjoni in kwantu ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet li MANGION kien kompletament assenti minn fuq is-sit u minn dak li kien mistenni minnu li jagħmel**, kemm qabel kif ukoll dakinhar li krollat ir-residenza ta' Pace**, dik il-Qorti kellha allura ssibu ħati wkoll ta' dik l-imputazzjoni. Il-preżenza ta' MANGION fuq is-sit dakinhar tal-inċident setgħet twaqqaf l-użu tal-inġenji fuq dik il-parti t'isfel tal-ħajt tal-ġnien u b'hekk anke l-kroll tal-ħajt u l-adjaċenti residenza ta' Pace. MANGION kien ukoll assenti minn laqgħa oħra li kienet saret mal-ġirien ftit wara li kien hemm kroll ta' parti oħra mill-ħajt għas-sit de quo fit-18 ta' Frar 2020 u li għal darb'oħra MANGION kien nieqes.

Din kienet forma ta' deżerzjoni tad-dmirijiet tiegħu li kellu jiġi rifless f'sejbien ta' ħtija ta' din l-imputazzjoni wkoll.

199. MANGION iqis li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ġusta fuq dan il-punt u kellha tiġi konfermata in kwantu minn imkien ma jirriżulta li huwa naqas minn dmirijietu jew li kien hemm prova ammissibbli li turi li huwa kien assenti jew aġixxa b'xi nuqqas kif addebitat lilu.

200. Qabel xejn din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta tgħid li dan ir-reat jista' jiġi kommess biss mill-kuntrattur minħabba li huwa biss fdat bl-eżekuzzjoni tal-Method Statement stante li l-Liġi tafda lil STO bl-enforcement. Ir-regolament 21(3) tal-Avviż Legali 136 tal-2019 jippenalizza lil kull min jonqos milli josserva dikjarazzjoni tal-metodu skont it-termini ta' dawk ir-regolamenti. Fit-test ingliż ir-reat huwa deskritt bħala "any person who fails to comply with a method statement in terms of these regulations". L-osservanza tal-Method Statements skont it-termini ta' dawk ir-regolamenti mhux marbuta u ristretta biss mal-eżekuzzjoni tal-Method Statements. Din il-lokuzzjoni hija waħda wiesa ħafna meta wieħed iqis mhux biss il-frażi użata mir-regolament 21(3) tal-Avviż Legali relattiv – "tonqos milli tosserva dikjarazzjoni tal-metodu" marbuta mal-iskop innifsu tad-dikjarazzjoni tal-metodu u l-għanijiet li din id-dikjarazzjoni trid tilħaq.

201. F'dan il-każ jirriżulta li l-bażi għas-sejbien tal-ħtija tal-Perit MANGION fir-rigward tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet kienet imsejsa fuq il-fatt li minkejja r-rwol li huwa assuma f'dan il-każ, u ċjoe dak li jaġixxi ta' Site Technical Officer, mill-provi huwa rriżulta li ma wettaqx dawn id-doveri assunti minnu b'mod kontinwu u dan peress li ħlief riferenza waħda magħmula minn Erbios Hysa li jgħid li raħ darba fuq is-sit meta kien għadu ma beda jsir xejn, ħadd u minn imkien ma jirriżulta li huwa kien preżenti fuq is-sit kull meta kien hemm xi deċiżjoni li riedet tittieħed u li bħala konsegwenza tagħha setgħa jiġi influwenzat jew mibdul il-mod kif jitwettaq ix-xogħol skont il-method statement sottomess lid-Direttur, kif ukoll is-salvagwardja tal-interessi u drittijiet ta' terzi persuni, nonche l-kwalita u l-kordinament tax-xogħolijiet li kellhom isiru. F'dan il-każ l-assenza totali tal-preżenza ta' MANGION mis-sit u mill-kuntest tax-xogħolijiet u twettieq tal-Method Statements relattivi kienet waħda li turi li huwa kien ħa rwol passiv ħafna f'dan il-każ. Dan ir-rwol passiv ma kienx jaqbel ma dak li l-Liġi kienet teħtieġ minnu bħala Site Technical Officer. Ma ġiex pruva, almenu sal-grad tal-probabbli li ħa xi rwol

dirett u attiv kif kien rikjest minnu fit-tfassil tal-Condition Reports, nonche fl-infurzar tal-Method Statements relattivi għad-demolizzjoni u l-iskavar. Dan kien imur kontra dak li huwa ffirma għalih fit-23 ta' Jannar 2020 bħala r-rwol li huwa kellu jwettaq. Huwa naqas milli josserva l-obbligi li huwa assuma fl-ambitu tat-twettieq tal-Method Statements relattivi.

202. Apparti minn hekk il-perit inkarigat mill-proġett ried ukoll, fil-Method Statement relattiv għall-iskavar jagħmel:

> A signed declaration by the perit responsible for the excavation method statement stating that the contents of the excavation method statement were discussed with the site technical officer and the contractor/subcontractor undertaking the works, who have accepted to proceed with the works according to the method statement.

203. Fil-fatt din id-dikjarazzjoni tirriżulta wkoll fid-dokument 173g eżebit f'Dok MSIB. Ġie pruvat li x-xogħolijiet ma mxewx eżattament ma dak li kien imsemmi fil-Method Statements anke peress li l-Method Statements infushom kienu karenti minn informazzjoni relattiva dwar kif effettivament kellu jsir ix-xogħol tal-iskavar f'dak is-sit għajr ħlief għall-użu tat-trencher li pero, kif intqal qabel ma dehret imkien fis-sit, minkejja li anke skont il-perit relatur dak inhar tal-inċident is-sit kien sar wieħed ta' skavar u mhux iżjed ta' demolizzjoni. In definittiva l-obbligu li jiġu osservati l-Method Statements huwa obbligu attiv u mhux passiv fuq il-figuri professjonali involuti fit-tfassil, twettieq, sorveljanza u infurzar tiegħu.

204. In-nuqqas tal-STO f'dan il-każ kien preċiżament dak li ma ħax l-azzjoni attiva meħtieġa biex dawn il-Method Statements jiġu osservati. Li kieku huwa għamel xogħolu b'mod attiv, u preżenti fuq is-sit b'mod regolari, huwa setgħa jkun f'qagħda li jagħmel sorveljanza tajba u jara li l-kuntrattur iwettaq il-Method Statements skont kif imfaslin u li jiżgura li l-kuntrattur jaderixxi mal-obbligi kollha tiegħu kif imsemmija fir-regolamenti u f'każ fejn huwa jinnota kwalunkwe ksur ta' dawk ir-regolamenti, iwaqqaf ix-xogħol minnufih u jinnotifika lil perit u lill-Uffiċju għar-Regolament tal-Bini. Iżda dan ma seħħx kemm dakinhar meta kien hemm l-inċident tat-18 ta' Frar 2020 kif ukoll meta sar dan l-inċident tat-2 ta' Marzu 2020.

205. Method Statements isiru biex jiġu osservati mill-perit li jkun irrediġihom, mill-STO li jkun ikkollabora mal-perit li jkun irrediġihom

u li jkun irid jara li jiġu infurzati u mill-kuntrattur li jrid jimplimentahom. La darba jkunu saru dawn id-dikjarazzjonijiet iridu jiġu osservati. Jekk dawn il-metodi ma jiġux osservati, kull figura professjonali involuta li tonqos b'xi mod milli twettaq id-dmirijiet speċifiċi tagħha biex tara li dawn jiġu id-dikjarazzjonijiet tal-metodu jiġu osservati tkun passibbli taħt dan ir-regolament.  Dan ir-reat huwa intiż li jassigura li dikjarazzjonijiet tal-metodu jiġu osservati u allura biex jiġu evitati episodji fejn fuq il-karta jingħadu metodi mod u fil-prattika jiġu użati metodi oħra.  Din l-osservanza trid żgur titwettaq minn min irid jimplimenta din id-dikjarazzjoni tal-metodu, u allura l-kuntrattur. Iżda daqstant ieħor l-STO għandu d-dmir li jara li dik id-dikjarazzjoni tal-metodu tiġi infurzata għax jekk ma jagħmilx hekk dik id-dikjarazzjoni tal-metodu ma tkunx qed tiġi osservata.  Allura f'dan is-sens,   jekk l-STO jonqos milli jinforza d-dikjarazzjoni tal-metodu u jiżgura li x-xogħolijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-metodu jkunu qegħdin jiġu osservati skont kif imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-metodu u mhux b'metodi oħra, jkun ukoll passibbli taħt dan is-subregolament.

206. Għaldaqstant f'dan is-sens l-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ b'mod li allura MANGION għandu jiġi misjub ħati wkoll tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.  Iżda stante li dan in-nuqqas tiegħu huwa marbut ukoll mas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqis li għandu jkun hemm l-assorbiment għall-fini tal-piena.

## F. 3. Il-piena li ġiet inflitta fir-rigward ta' CAMILLERI u MANGION

207. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges’ (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ‘...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.” Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase ‘wrong in principle’. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ‘wrong in principle’) words to the effect that the sentence was ‘excessive’ or ‘manifestly excessive’. This does not, however, cast any doubt on Channell J’s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.”[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

208. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta’ Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta’ appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista’ tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta’ dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta’ sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment

għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

209. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

210. CAMILLERI u MANGION ikkommettew atti ta' negliġenza professjonali li assumew rilevanza penali kif spjegat iżjed il-fuq. Il-kontribuzzjoni diretta ta' din in-negliġenza professjonali ta' CAMILLERI u MANGION waslet, flimkien ma atti oħra kommessi minn terzi għall-event dannuż konsistenti fil-mewt ta' Miriam Pace u fil-ħsara inġenti lil proprjetajiet tal-parte civile. Il-parte civile sofrew

trawma enormi minħabba dan l-inċident. Ħajjithom ġiet imqallba ta' taħt fuq; filwaqt li xejn u ħadd ma jista' jerġa jreġġa' l-arloġġ lura.

211. Mill-banda l-oħra, jirriżulta li ntlaħaq ftehim għal riżarċiment ċivili bejn partijiet f'dan il-każ.

212. Fl-erogazzjoni tal-piena il-Qorti trid tieħu wkoll in konsiderazzjoni l-livell tar-responsabilita kif riflessa fil-grad ta' negliġenza professjonali ta' kull imputat misjub ħati u l-kontribut rispettiv għall-event dannuż. Kif irriżulta mir-relazzjoni tal-espert tekniku l-Professur Torpiano in-nuqqasijiet professjonali ta' CAMILLERI u MANGION ikkontribwew biex setgħa seħħ l-inċident fatali; iżda mingħajr dubju ma kienux il-kawża prinċipali għall-kollass tal-binja de quo.

213. Inoltre l-parte civile, filwaqt li insistew li l-ġustizzja trid issir fir-rigward ta' CAMILLERI u MANGION minħabba n-negliġenza professjonali li wrew f'dan il-każ, mill-banda l-oħra ma kienux qegħdin jinsistu li jekk l-appell tal-Avukat Ġenerali jiġi milqugħ, dawn jingħataw piena karċerarja effettiva.

214. Kwantu għal CAMILLERI, huwa ġie misjub ħati tar-reati msemmija fl-artikoli 225(1), 328(a)(d), u 188(1) tal-Kodiċi Kriminali nonche r-regolament 21(5) tal-Avviż Legali 136 tal-2019.

215. Kwantu għas-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 225 (1) tal-Kodiċi Kriminali il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

216. Kwantu għas-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 328(a)(d) tal-Kodiċi Kriminali jekk tiġri l-mewt ta' persuna għall-piena msemmija fl-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali iġifieri il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

217. Kwantu għall-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali il-piena prevista hija dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa: Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.

218. Kwantu għas-sejbien ta’ ħtija fir-rigward tar-regolament 21(5) tal-Avviż Legali 136 tal-2019, il-piena ta’ multa ta’ mhux aktar minn elf u ħames mitt euro (€1,500), mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li l-applikant jista’ jeħel taħt xi liġi oħra.

219. Kwantu għal MANGION huwa ġie misjub ħati tar-reat msemmija fl-artikoli 225(1), 328(a)(d) u r-regolament 21(3) tal-Avviż Legali 136 tal-2019.

220. Kwantu għas-sejbien ta’ ħtija taħt l-artikolu 225 (1) tal-Kodiċi Kriminali il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba’ snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

221. Kwantu għas-sejbien ta’ ħtija taħt l-artikolu 328(a)(d) tal-Kodiċi Kriminali jekk tiġri l-mewt ta’ persuna għall-piena msemmija fl-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali iġifieri il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minnerba’ snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

222. Kwantu għas-sejbien ta’ ħtija fir-rigward tar-regolament 21(3) tal-Avviż Legali 136 tal-2019, il-piena ta’ multa ta’ mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) u fil-każ ta’ reat permanenti, multa oħra ta’ ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li jkompli r-reat.

223. Din il-Qorti jidhrilha li l-ilment tal-Avukat Ġenerali f’dan il-każ jimmerita li jiġi milqugħ. Fl-aħħar mill-aħħar f’dan il-każ irriżulta li minħabba l-kontributorjeta ta’ CAMILLERI u MANGION mara innoċenti tilfet ħajjitha traġikament wara li kienet mwerwra f’darha sa minn meta bdew ix-xogħolijiet u mietet meta darha ġġarfet minħabba r-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ iż-żieda tal-piena karċerarja fil-forma sospiża hija dik idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

224. Il-piena tax-xogħol fil-komunita li kienet waħda fil-massimu fil-konfront ta’ CAMILLERI filwaqt li kienet qrib il-massimu fir-rigward ta’ MANGION u kienet ukoll piena indikattiva f’dan il-każ u sejra tiġi miżmuma.

225. Mill-banda l-oħra l-element tal-multa inflitta fl-ammonti li huma kważi fil-massimu mbagħad jirriżulta li ma ħadux kont ta’ dak dispost mill-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li:

persuna ħati ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien.

226. Dan allura jfisser illi fil-konfront ta' :

(a) CAMILLERI:

i. id-delitt l-iktar gravi huwa dak kontemplat fl-ewwel imputazzjoni li jipprovdi piena karċerarja jew il-piena tal-multa b'mod alternattiv;

ii. id-delitt fit-tieni imputazzjoni huwa kunsidrat anqas gravi minn dak imsemmi fl-ewwel imputazzjoni iżda jippreskrivi l-istess piena imsemmija għar-reat imputat fl-ewwel imputazzjoni u allura punibbli bil-piena tal-priġunerija jew tal-multa b'mod alternattiv;

iii. id-delitt imsemmi fit-tielet imputazzjoni huwa punibbli bil-piena tal-priġunerija jew tal-multa b'mod alternattiv;

iv. id-delitt imsemmi fir-raba' imputazzjoni huwa punibbli bil-piena tal-multa biss iżda jopera mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li l-applikant jista' jeħel taħt xi liġi oħra. Dan ir-reat imsemmi fir-raba' imputazzjoni jista' jitqies assorbit għall-fini ta' piena fit-tielet imputazzjoni li allura hija applikabbli għalih ukoll.

F'dan is-sens għalhekk ġjaladarba din il-Qorti tqis li l-piena ta' priġunerija hija dik l-iżjed idoneja għall-dan il-każ, u stante li l-piena tal-multa hija imponibbli b'mod alternattiv għal dik tal-priġunerija, din il-Qorti tqis li mhux possibbli li timponi l-piena multa u fl-istess waqt tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali stante li dan l-artikolu jispeċifika li persuna ħati ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs **<u>taż-żmien</u>** tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien – u allura mhux ukoll tal-multi meħudin flimkien.

(a) MANGION:

i. id-delitt l-iktar gravi huwa dak kontemplat fl-ewwel imputazzjoni li jipprovdi piena karċerarja jew il-piena tal-multa b'mod alternattiv;

ii. id-delitt fit-tieni imputazzjoni huwa kunsidrat anqas gravi minn dak imsemmi fl-ewwel imputazzjoni iżda jippreskrivi l-istess piena imsemmija għar-reat imputat fl-ewwel imputazzjoni u allura punibbli bil-piena tal-priġunerija jew tal-multa b'mod alternattiv;
iii. id-delitt imsemmi fil-ħames imputazzjoni huwa punibbli bil-piena tal-multa biss. Iżda kif imsemmi iżjed il-fuq, ir-responsabbilta ta' MANGION fir-rigward ta' din l-imputazzjoni titnissel minn-nuqqas tiegħu li wkoll sawwar l-ewwel imputazzjoni biex b'hekk jista' wkoll jitqies li huwa assorbit għall-fini ta' piena fl-ewwel imputazzjoni.

F'dan is-sens ukoll għalhekk ġjaladarba din il-Qorti tqis li l-piena ta' priġunerija hija dik l-iżjed idoneja għall-dan il-każ, u stante li l-piena tal-multa hija imponibbli b'mod alternattiv għal dik tal-priġunerija fir-rigward tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet u l-ħames imputazzjoni tista' titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni għall-fini tal-piena, din il-Qorti tqis li mhux possibbli li timponi l-piena multa u fl-istess waqt tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali stante li dan l-artikolu jispeċifika li persuna ħati ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs **taż-żmien** tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien – u allura mhux ukoll tal-multi meħudin flimkien.

# Deċide

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda :

A. Tiddisponi mir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali billi tiddeċiedi bil-mod segwenti:

a. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali fejn din talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat CAMILLERI ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu biex b'hekk din il-parti tas-sentenza appellata qegħda tiġi konfermata;

b. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali f'dik il-parti tiegħu fejn talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata fejn imponiet il-piena fuq Roderick CAMILLERI biex allura teroga piena komplessiva iżjed oneruża fil-konfront tiegħu b'mod li tirrispekkja l-gravita tar-reati kif dedotti kontra tiegħu in parti biex b'hekk tibdel is-sentenza appellata f'dik il-parti tal-piena bil-mod segwenti:
   i. Tħassaraha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' multa fl-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000);
   ii. Wara li rat ukoll l-artikoli 2, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti u l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminal qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **sentejn priġunerija** iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk **matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum** l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza; Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti **għal perjodu ta' sentejn millum**. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal

Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur; Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-ordni ta' superviżjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkonferma l-ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal **erba' mija u tmenin siegħa** f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness. A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

c. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali fejn talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn din lill-appellat MANGION ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u fejn illiberatu mit-tielet, raba' u sitt imputazzjoni biex b'hekk din il-parti tas-sentenza appellata qegħda tiġi konfermata;
d. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali fejn talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-Anthony MANGION mhux ħati tal-ħames imputazzjoni biex b'hekk din il-parti tas-sentenza appellata qegħda tiġi imħassra u minflok Anthony MANGION qiegħed bis-saħħa ta' din is-sentenza jiġi misjub ukoll ħati tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

e. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali f'dik il-parti tiegħu fejn talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata fejn imponiet il-piena fuq Anthony MANGION biex allura teroga piena komplessiva iżjed oneruża fil-konfront tiegħu b'mod li tirrispekkja l-gravita tar-reati kif dedotti kontra tiegħu u li tagħhom instab ħati minn din il-Qorti jiġifieri b'riferenza għall-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjonijiet: biex b'hekk tibdel is-sentenza appellata f'dik il-parti tal-piena bil-mod segwenti:
   i. Tħassaraha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' multa fl-ammont ta' tmint elef euro (€8,000);
   ii. Wara li rat ukoll l-artikoli 2, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti u l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminal qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **<u>ħmistax il-xahar priġunerija</u>** iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief **<u>jekk matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum</u>** l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza; Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti **<u>għal perijodu ta' sentejn millum</u>**. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun

responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur; Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-ordni ta' superviżjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkonferma l-ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal **erba' mitt siegħa** f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness. A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

f. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali fejn talbet li l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap tal-ispejjeż biex b'hekk din il-parti tas-sentenza appellata qegħda tiġi konfermata;

B. Tiddisponi mir-rikors tal-appell ta' Roderick CAMILLERI u Anthony MANGION billi:

a. Tiċħad l-appell interpost minn Roderick CAMILLERI;

b. Tilqa’ l-appell ta’ Anthony MANGION billi tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn sabitu mhux ħati tat-tielet, ir-raba’ u sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

c. Tiċħad l-appell ta’ Anthony MANGION f’dik il-parti fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassarha f’dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tilliberah minnhom u minflok tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan skont kif mistqarr fil-paragrafu A(c) ta’ dan id-decide;

d. Tiċħad l-appell ta’ Anthony MANGION f’dik il-parti fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn ma sabitux ħati tal-ħames imputazzjoni u minflok, kif imsemmi fil-paragrafu A(d) ta’ dan id-deċide ssib lil Anthony MANGION ħati wkoll tal-ħames imputazzjoni u soġġett għall-piena deċiża fil-paragrafu A(e) ta’ din is-sentenza;

e. Tiċħad l-appell ta’ Anthony MANGION f’dik il-parti fejn talab lil din il-Qorti tilliberah mill-piena imposta fuqu fir-rigward tas-sejbien ta’ ħtija fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minflok, tiddeċiedi in linea ma dak deċiż fil-paragrafu A(e) ta’ dan id-decide.

U safejn mhux mibdul b’din is-sentenza tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**ORDNI TA’ SERVIZZ FIL-KOMUNITA’**
(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA’ MALTA)

**Onor. Imħallef Dott. Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 28 ta’ Lulju 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Roderick CAMILLERI u**
**Anthony MANGION**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’ u billi b’sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Roderick CAMILLERI, KI 0245583M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’ ai termini tal-Artikoli 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta’ din l-Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’ (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor sakemm dan l-Ordni jibqa’ fis-seħħ ikun jista’ jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera’ li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta’ din l-Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’;

Għalhekk, tordna li l-ħati Roderick CAMILLERI, KI 0245583M u 103, Aurora, Triq San Piju V, r-Rabat, Malta jagħti **<u>erba mija u tmenin siegħa (480) xogħol/servizz fil-komunita’</u>** li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta’ Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’ taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ servizz fil-komunita’, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’, jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’ maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';
3. Li jwettaq b'mod sodisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;
4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;
5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita';

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti**.

________________________________

**Roderick CAMILLERI**

______________________________

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**
(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)

**Onor. Imħallef Dott. Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 28 ta' Lulju 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Roderick CAMILLERI u**
**Anthony MANGION**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Roderick CAMILLERI, KI 0245583M u residenti 103, Aurora, Triq San Piju V, r-Rabat, Malta ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħati ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess ħati wera li jrid iħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li Roderick CAMILLERI, KI 0245583M jkun għal perjodu ta' sentejn millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-counselling li jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħati jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi uffiċjal, u li javża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;
3. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;
4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

**Roderick CAMILLERI**, KI 0245583M

……………………………………..
**Christianne Borg,**
Deputat Reġistratur

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'**
(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Onor. Imħallef Dott. Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 28 ta' Lulju 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Roderick CAMILLERI u**
**Anthony MANGION**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Anthony MANGION, KI 0625047M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Għalhekk, tordna li l-ħati Anthony MANGION, KI 0625047M u 68, Victoria, Triq Reggie Miller, Gzira jagħti **erba mitt siegħa (400) xogħol/servizz fil-komunita'** li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';
3. Li jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;
4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;
5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita';

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti**.

________________________________

**Anthony MANGION**, KI 0625047M

______________________________

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**ORDNI TA’ SUPERVIŻJONI**
(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)

**Onor. Imħallef Dott. Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 28 ta’ Lulju 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Roderick CAMILLERI u**
**Anthony MANGION**

Il-Qorti,

Billi b’sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Anthony MANGION, KI 0625047M u residenti 68, Victoria, Triq Reggie Miller, Gzira ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Superviżjoni l-ħati ġie mpoġġi taħt Ordni ta’ Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta’ din l-Ordni ta’ Superviżjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess ħati wera li jrid iħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li Anthony MANGION, KI 0625047M jkun għal perjodu ta’ sentejn millum taħt is-sorveljanza ta’ Uffiċjal ta’ Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-counselling li jista’ jkun meħtieġ minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħati jibqa’ f’kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista’ minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi uffiċjal, u li javża lill-imsemmi uffiċjal b’kull tibdil fl-indirizz tiegħu;

3. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f’kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

**TORDNA** li kopja ta’ dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

**Anthony MANGION, KI 0625047M**

……………………………………..
**Christianne Borg,**
Deputat Reġistratur

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**